

Brussell, 8 ta' Diċembru 2025
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0124(COD)

12331/1/25
REV 1

MI 605
ENT 149
ENV 786
CHIMIE 76
IND 321
CONSUM 159
SAN 530
CODEC 1183
PARLNAT

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta'
REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar
deterġenti u aġenti tensjoattivi, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru
648/2004
- Adottata mill-Kunsill fit-8 ta' Diċembru 2025

REGOLAMENT (UE) 2025/...
TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta' ...

dwar deterġenti u aġenti tensjoattivi, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 648/2004

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja²,

¹ ĠU C 349, 29.9.2023, p. 121.

² Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-27 ta' Frar 2024 (ĠU C, C/2025/1354, 17.3.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2025/1354/oj>) u pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tat-8 ta' Diċembru 2025 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali). Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' ... (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) Il-kundizzjonijiet għall-introduzzjoni fis-suq, u għat-tqegħid fis-suq, ta' deterġenti u aġenti tensjoattivi għad-deterġenti ġew armonizzati permezz tar-Regolament (KE) Nru 648/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³. Dak ir-Regolament jistipula r-rekwiżiti relatati mal-bijodegrabbiltà tal-aġenti tensjoattivi, ir-restrizzjonijiet jew il-projbizzjonijiet fuq l-aġenti tensjoattivi għal raġunijiet ta' bijodegrabbiltà, il-limitazzjoni fuq il-kontenut tal-fosfati u ta' komposti oħra tal-fosforu fid-deterġent tal-ħasil tal-ħwejjeġ għall-konsumaturi u fid-deterġent tal-magni tal-ħasil tal-platti awtomatiċi għall-konsumaturi, l-informazzjoni li l-manifatturi għandhom iżommu għad-disponibbiltà tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u għall-persunal mediku, u r-regoli dwar it-tikkettar tad-deterġenti, inkluż fir-rigward tal-fwejjaħ allerġeniċi.
- (2) L-evalwazzjoni tal-Kummissjoni tar-Regolament (KE) Nru 648/2004 kkonkludiet li dak ir-Regolament laħaq il-biċċa l-kbira tal-oġettivi tiegħu. Madankollu, dik l-evalwazzjoni identifikat ukoll għadd ta' dgħufijiet u oqsma għal aktar titjib. F'dawn l-aħħar snin, il-qafas regolatorju għas-sustanzi kimiċi nbidel radikalment, u ħoloq duplikazzjonijiet u nuqqas ta' koerenza fir-regoli applikabbli għad-deterġenti u b'mod partikolari r-rekwiżiti ta' informazzjoni rilevanti. Għalhekk hemm bżonn li tiġi żgurata l-konsistenza u jiġu eliminati r-rekwiżiti ta' informazzjoni duplikati.

³ Ir-Regolament (KE) Nru 648/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar deterġenti (ĠU L 104, 8.4.2004, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2004/648/oj>).

- (3) Ċerti żviluppi ġodda fis-suq, b'mod partikolari l-iżvilupp ta' deterġenti li fihom mikroorganismi u l-bejgħ tar-rikariki ta' deterġenti, jew mhuma koperti xejn mir-Regolament (KE) Nru 648/2004 jew huma koperti parzjalment. Barra minn hekk, l-għadd ta' prodotti offruti għall-bejgħ fuq l-Internet qed jiżdied u bejgħ online bħal dan joħloq problemi ta' infurzar f'sitwazzjonijiet fejn la hemm manifattur stabbilit fl-Unjoni u lanqas importatur. Min-naħa l-oħra, id-diġitalizzazzjoni toffri opportunitajiet għas-simplifikazzjoni, għat-tnaqqis tal-piżijiet u għaż-żieda fil-faċilità tal-użu u l-fehim tal-informazzjoni dwar is-sikurezza u l-użu li bħalissa huma mixtieqa. Għalhekk huwa meħtieġ li jitqiesu l-prodotti u l-prattiki ġodda u jiżdiedu l-isforzi ta' diġitalizzazzjoni f'konformità mal-oġġettivi ġenerali tal-Unjoni, speċjalment f'termini ta' sostenibbiltà u t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali. Barra minn hekk, il-bejgħ tar-rikariki jenħtieġ li jiġi inkoraġġut bħala miżura speċifika għall-prevenzjoni tal-iskart meħtieġa biex jintlaħqu l-miri tal-użu mill-ġdid u tar-rikarika, f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew li jinsab fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019, u l-Pjan ta' Azzjoni l-ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari għal Ewropa aktar nadifa u kompetittiva, li jinsab fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Marzu 2020. Sabiex it-tranżizzjoni tal-Unjoni timxi aktar lejn ekonomija ċirkolari, jenħtieġ li l-użu mill-ġdid u l-mili mill-ġdid tal-imballaġġ jiġu inkoraġġuti u promossi. L-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li jagħmlu hilitom ukoll biex iqiegħdu d-deterġenti fis-suq għall-konsumaturi f'forom oħra ta' bejgħ sostenibbli, pereżempju fl-imballaġġ riċiklabbli li jippermetti lill-konsumaturi jerġgħu jimlew l-imballaġġ xieraq id-dar, filwaqt li jiżguraw is-sikurezza tal-konsumaturi.

- (4) Il-Kontroll tal-Idoneità tal-aktar leġiżlazzjoni rilevanti dwar is-sustanzi kimiċi, li ma nkludix ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴, issottolinja l-kumplessità tal-qafas regolatorju tal-Unjoni għas-sustanzi kimiċi u attribwixxa dik il-kumplessità għall-għadd kbir ta' atti legali interkonnessi li huma speċifiċi għall-prodott u speċifiċi għas-settur. Il-Kontroll tal-Idoneità indika li l-problemi ta' infurzar huma rrapportati mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq dwar prodotti li jidħlu fl-Unjoni minn pajjiżi terzi permezz ta' bejgħ online. Indika wkoll li hemm lok għal simplifikazzjoni fil-komunikazzjoni tal-informazzjoni permezz ta' tikketti lill-utenti tal-prodotti u sab li bħalissa mhux qed jittieħed gwadann mill-użu ta' għodod innovattivi għall-komunikazzjoni tal-informazzjoni dwar il-prodott. Għalhekk hemm bżonn li r-regoli attwali jiġu ssimplifikati sabiex jitnaqqas il-piż fuq l-operaturi ekonomiċi, jitjieb il-fehim tal-konsumatur u tiġi ffaċilitata s-sorveljanza tas-suq. Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 648/2004 jiġi sostitwit.
- (5) Id-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵ tistabbilixxi l-prinċipji komuni u d-dispożizzjonijiet ta' referenza maħsuba biex japplikaw fil-leġiżlazzjoni settorjali kollha sabiex jipprovdu bażi koerenti għal reviżjoni ta' dik il-leġiżlazzjoni. Il-qafas legali l-ġdid għad-deterġenti u għall-aġenti tensjoattivi jenħtieġ li jiġi allinjat sa fejn ikun possibbli ma' dawk il-prinċipji komuni u d-dispożizzjonijiet ta' referenza.

⁴ Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1907/oj>).

⁵ Id-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar qafas komuni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti u li tħassar id-Deċiżjoni 93/465/KEE (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 82, ELI: [http://data.europa.eu/eli/dec/2008/768\(1\)/oj](http://data.europa.eu/eli/dec/2008/768(1)/oj)).

- (6) Sabiex jiġu żgurati ċ-ċertezza legali u kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-operaturi ekonomiċi, jenħtieġ li d-definizzjoni eżistenti ta' "deterġent" tiġi estiża biex tkopri d-deterġenti li għadhom kif ġew żviluppati li fihom mikroorganiżmi miżjuda intenzjonalment. Jenħtieġ li dik id-definizzjoni tkopri wkoll prodotti li jappoġġaw il-proċess tat-tindif meta jintużaw flimkien ma' deterġent tal-ħasil tal-ħwejjeġ jew ma' deterġent tal-magni tal-ħasil tal-platti awtomatiċi, kif ukoll prodotti li jimmodifikaw ir-riħa tad-drapp, minħabba r-rwol anċillari li daww il-prodotti għandhom biex jaqdu l-funzjoni ta' tindif. Ir-referenzi għal superfiċje jinkludu wċuh il-frott u l-ħxejjex.
- (7) Peress li l-aġenti tensjoattivi huma l-ingredjenti ewlenin fid-deterġenti, jenħtieġ li r-rekwiżiti eżistenti tal-bijodegradabbiltà jinżammu. Peress li l-aġenti tensjoattivi jinbiegħu primarjament fi tranżazzjonijiet minn negozju għal negozju sabiex jintużaw fil-manifattura tad-deterġenti, dawn ma hemmx bżonn li jkunu soġġetti għall-istess rekwiżiti bħad-deterġenti. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli minimi għall-aġenti tensjoattivi, jiġifieri regoli dwar l-informazzjoni tat-tikkettar u l-obbligu tal-manifatturi li jfasslu dokumentazzjoni teknika. Sabiex tiġi evitata tqegħid ta' piż amministrattiv żejjed, jenħtieġ li l-manifattur ikun obligat li jgħodq passaport diġitali tal-prodott u jipprovdi l-iskeda tad-data tal-ingredjenti għal reazzjoni ta' emerġenza relatata mas-saħħa biss fejn l-aġenti tensjoattivi jitqiegħdu direttament fis-suq għad-dispożizzjoni tal-konsumaturi jew tal-utenti finali oħrajn. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet dwar il-bejgħ ta' rikariki jenħtieġ li japplikaw ukoll għall-aġenti tensjoattivi għall-utenti finali.
- (8) Il-Patt Ekoloġiku Ewropew stabbilixxa l-għan li jiġu protetti aħjar is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent bħala parti minn approċċ ambizzjuż biex jiġi indirizzat it-tniġġis mis-sorsi kollha u biex nimxu lejn ambjent ħieles mit-tossiċità. Bħala parti minn dak l-approċċ, dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkomplementa r-regoli stabbiliti fl-istrumenti leġislattivi eżistenti.

- (9) Peress li l-Unjoni diġà għandha wieħed mill-aktar oqfsa regolatorji komprensivi u protettivi għas-sustanzi kimiċi, appoġġat mill-bażi tal-għarfien l-aktar avvanzata fid-dinja, dan ir-Regolament ma jaffettwax l-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni eżistenti fir-rigward tal-aspetti tal-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, tas-sikurezza u tal-ambjent mhux koperti minn dan ir-Regolament. Jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika, b'mod partikolari, mingħajr preġudizzju għar-Regolamenti (KE) Nru 1907/2006, (KE) Nru 1272/2008⁶ u (UE) Nru 528/2012⁷ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
- (10) L-aġenti tensjoattivi huma aġenti li jaħdmu fuq is-superficcje li jgħinu biex ikissru l-interfaċċa bejn l-ilma u ż-żjut jew il-ħmieġ. Huma wieħed mill-ingredjenti ewlenin użati fid-deterġenti. L-aġenti tensjoattivi jistgħu, madankollu, joħlqu riskju għall-ambjent peress li jintremew fis-sistemi tad-drenaġġ jew direttament fl-ilma tal-wiċċ. Biex jiġi evitat kwalunkwe effett negattiv li l-aġenti tensjoattivi jista' jkollhom fuq l-ambjent, hu meħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti li jiżguraw li l-aġenti tensjoattivi jkunu kompletament bijodegradabbli, kemm jekk jiġu introdotti fis-suq waħedhom u jkunu maħsuba għall-użu fid-deterġenti kif ukoll jekk ikunu jinsabu fid-deterġenti.

⁶ Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2008/1272/oj>).

⁷ Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2012/528/oj>).

(11) Xi sustanzi użati fid-deterġenti, għajr aġenti tensjoattivi, jistgħu jibqgħu fl-ilma mormi wara l-użu u, jekk ma jitneħħewx mill-operaturi tal-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi permezz ta' proċessi li jiswew ħafna flus, dawn jippersistu u jinġemgħu fl-ambjent. Sabiex tiġi ffaċilitata l-innovazzjoni u jiġu indirizzati r-riskji potenzjali għas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, u sabiex jiġu appoġġati l-oġettivi tad-Direttiva (UE) 2024/3019 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸, jenħtieġ li jiġu stabbiliti miri ambizzjużi għall-introduzzjoni ta' kriterji ta' bijodegradabbiltà u metodi korrispondenti tal-ittestjar għall-ingredjenti l-oħra fid-deterġenti, bil-prijorità mogħtija lill-ingredjenti b'impatti potenzjalment oġħla fuq l-ambjent. Jenħtieġ li l-Kummissjoni, fl-ewwel stadju, tiżviluppa kriterji ta' bijodegradabbiltà għal riti polimeriċi li jinħallu fl-ilma użati biex jinkapsulaw id-deterġenti u għall-polimeri kollha f'tali riti, u fit-tieni stadju jenħtieġ li tiżviluppa tali kriterji għal sustanzi organiċi oħra użati f'konċentrazzjoni għolja fid-deterġenti, li jirrappreżentaw mill-anqas 10 % tal-prodott. Sabiex jiġi żgurat trattament ugwali bejn il-prodotti irrispettivament mill-forma likwida jew solida tagħhom u sabiex tiġi evitata d-dilwizzjoni, dak il-perċentwal jenħtieġ li jiġi kkalkulat mill-massa totali tas-sustanzi, inkluż diversi solventi, mingħajr ma jitqies il-kontenut tal-ilma. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiddetermina wkoll metodi ta' ttestjar xierqa, biex tiżgura l-implimentazzjoni uniformi u s-sorveljanza effettiva tas-suq madwar l-Unjoni. Barra minn hekk, għal raġunijiet ta' ċarezza legali u prevedibbiltà, jenħtieġ li jiġu stipulati skedi ta' żmien realistiċi għall-manifatturi biex jadattaw il-preparati tal-prodotti tagħhom biex jissodisfaw il-kriterji ta' bijodegradabbiltà li għandhom jiġu żviluppati mill-Kummissjoni jew għar-riti jew għall-polimeri fir-riti u s-sustanzi organiċi f'konċentrazzjonijiet għolja.

⁸ Id-Direttiva (UE) 2024/3019 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2024 dwar it-trattament tal-ilma mormi urban (ĠU L, 2024/3019, 12.12.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2024/3019/oj>).

Sabiex tiġi żgurata l-flessibbiltà tar-regoli f'każijiet debitament ġustifikati, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tintroduċi derogi mir-rekwiżiti tal-bijodegradabbiltà biex tiżgura li l-effiċjenza, id-disponibbiltà u l-affordabbiltà tad-deterġenti ma jiġux affettwati. Fl-aħħar nett, biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta wkoll il-fattibbiltà tal-introduzzjoni ta' kriterji ta' bijodegradabbiltà għas-sustanzi organiċi preżenti f'konċentrazzjonijiet aktar baxxi jew tat-tnaqqis tal-limitu minimu. Tali approċċ komprensiv u fi stadji lejn il-bijodegradabbiltà jenħtieġ li jiżgura progress kostanti lejn prodotti bijodegradabbli, fi skedi ta' żmien realistiki. Sabiex il-manifatturi jingħataw iż-żmien jadattaw il-preparati tal-prodott, jenħtieġ li jingħataw perjodi ta' tranżizzjoni suffiċjenti u jenħtieġ li jiġu stabbiliti kriterji rilevanti tal-ittestjar minn qabel sew.

- (12) Il-fosforu huwa ingredjent ewlieni ieħor użat fid-deterġenti. Madankollu, il-fosforu u l-komposti tiegħu jistgħu jikkawżaw ħsara lill-ekosistemi u lill-ambjenti akkwatiċi peress li jikkontribwixxu għall-ewtrofikazzjoni. Huwa mistenni li jsir progress sinifikanti għall-irkupru tal-fosforu mill-ilma mormi urban skont id-Direttiva (UE) 2024/3019. Madankollu, importanti li l-kwistjoni tibqa' tiġi indirizzata fras il-għajn bil-limitazzjoni tal-kontenut tal-fosforu fit-tipi ta' deterġenti li jintużaw fl-ogħla volumi. Għalhekk, sabiex jibqa' jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni lill-ambjent, u sabiex jitnaqqas il-kontribut tad-deterġenti għall-ewtrofikazzjoni, huwa meħtieġ li li jinżammu l-limiti armonizzati fuq il-kontenut tal-fosfati u ta' komposti tal-fosforu fid-deterġenti tal-ħasil tal-ħwejjeġ għall-konsumaturi u fid-deterġenti tal-magni tal-ħasil tal-platti awtomatiċi għall-konsumaturi. Minħabba l-konsegwenzi sinifikanti li jista' jkollha l-ewtrofikazzjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta l-fattibbiltà li tkompli tnaqqas tali limiti u li tintroduċi limiti ġodda għal kategoriji oħra ta' prodotti u, fejn xieraq, tadotta proposta biex temenda tali elementi essenzjali ta' dan ir-Regolament.

- (13) F'dawn l-aħħar snin, ġew żviluppanti prodotti ġodda tat-tindif li fihom mikroorganiżmi ħajjin bħala ingredjenti attivi. Il-mikroorganiżmi għandhom il-bijoloġija u r-rispons proprji tagħhom għall-ambjent. Minħabba l-kapaċità tagħhom li jipproliferaw, hemm differenza ċara bejn id-deterġenti konvenzjonali u dawk mikrobiċi. Għalhekk, il-perikli inerenti u r-riskji li jinħolqu ma humiex neċessarjament tal-istess natura bħal dawk ippreżentati mis-sustanzi kimiċi, speċjalment fir-rigward tal-kapaċità tal-mikroorganiżmi li jissopravvivo u jimmultiplikaw f'ambjenti differenti u li jipproduċu firxa ta' metaboliti u tossini differenti ta' sinifikat tossikoloġiku potenzjali.
- (14) Peress li l-mikroorganiżmi ma humiex soġġetti għal reġistrazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 jew kwalunkwe liġi oħra tal-Unjoni li tirrikjedi li l-manifatturi juru li l-użu maħsub huwa sikur, jenħtieġ li dawn ikunu eliġibbli għall-użu fid-deterġenti biss sal-punt li jkunu ġew identifikati b'mod ċar u bl-appoġġ ta' data li turi li l-użu tagħhom huwa sikur. Għalhekk jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli armonizzati li jirregolaw l-użu sikur tal-mikroorganiżmi fid-deterġenti. Sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent u kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-operaturi ekonomiċi, jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi metodoloġija għall-valutazzjoni tar-riskju ta' deterġenti li fihom mikroorganiżmi. Tali metodoloġija jenħtieġ li tkun komprensiva kemm jista' jkun u tkopri r-riskji magħrufa kollha, inkluż għal kategoriji speċifiċi ta' prodotti bħal dawk f'format ta' sprej jew dawk li jintużaw fuq superfiċje f'kuntatt mal-ikel.

- (15) F'konformità mad-Direttiva 2010/63/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹, jeħtieġ li l-ittestjar fuq l-annimali jiġi sostitwit, imnaqqas jew irfinat, bil-ħsieb li l-użu tal-annimali għall-ittestjar jiġi eliminat gradwalment kemm jista' jkun malajr. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-introduzzjoni fis-suq ta' deterġenti u ta' aġenti tensjoattivi li kienu s-suġġett ta' ttestjar fuq l-annimali sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament tiġi pprojbita b'mod ġenerali waqt li xorta jibqa' permess l-użu ta' data storika. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tipprevedi deroga, fejn xieraq, biex tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, u jenħtieġ li tikkomunika lill-Istati Membri u lill-operaturi ekonomiċi rilevanti kwalunkwe deċiżjoni bħal din li tagħti deroga.
- (16) Sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni fl-interess pubbliku, u sabiex tiġi ggarantita kompetizzjoni leali fis-suq intern, jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi jkunu responsabbli għall-konformità tad-deterġenti u tal-aġenti tensjoattivi ma' dan ir-Regolament fir-rigward tar-rwoli rispettivi tagħhom fil-katina tal-provvista. Kull meta jkun xieraq, jenħtieġ li l-manifatturi u l-importaturi jwettqu testijiet ta' kampjun tad-deterġenti u tal-aġenti tensjoattivi li jkunu qiegħdu fis-suq, sabiex jipproteġu s-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi u tal-ambjent.

⁹ Id-Direttiva 2010/63/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 dwar il-protezzjoni tal-annimali li jintużaw għal skopijiet xjentifiċi (ĠU L 276, 20.10.2010, p. 33, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2010/63/oj>).

- (17) Jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi kollha li jintervjenu fil-katina tal-provvista u tad-distribuzzjoni jieħdu miżuri xierqa u effettivi biex jiżguraw li fis-suq tal-Unjoni jqiegħdu biss deterġenti u aġenti tensjoattivi li jkunu konformi ma' dan ir-Regolament. Għalhekk, jeħtieġ li tiġi prevista distribuzzjoni ċara u proporzjonata tal-obbligi li jikkorrispondu għar-rwol ta' kull operatur ekonomiku fil-katina tal-provvista u tad-distribuzzjoni.
- (18) Sabiex l-operaturi ekonomiċi jkunu jistgħu juru li d-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi mqiegħda fis-suq jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, u sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jivverifikaw dan, hu meħtieġ li tiġi prevista proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità. Id-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE tistabbilixxi moduli għall-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità, mill-anqas stretti sal-aktar stretti, fi proporzjon mal-livell ta' riskju involut u l-livell ta' sikurezza meħtieġ. Sabiex tiġi żgurata l-koerenza intersettorjali u biex jiġu evitati varjanti ad hoc, dik id-Deċiżjoni tispeċifika l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li jistgħu jintgħażlu minn fost dawk il-moduli.

- (19) Il-manifatturi, li għandhom għarfien dettaljat tad-disinn u tal-proċess tal-produzzjoni, jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex jiżguraw il-konformità tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv ma' dan ir-Regolament. Għalhekk jenħtieġ li l-manifatturi jkunu l-uniċi responsabbli għat-twettiq tal-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità għad-deterġenti u għall-aġenti tensjoattivi. Il-Modulu A li jinsab fl-Anness II tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE jenħtieġ li jkun applikabbli għall-valutazzjoni tal-konformità tad-deterġenti u tal-aġenti tensjoattivi. Il-manifatturi jenħtieġ li jiġbru wkoll id-dokumentazzjoni teknika li turi l-konformità tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv mar-regoli u l-metodi ta' ttestjar rilevanti.
- (20) Ladarba d-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi jistgħu jdumu fuq l-ixkaffa għal żmien twil u sabiex tiġi żgurata l-koerenza mar-rekwiżiti li tinżamm id-dokumentazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 li huma applikabbli għall-maġġoranza tad-deterġenti, jenħtieġ li l-manifatturi jżommu d-dokumentazzjoni teknika, il-passaport diġitali tal-prodott u, meta applikabbli, it-tikketta diġitali għal perjodu ta' 10 snin mid-data li fiha d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv kopert minn dik id-dokumentazzjoni teknika, mill-passaport diġitali tal-prodott jew mit-tikketta diġitali jkun ġie introdott fis-suq.

- (21) Biex tiġi ffaċilitata l-konformità tal-manifatturi mal-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-manifatturi stabbiliti fl-Unjoni jkunu jistgħu jaħtru rappreżentant awtorizzat biex iwettaq kompiti speċifiċi fisimhom. Tali haħra jenħtieġ li tkun valida biss meta tiġi aċċettata bil-miktub mir-rappreżentant awtorizzat. Barra minn hekk, sabiex tiġi żgurata distribuzzjoni ċara u proporzjonata tar-responsabbiltajiet bejn il-manifattur u r-rappreżentant awtorizzat, hu meħtieġ li tingħata l-lista tal-kompiti li jenħtieġ li jiġu fdati lir-rappreżentant awtorizzat mill-manifatturi, kif ukoll il-lista ta' kompiti li ma jistgħux jiġu ddelegati. Barra minn hekk, sabiex jiġu żgurati l-infurzabbiltà u l-effettività tar-rekwiżiti tas-sorveljanza tas-suq u jiġi żgurat li d-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi konformi biss jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni, jenħtieġ li dejjem ikun hemm entità stabbilita fl-Unjoni responsabbli għall-kollegament mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u għall-iżgurar tal-konformità ma' dan ir-Regolament. Għal dak l-għan, il-manifatturi stabbiliti barra mill-Unjoni jenħtieġ li jaħtru rappreżentant awtorizzat stabbilit fl-Unjoni fir-rigward tad-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi li jqiegħdu fis-suq tal-Unjoni permezz ta' bejgħ mill-bogħod, inkluż permezz ta' swieq online. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament ikun fih lista ta' kompiti addizzjonali li bihom tali manifatturi jridu jafdaw lir-rappreżentanti awtorizzati. Dik il-lista jenħtieġ li tinkludi obbligu li jsiru l-aħjar sforzi biex jiġi vverifikat li l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni pprovduti mill-manifattur juru konformità ma' dan ir-Regolament. Tali obbligu jenħtieġ li jinftiehem bħala verifika bbażata fuq id-dokumenti, peress li r-rappreżentant awtorizzat jenħtieġ li ma jkunx mitlub jwettaq investigazzjonijiet dettaljati jew analiżijiet eżawrjenti tal-konformità. Dan jiżgura protezzjoni xierqa tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent filwaqt li jirrispetta, f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, ir-rwol u l-kapaċitajiet partikolari tar-rappreżentanti awtorizzati.

- (22) Bil-għan li tiġi ffaċilitata l-komunikazzjoni bejn l-operaturi ekonomiċi, l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq u l-konsumaturi, jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi jindikaw u jaġġornaw id-dettalji ta' kuntatt tagħhom, bħal numru tat-telefown minbarra l-indirizz postali u dak elettroniku jew kanali oħra ta' komunikazzjoni.
- (23) Sabiex jiġi ssalvagwardjat il-funzjonament tas-suq intern u biex jiġi żgurat li jintlaħaq l-oġġettiv li jiġi pprovdut livell għoli ta' protezzjoni lis-saħħa tal-bniedem u lill-ambjent, hu meħtieġ li jiġi stabbilit li d-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi minn pajjiżi terzi li jidħlu fis-suq tal-Unjoni, inkluż permezz ta' bejgħ online, jikkonformaw ukoll ma' dan ir-Regolament. B'mod partikolari, jeħtieġ li jkun żgurat li l-manifatturi jkunu wettqu proċeduri xierqa ta' valutazzjoni tal-konformità fir-rigward ta' dawk il-prodotti. Hu meħtieġ ukoll li jiġu stabbiliti regoli għall-importaturi biex jiġi żgurat li d-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi introdotti fis-suq jikkonformaw ma' dawk ir-rekwiżiti. L-importaturi u r-rappreżentanti awtorizzati jenħtieġ li jiżguraw li d-dokumentazzjoni mfassla mill-manifatturi tkun disponibbli għall-ispezzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Jenħtieġ li jkun previst li l-importaturi u, fejn applikabbli, ir-rappreżentanti awtorizzati jiżguraw li jkun inħoloq passaport diġitali tal-prodott għad-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi għall-utenti finali.
- (24) Peress li l-importaturi jaqdu rwol ewlieni biex jiggarrantixxu l-konformità tad-deterġenti u tal-aġenti tensjoattivi importati fis-suq tal-Unjoni, jenħtieġ li meta jintroduċu fis-suq deterġent jew aġent tensjoattiv, l-importaturi jindikaw fuq it-tikketta tal-prodott isimhom, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trade mark irreġistrata tagħhom, kif ukoll l-indirizz postali u dak elettroniku tagħhom u n-numru tat-telefown.

- (25) Peress li d-distributuri jqiegħdu deterġent jew aġent tensjoattiv fis-suq wara li dawn ikunu ġew introdotti fis-suq mill-manifattur jew mill-importatur, jenħtieġ li d-distributuri jaġixxu bl-attenzjoni dovuta fir-rigward tar-rekwiżiti applikabbli. Jenħtieġ li d-distributuri jiżguraw ukoll li meta jimmaniġġaw id-deterġent jew l-aġent tensjoattiv ma jaffettwawx ħażin il-konformità tagħhom mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.
- (26) Peress li d-distributuri, l-importaturi u, fejn applikabbli, ir-rappreżentanti awtorizzati huma qrib is-suq u jaqdu rwol importanti biex jiżguraw il-konformità tal-prodott, jenħtieġ li jkunu involuti fil-kompiti ta' sorveljanza tas-suq imwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, u jenħtieġ li jkunu lesti li jieħdu sehem attiv, billi jagħtu l-informazzjoni kollha meħtieġa lil dawk l-awtoritajiet fir-rigward tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv ikkonċernat.
- (27) L-importaturi u d-distributuri li jew jintroduċu deterġent jew aġent tensjoattiv fis-suq f'isimhom jew bit-trade mark tagħhom jew jimmodifikaw deterġent jew aġent tensjoattiv b'tali mod li l-konformità ma' dan ir-Regolament tista' tiġi affettwata, jenħtieġ li jitqiesu bħala manifatturi u għaldaqstant jenħtieġ li jassumu l-obbligi tal-manifatturi. Bl-istess mod, l-importaturi u d-distributuri li jqiegħdu fis-suq għall-utenti finali aġent tensjoattiv li ma ġiex prodott għall-provvista lill-utenti finali iżda lill-produtturi tad-deterġenti, jenħtieġ li jassumu r-rwol tal-manifatturi u, fost l-oħrajn, joħlqu passaport diġitali tal-prodott. F'każijiet oħra, jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi li kull ma jagħmlu huwa li jimballaw jew jimballaw mill-ġdid deterġent jew aġent tensjoattiv li diġà jkun ġie introdott fis-suq minn operaturi ekonomiċi oħra jkunu jistgħu juru li dik il-konformità ma' dan ir-Regolament ma ġietx affettwata, billi jindikaw l-identità tagħhom fuq il-pakkett u billi jżommu kopja tal-informazzjoni tat-tikkettar oriġinali. L-attivitajiet tal-imballaġġ u tal-imballaġġ mill-ġdid jenħtieġ li jinftiehm u bħala li jipprovdu prodotti lill-utenti finali f'imballaġġ individwali u jenħtieġ li ma jkoprux il-bejgħ tal-mili mill-ġdid.

- (28) Peress li d-deterġenti industrijali u istituzzjonali jintużaw minn persunal speċjalizzat barra mill-isfera domestika, huma soġġetti għal rekwiżiti differenti mid-deterġenti tal-konsumaturi. Sabiex jiġu evitati riskji għas-saħħa tal-konsumaturi jew għall-ambjent u biex jiġu ffaċilitati l-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq, id-deterġenti industrijali u istituzzjonali jenħtieġ li jiġu identifikati b'mod ċar mit-tikketta tagħhom.
- (29) Sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni lis-saħħa tal-bniedem, minħabba d-disponibbiltà mifruxa ta' deterġenti u aġenti tensjoattivi għall-utenti finali u r-riskju għoli ta' avvelenament aċċidentali, partikolarment fost it-tfal, jenħtieġ li l-korpi tal-Istati Membri maħtura skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 li jappoġġaw ir-rispons għal emerġenza tas-saħħa jkollhom aċċess għal informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar il-kompożizzjoni tad-deterġenti u tal-aġenti tensjoattivi għall-utenti finali, anke jekk mhux mitlub skont dak ir-Regolament. Għalhekk, qabel ma tali prodotti jitqiegħdu fis-suq, il-manifatturi u, fejn applikabbli, l-importaturi jew ir-rappreżentanti awtorizzati tagħhom jenħtieġ li jipprovdu skeda tad-data dwar l-ingredjenti għad-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi għall-utenti finali li huma taħlitiet li mhumiex perikolużi għas-saħħa tal-bniedem. Barra minn hekk, jenħtieġ li d-distributori li jqiegħdu l-prodotti fis-suq fl-Istati Membri għajr dawk li fihom il-prodotti huma diġà disponibbli, jipprovdu wkoll l-iskeda tad-data dwar l-ingredjenti. Sabiex tiġi ottimizzata l-komunikazzjoni tal-informazzjoni, jenħtieġ li l-obbligi f'dan ir-Regolament jibnu fuq is-sistema marbuta mar-rispons ta' emerġenza tas-saħħa diġà stabbilit skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008, peress li diġà huwa familjari ma' ħafna operatori ekonomiċi u ċentri għat-trattament ta' avvelenament. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi biex jiġi ssodisfat l-obbligu li tiġi pprovduta l-iskeda tad-data dwar l-ingredjenti.

- (30) It-tikketti jikkomunikaw lill-utenti informazzjoni importanti dwar l-użu u s-sikurezza, pereżempju l-preżenza f'deterġenti u aġenti tensjoattivi ta' sensitizzaturi tal-ġilda jew dawk respiratorji bħal fwejjaħ allerġeniċi, preservattivi jew enzimi. Billi tiġi pprovduta informazzjoni dwar il-kontenut ta' dawk is-sustanzi fuq it-tikketti tad-deterġenti u tal-aġenti tensjoattivi, huwa possibbli għall-utenti b'allerġiji jew bi predispożizzjonijiet allerġiċi li jagħmlu għażliet infurmati, u b'hekk jitnaqqsu r-reazzjonijiet potenzjali relatati mal-użu tad-deterġenti u tal-aġenti tensjoattivi. Għalhekk jeħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti ta' tikkettar għad-deterġenti u għall-aġenti tensjoattivi.
- (31) Peress li t-tikkettar tad-deterġenti u tal-aġenti tensjoattivi jista' jkun kopert minn diversi atti legali tal-Unjoni, l-informazzjoni fuq it-tikketti tad-deterġenti u tal-aġenti tensjoattivi jeħtieġ li tiġi simplifikata sabiex meta tkun meħtieġa informazzjoni simili li tirriżulta minn atti legali differenti tal-Unjoni fuq it-tikketti tad-deterġenti u tal-aġenti tensjoattivi, dik l-informazzjoni tingħata darba biss f'konformità mar-regoli aktar stretti. Dik is-simplifikazzjoni, minn naħa waħda, ittejjeb il-leġibbiltà u l-komprensibbiltà tat-tikketti mill-utenti finali u, min-naħa l-oħra, tnaqqas il-piż amministrattiv fuq il-manifatturi.

- (32) Is-sustanzi tal-fwieħa huma komposti organiċi bi rwejjaħ karatteristiċi, ġeneralment pjaċevoli, li jintużaw ħafna fid-deterġenti kif ukoll f'ħafna prodotti oħra bħall-fwejjaħ u kożmetiċi oħra bil-fwieħa. Dawk is-sustanzi jistgħu jikkawżaw reazzjoni allerġika mal-kuntatt, speċjalment għal persuni sensitizzati, anki meta jkunu f'konċentrazzjonijiet baxxi. Għalhekk, huwa importanti li tiġi pprovduta informazzjoni dwar il-preżenza ta' sustanzi allerġeniċi individwali fid-deterġenti sabiex il-persuni sensitizzati jkunu jistgħu jevitaw il-kuntatt mas-sustanza li għaliha jkunu allerġiċi. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti speċifiċi ta' tikkettar li japplikaw biss meta l-fwejjaħ allerġeniċi ma jkollhomx jiġu tikkettati skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008. Dan mhux biss jipprevjeni li jitqiegħed piż amministrattiv bla bżonn fuq l-operaturi ekonomiċi iżda jiżgura wkoll li l-konsumaturi jew utenti finali oħra jirċievu dik l-informazzjoni ppreżentata b'mod ċar, u hekk jiġi provdut livell għoli ta' protezzjoni lis-saħħa tal-bniedem għall-persuni sensitizzati.
- (33) Huma meħtieġa rekwiżiti addizzjonali ta' tikkettar għal ċerti sustanzi, bħall-preservattivi, sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni lis-saħħa tal-bniedem. Għalhekk, jenħtieġ li r-rekwiżiti tat-tikkettar għall-preservattivi jkopru mhux biss dawk il-preservattivi miżjuda intenzjonalment mill-manifattur mad-deterġent, iżda anki dawk li jirriżultaw mit-taħlitiet kostitwenti tiegħu u li spiss jissejħu "preservattivi ta' trasferiment".
- (34) L-informazzjoni dwar l-ammont korrett ta' deterġent li l-konsumaturi jeħtieġ jużaw meta jwettqu attivitajiet ta' tindif, jiġifieri l-informazzjoni dwar id-dożaġġ, jenħtieġ li tiġi inkluża fuq it-tikketta tad-deterġenti tal-ħasil tal-ħwejjeġ għall-konsumaturi, id-deterġenti tal-magni tal-ħasil tal-platti awtomatiċi għall-konsumaturi u d-deterġenti għas-superfiċji għall-konsumaturi sabiex jiġi evitat l-użu żejjed potenzjali tad-deterġenti u b'hekk jitnaqqas l-ammont totali ta' deterġent u ta' aġent tensjoattiv li jidħlu fl-ambjent.

- (35) It-tikkettar diġitali jista' jtejjeb il-komunikazzjoni tal-informazzjoni tat-tikkettar kemm billi jevita tikketti fiżiċi mimlija żżejjed kif ukoll billi jippermetti lill-utenti jserrħu fuq diversi għażliet ta' qari disponibbli biss għal formati diġitali, bħal tipa akbar, tiftix awtomatiku, loudspeakers jew traduzzjoni f'lingwi oħra. It-tikkettar diġitali jista' għalhekk iżid il-leġġibbiltà, il-faċilità tal-użu u l-komprensjoni tat-tikketti għall-konsumaturi, inkluż il-konsumaturi vulnerabbli u b'indeboliment tal-vista. Il-provediment ta' tikketti diġitali jista' jwassal ukoll għal ġestjoni aktar effiċjenti tal-obbligi ta' tikkettar mill-operaturi ekonomiċi, billi jiffaċilita l-aġġornament tal-informazzjoni tat-tikkettar, inaqqas il-kostijiet tat-tikkettar u jippermetti l-provediment aktar immirat tal-informazzjoni lill-utenti. Għalhekk, l-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li jkunu jistgħu jipprovdu ċerta informazzjoni tat-tikkettar għad-deterġenti biss permezz tat-tikketta diġitali, soġġett għal ċerti kundizzjonijiet li jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni lill-utenti.
- (36) Biex jiġi evitat li jiġi impost piż amministrattiv bla bżonn fuq l-operaturi ekonomiċi u peress li t-tikketta diġitali hija komplementari għal dik fiżika, jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi jkunu jistgħu jiddeċiedu jekk jużawx tikketti diġitali jew jipprovdux l-informazzjoni kollha fuq tikketta fiżika biss. L-għażla li tiġi pprovduta tikketta diġitali jenħtieġ li tkun f'idejn il-manifatturi u l-importaturi, li huma responsabbli biex jiprovdu ġabra preċiża ta' informazzjoni tat-tikkettar.

- (37) It-tikkettar diġitali jista' wkoll joffri sfidi għall-gruppi vulnerabbli tal-popolazzjoni mingħajr ħiliet diġitali jew b'ħiliet diġitali insuffiċjenti u jżid id-distakk diġitali. Għal dik ir-raġuni, l-informazzjoni speċifika li trid tiġi pprovduta fuq tikketta diġitali biss jenħtieġ li tirrifletti l-livell attwali ta' prontezza diġitali u s-sitwazzjoni partikolari tal-utenti tad-deterġenti, kif ukoll il-prontezza tal-infrastruttura bla fili u infrastruttura teknoloġika oħra meħtieġa biex ikun permess aċċess mingħajr restrizzjonijiet għall-informazzjoni. Barra minn hekk, l-informazzjoni kollha tat-tikkettar dwar il-protezzjoni tas-saħħa u tal-ambjent, kif ukoll l-istruzzjonijiet minimi dwar l-użu għad-deterġenti, jenħtieġ li jibqgħu fuq it-tikketta fiżika, biex il-konsumaturi u utenti finali oħra jkunu jistgħu jagħmlu għażliet infurmati qabel ma jixtru d-deterġent u biex jiġi żgurat l-immaniġġar sikur tiegħu.
- (38) Għad-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi mibjugħa lill-utenti finali permezz tal-mili mill-ġdid, jenħtieġ li jkun possibbli li jiġi pprovdut ammont aktar estensiv ta' informazzjoni b'mod diġitali biss, sabiex jinkisbu bis-siġħ mhux biss il-benefiċċji offruti mid-diġitalizzazzjoni, iżda anki l-benefiċċji ambjentali kbar f'termini ta' tnaqqis tal-imballaġġ u tal-iskart mill-imballaġġ relatat li toffri l-prattika tal-bejgħ tal-mili mill-ġdid. Madankollu, jenħtieġ li mill-anqas l-utenti finali jirċievu f'forma fiżika struzzjonijiet simplifikati dwar id-dożaġġ għad-deterġenti tal-ħasil tal-ħwejjeġ għall-konsumaturi u informazzjoni dwar fwejjaħ allerġeniċi u preservattivi, sabiex jiġi evitat ir-riskju ta' reazzjonijiet allerġiċi.
- (39) Biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fost l-operaturi ekonomiċi li jqiegħdu d-deterġenti fis-suq, u biex jiġu protetti l-konsumaturi u utenti finali oħra, jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti ġenerali għat-tikkettar diġitali. Pereżempju, jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi jiżguraw aċċess liberu u faċli għat-tikketti diġitali u li l-informazzjoni obbligatorja tat-tikkettar meħtieġa skont dan ir-Regolament tkun separata minn informazzjoni oħra.

- (40) Minħabba l-iżvilupp attwali tal-ħiliet diġitali, jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi jipprovdu wkoll l-informazzjoni tat-tikkettar b'mezzi alternattivi lill-konsumaturi u utenti finali oħra li ma jkunux kapaċi jaċċessaw it-tikketta diġitali. Dak l-obbligu jenħtieġ li jiġi impost bħala miżura ta' sikurezza biex jitnaqqas kwalunkwe riskju potenzjali tan-nuqqas ta' disponibbiltà tal-informazzjoni tat-tikkettar, b'mod partikolari fir-rigward tad-deterġenti u aġenti tensjoattivi għall-utenti finali mimlija mill-ġdid, meta aktar informazzjoni tat-tikkettar tkun tista' tiġi pprovduta fuq tikketta diġitali biss.
- (41) Peress li d-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi għall-utenti finali għandhom l-istess użu u jippreżentaw l-istess riskji irrispettivament mill-format li fih jitqiegħdu fis-suq, jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi li jqiegħdu tali prodotti fis-suq permezz tar-rikariki jiżguraw li dawk il-prodotti jikkonformaw mal-istess rekwiżiti bħall-prodotti f'imballaġġ individwali. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-konsumaturi jirċievu l-informazzjoni meħtieġa tat-tikkettar meta jagħżlu deterġenti mimlija mill-ġdid, u jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti minimi ta' sikurezza għall-istazzjonijiet ta' rikarika. Għalhekk, il-bejgħ tar-rikariki tad-deterġenti jenħtieġ li jkun kopert b'mod espliċitu minn dan ir-Regolament sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni lis-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent u kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-operaturi ekonomiċi.
- (42) Sabiex jinżamm il-pass mal-iżviluppi teknoloġiċi u l-mezzi ġodda ta' bejgħ, filwaqt li tiġi żgurata informazzjoni tajba għall-konsumaturi u attivitajiet effiċjenti ta' sorveljanza tas-suq, jenħtieġ li l-informazzjoni tat-tikkettar tad-deterġenti u tal-aġenti tensjoattivi tiġi indikata fil-każ ta' bejgħ mill-bogħod, inkluż permezz ta' swieq online.

- (43) L-iżgurar tat-traċċabbiltà ta' deterġent jew ta' aġent tensjoattiv tul il-katina kollha tal-provvista jgħin biex is-sorveljanza tas-suq issir aktar sempliċi u effiċjenti. Sistema effiċjenti ta' traċċabbiltà tiffaċilita l-kompitu tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq li jittraċċaw operatori ekonomiċi li jqiegħdu fis-suq deterġenti jew aġenti tensjoattivi mhux konformi.
- (44) Jenħtieġ li l-manifatturi joħolqu passaport diġitali tal-prodott biex jipprovdu informazzjoni dwar il-konformità tad-deterġenti u tal-aġenti tensjoattivi għall-utenti finali ma' dan ir-Regolament. Filwaqt li dan ir-Regolament jistabbilixxi l-kontenut minimu tal-passaport diġitali tal-prodott, li jibda mid-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE, l-inklużjoni ta' informazzjoni addizzjonali, bħad-dokumentazzjoni teknika, tista' tiġi prevista fil-futur. Sabiex jiġu ffaċilitati l-kontrolli fuq id-deterġenti jew l-aġenti tensjoattivi għall-utenti finali mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u biex l-atturi fil-katina tal-provvista, il-konsumaturi u utenti finali oħra, kif ukoll partijiet ikkonċernati rilevanti oħra bħall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u r-riċerkaturi, ikunu jistgħu jaċċessaw l-informazzjoni neċessarja bħall-ingredjenti, l-informazzjoni dwar il-passaport diġitali tal-prodott jenħtieġ li tiġi pprovduta b'mod diġitali u b'mod direttament aċċessibbli u faċli għall-utent permezz ta' mezz ta' data. Il-mezz ta' data jenħtieġ li jkun viżibbli b'mod ċar għall-utenti finali qabel kwalunkwe xiri, inkluż meta d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv għall-utenti finali jsir disponibbli permezz ta' reklam online. Għalhekk, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, l-awtoritajiet doganali, l-operaturi ekonomiċi, il-konsumaturi u utenti finali oħra jenħtieġ li jkollhom aċċess immedjat permezz tal-mezz ta' data għall-informazzjoni rilevanti għalihom u abbażi tad-drittijiet ta' aċċess rispettivi tagħhom.

- (45) Sabiex jiġi evitat li jitqiegħdu kostijiet fuq il-kumpaniji li jkunu sproporzjonati għall-benefiċċji usa', jenħtieġ li l-passaport diġitali tal-prodott ikun speċifiku għall-mudell ta' deterġent jew ta' aġent tensjoattiv għall-utenti finali. Id-deterġenti jew l-aġenti tensjoattivi għall-utenti finali jenħtieġ li jitqiesu li jappartjenu għall-istess mudell sakemm ma jkun hemm l-ebda bidla fil-formula jew fil-produzzjoni li twassal għal modifiki fit-tikketta tal-prodotti.
- (46) Biex tkun evitata d-duplikazzjoni tal-investiment fid-diġitalizzazzjoni mill-atturi kollha involuti, inkluż il-manifatturi, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u l-awtoritajiet doganali, meta kwalunkwe liġi oħra tal-Unjoni tkun teżiġi passaport diġitali tal-prodott għad-deterġenti jew l-aġenti tensjoattivi, jenħtieġ li jkun disponibbli passaport diġitali wieħed tal-prodotti li jkun fih l-informazzjoni meħtieġa skont dan ir-Regolament u l-liġi l-oħra tal-Unjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-passaport diġitali tal-prodott stabbilit skont dan ir-Regolament ikun interoperabbli għalkollox ma' kwalunkwe passaport diġitali tal-prodott meħtieġ skont liġi oħra tal-Unjoni.

- (47) B'mod partikolari, ir-Regolament (UE) 2024/1781 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰, jistabbilixxi wkoll rekwiżiti u speċifikazzjonijiet tekniċi għal passaport diġitali tal-prodott, l-istabbiliment mill-Kummissjoni ta' reġistru tal-passaporti diġitali tal-prodott (ir-"reġistru") fejn tinħażen l-informazzjoni tal-passaporti diġitali tal-prodott u l-interkonnessjoni tar-reġistru mas-Sistema ta' Skambju ta' Ċertifikati tat-Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana stabbilita bir-Regolament (UE) 2022/2399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹¹. Dak ir-Regolament jista' jinkludi d-deterġenti jew l-aġenti tensjoattivi fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu fuq terminu medju, u b'hekk jirrikjedi li jkun hemm disponibbli għalihom passaport diġitali tal-prodott.
- (48) Il-passaport diġitali tal-prodott għad-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi għall-utent finali maħluq skont dan ir-Regolament jenħtieġ għalhekk li jikkonforma mal-istess rekwiżiti u elementi tekniċi bħal dawk stipulati fir-Regolament (UE) 2024/1781, inkluż l-aspetti tekniċi, semantiċi u organizzattivi tiegħu tal-komunikazzjoni minn tarf sa tarf u tal-iskambju tad-data.
- (49) Huwa kruċjali li jiġi ċċarat kemm lill-manifatturi kif ukoll lill-utenti li, meta manifattur johlq il-passaport diġitali tal-prodott għal deterġent jew għal aġent tensjoattiv għall-utent finali, ikun qed jiddikjara li l-prodott jikkonforma mar-rekwiżiti applikabbli kollha u li l-manifattur qed jerfa' r-responsabbiltà sħiħa għal dik il-konformità.

¹⁰ Ir-Regolament (UE) 2024/1781 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li jistabbilixxi qafas għall-istabbiliment ta' rekwiżiti tal-ekodisinn għal prodotti sostenibbli, li jemenda d-Direttiva (UE) 2020/1828 u r-Regolament (UE) 2023/1542 u li jħassar id-Direttiva 2009/125/KE (ĠU L, 2024/1781, 28.6.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1781/oj>).

¹¹ Ir-Regolament (UE) 2022/2399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 2022 li jistabbilixxi l-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-Unjoni Ewropea għad-Dwana u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 952/2013 (ĠU L 317, 9.12.2022, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2399/oj>).

- (50) Meta l-informazzjoni tiġi pprovduta b'mod diġitali biss, huwa meħtieġ li jiġi èċarat li tali informazzjoni jenħtieġ li tiġi pprovduta permezz ta' mezz tad-data uniku, iżda tiġi pprovduta separatament u tkun tista' tingħaraf b'mod ċar minn informazzjoni oħra. Dan jiffaċilita l-ħidma tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u jipprovdi wkoll ċarezza lill-konsumaturi jew lil utenti finali dwar il-biċċiet differenti ta' informazzjoni li huma disponibbli għalihom f'format diġitali.
- (51) Il-Kapitolu VII tar-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹², li jistabbilixxi r-regoli dwar il-kontrolli fuq il-prodotti li jidħlu fis-suq tal-Unjoni, japplika għad-deterġenti u għall-aġenti tensjoattivi. L-awtoritajiet responsabbli minn dawk il-kontrolli, li fi kważi l-Istati Membri kollha huma l-awtoritajiet doganali, iridu jwettquhom abbażi tal-analiżi tar-riskju kif imsemmi fl-Artikoli 46 u 47 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹³, l-atti ta' implimentazzjoni tiegħu u l-gwida korrispondenti. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jimmodifika bl-ebda mod il-Kapitolu VII tar-Regolament (UE) 2019/1020 jew il-mod li bih l-awtoritajiet bil-kompitu tal-kontrolli fuq il-prodotti li jidħlu fis-suq tal-Unjoni jorganizzaw ruħhom u jwettqu l-attivitajiet tagħhom.

¹² Ir-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti u li jemenda d-Direttiva 2004/42/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 765/2008 u (UE) Nru 305/2011 (OJ L 169, 25.6.2019, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1020/oj>).

¹³ Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/952/oj>).

- (52) Minbarra l-qafas ta' kontrolli stabbilit mill-Kapitolu VII tar-Regolament (UE) 2019/1020, jenħtieġ li l-awtoritajiet doganali jkunu jistgħu jivverifikaw awtomatikament li jkun jeżisti passaport diġitali tal-prodott għad-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi importati soġġetti għal dan ir-Regolament sabiex jissaħħu l-kontrolli fil-fruntieri esterni tal-Unjoni u jiġi evitat li deterġenti u aġenti tensjoattivi mhux konformi jidħlu fis-suq tal-Unjoni.
- (53) Meta d-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi għall-utenti finali li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi jitqiegħdu fil-proċedura doganali tar-rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa, jenħtieġ li r-referenza għal passaport diġitali tal-prodott ta' dawk id-deterġenti u aġenti tensjoattivi titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet doganali mill-operatur ekonomiku. Tali referenza jenħtieġ li tikkorrispondi għal identifikatur uniku tar-reġistrazzjoni kkomunikat lill-operatur ekonomiku mir-reġistru. Jenħtieġ li l-awtoritajiet doganali jivverifikaw bħala minimu li l-identifikatur uniku tar-reġistrazzjoni u l-kodiċi tal-komodità rilevanti għad-deterġent jew l-aġent tensjoattiv għall-utenti finali pprovdut jew imqiegħed għad-dispożizzjoni tagħhom jikkorrispondi mad-data maħżuna fir-reġistru. Dan jippermetti lill-awtoritajiet doganali jivverifikaw li jeżisti passaport diġitali tal-prodott għad-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi importati. Biex titwettaq dik il-verifika awtomatika, jenħtieġ li tintuża l-interkonnessjoni bejn ir-reġistru u s-Sistema ta' Skambju ta' Ċertifikati tat-Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana.

- (54) Id-data inkluża fil-passaport diġitali tal-prodott għandha l-għan li tippermetti lill-awtoritajiet doganali jtejbu u jiffaċilitaw il-ġestjoni tar-riskji u li l-kontrolli fil-fruntieri jkunu aktar immirati. Għalhekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet doganali jkunu jistgħu jirkupraw u jużaw id-data inkluża fil-passaport diġitali tal-prodott u fir-reġistru relatat biex iwettqu l-kompiti tagħhom f'konformità mal-liġi tal-Unjoni, inkluż għall-ġestjoni tar-riskju f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 952/2013.
- (55) Jenħtieġ li l-verifika awtomatika mill-awtoritajiet tad-dwana tar-referenza tal-passaport diġitali tal-prodott għad-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi li jidħlu fis-suq tal-Unjoni ma tissostitwix jew ma timmodifikax ir-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, iżda jenħtieġ minflok li tikkomplementa l-qafas ġenerali għall-kontrolli fuq il-prodotti li jidħlu fis-suq tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1020, iwettqu kontrolli tad-data li tinsab fil-passaporti diġitali tal-prodott, verifiki fuq il-prodotti fis-suq u, f'każ ta' sospensjoni tar-rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa mill-awtoritajiet maħtura għall-kontrolli fil-fruntieri esterni tal-Unjoni, jiddeterminaw il-konformità u r-riskji serji tal-prodotti skont il-Kapitolu VII tar-Regolament (UE) 2019/1020.
- (56) Is-sorveljanza tas-suq hija strument essenzjali biex tiġi żgurata l-applikazzjoni tajba u uniformi tal-liġi tal-Unjoni. Ir-Regolament (UE) 2019/1020 jistabbilixxi l-qafas għas-sorveljanza tas-suq ta' prodotti li huma soġġetti għal-liġi ta' armonizzazzjoni tal-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jorganizzaw u jwettqu sorveljanza tas-suq tad-deterġenti u tal-aġenti tensjoattivi f'konformità ma' dak ir-Regolament.

(57) Ir-Regolament (KE) Nru 648/2004 jipprevedi proċedura ta' salvagwardja li tippermetti lill-Kummissjoni teżamina l-ġustifikazzjoni għal miżura meħuda minn Stat Membru fir-rigward ta' deterġenti u aġenti tensjoattivi meqjusa li jikkostitwixxu riskju. Sabiex tizzied it-trasparenza, huwa meħtieġ li tittejjeb il-proċedura ta' salvagwardja preċedenti, bil-ħsieb li din issir aktar effiċjenti u tkun ibbażata fuq l-għarfien espert disponibbli fl-Istati Membri. Is-sistema preċedenti jenħtieġ li tiġi ssostitwita bi proċedura li biha l-partijiet interessati jiġu infurmati bil-miżuri li jkunu maħsuba li jittieħdu fir-rigward ta' deterġenti u aġenti tensjoattivi li joħlqu riskju għas-saħħa jew għall-ambjent. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jenħtieġ li jkunu jistgħu, f'kooperazzjoni mal-operaturi ekonomiċi rilevanti, jaġixxu fi stadju bikri fir-rigward ta' tali deterġenti u aġenti tensjoattivi. Jenħtieġ li l-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, bl-applikazzjoni tal-proċedura ta' eżami stabbilita fir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁴, tiddetermina jekk miżura proviżorja fir-rigward ta' deterġent jew aġent tensjoattiv li joħlqu riskju tkunx ġustifikata. Dik il-proċedura speċifika ta' salvagwardja tapplika mingħajr preġudizzju għall-kontrolli ta' rutina mwettqa mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1020.

¹⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj>).

(58) L-esperjenza miksuba bl-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 648/2004 wriet li f'każijiet speċifiċi, deterġenti u aġenti tensjoattivi li kienu konformi mar-rekwiżiti applikabbli xorta ħolqu riskju għas-saħħa jew għall-ambjent. Jenħtieġ li jkun hemm dispożizzjonijiet biex jiġi żgurat li l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jieħdu azzjoni kontra kwalunkwe deterġent jew aġent tensjoattiv li jgħolq riskju għas-saħħa jew għall-ambjent, anki jekk il-prodott ikun konformi mar-rekwiżiti legali. Jenħtieġ li l-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, u bl-applikazzjoni tal-proċedura ta' eżami stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 182/2011, tiddetermina jekk miżura proviżorja, meħuda fir-rigward ta' deterġenti jew aġenti tensjoattivi konformi li Stat Membru jsib li jgħolq riskju għas-saħħa u għas-sikurezza tal-persuni jew tal-ambjent, tkunx ġustifikata.

(59) Sabiex jittieħed kont tal-progress tekniku u xjentifiku jew ta' evidenza xjentifika ġdida, u tal-livell ta' prontezza diġitali, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiġi ddelegata s-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward ta': l-emendi tal-Annessi ta' dan ir-Regolament biex tadattahom għall-progress tekniku; is-supplimentar ulterjuri tar-rekwiżiti ġenerali dwar it-tikkettar diġitali; l-emendi tal-informazzjoni tat-tikkettar li tista' tiġi pprovduta f'format diġitali biss; l-emendi tal-limitu tal-fwejjaħ allerġeniċi meta jiġu stabbiliti limiti ta' konċentrazzjoni individwali bbażati fuq ir-riskju għall-fwejjaħ allerġeniċi skont ir-Regolament (KE) Nru 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁵ jew iż-żieda ta' fwejjaħ allerġeniċi ġodda; u l-emendi tar-rekwiżiti eżistenti ta' bijodegradabbiltà biex jiġu introdotti rekwiżiti ta' bijodegradabbiltà għal sustanzi u taħlitiet għajr aġenti tensjoattivi fid-deterġenti, inkluż il-kapsuli ta' deterġenti, meta evidenza xjentifika ġdida tkun teħtieġ dan jew biex tkun permessa deroga minn tali kriterji f'każijiet debitament ġustifikati. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa wkoll li, permezz ta' atti delegati, temenda l-informazzjoni speċifika li trid tiġi inkluża fil-passaport diġitali tal-prodott, kif ukoll l-informazzjoni li trid tiġi inkluża fir-reġistru. Barra minn hekk, sabiex tiġi ffaċilitata l-ħidma tal-awtoritajiet doganali fir-rigward tad-deterġenti u tal-aġenti tensjoattivi u tar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati li jemendaw l-Anness ta' dan ir-Regolament li fih il-lista ta' kodiċijiet tal-komodità, kif jinsab fl-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87¹⁶, u deskrizzjonijiet tal-prodott tad-deterġenti u tal-aġenti tensjoattivi.

¹⁵ Ir-Regolament (KE) Nru 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-prodotti kożmetiċi (ĠU L 342, 22.12.2009, p. 59, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1223/oj>).

¹⁶ Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/1987/2658/oj>).

Meta tadotta atti delegati skont dan ir-Regolament, huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet¹⁷. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tnejn ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tnejn ta' atti delegati.

- (60) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi dettaljati għall-passaport tal-prodotti għad-deterġenti u għall-aġenti tensjoattivi. Jenħtieġ li dik is-setgħa tiġi eżerċitata skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011.

¹⁷ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinst/2016/512/oj.

(61) Bil-ħsieb tal-bżonn li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni lis-saħħa tal-bniedem u lill-ambjent u tal-ħtieġa li jitqiesu żviluppi ġodda bbażati fuq fatti xjentifiċi, jenħtieġ li l-Kummissjoni tagħmel rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni jenħtieġ li, fost l-oħrajn, tivvaluta jekk dan ir-Regolament ikunx qed jilħaq l-objettivi tiegħu, waqt li tqis l-impatt fuq l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Fir-rigward tal-fosforu, jenħtieġ li r-rapport ikun fih valutazzjoni tal-fattibbiltà ta' aktar tnaqqis tal-limiti tal-fosforu, bil-ħsieb li jiġi eliminat gradwalment l-użu tiegħu fil-futur, jekk ikun possibbli. Fir-rigward tas-sustanzi l-aktar ta' ħsara, jenħtieġ li l-Kummissjoni, filwaqt li tqis il-kisbiet skont liġijiet rilevanti oħra tal-Unjoni, tivvaluta l-ħtieġa li jiġu inklużi dispożizzjonijiet f'dan ir-Regolament dwar il-preżenza ta' dawk is-sustanzi fid-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi, bl-għan li jiġi żgurat li jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fil-Patt Ekoloġiku Ewropew dwar l-approċċ ġeneriku għall-ġestjoni tar-riskju għas-sustanzi l-aktar ta' ħsara fil-prodotti għall-konsumaturi, u bil-ħsieb li possibbilment jiġi eliminat gradwalment l-użu ta' tali sustanzi, jekk ikun xieraq. Barra minn hekk, fir-rigward tas-sustanzi attivi bijoċidali, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta l-ħtieġa li jiġu introdotti regoli aktar stretti biex tiġi evitata ċ-ċirkonvenzjoni tal-iskema ta' approvazzjoni stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 528/2012. Sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni lis-saħħa tal-bniedem u lill-ambjent, titrawwem l-innovazzjoni u tingħata spinta lill-kompetittività, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta r-rekwiżiti tas-sikurezza għad-deterġenti li fihom mikroorganiżmi. Sabiex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni lejn ekonomija kompletament ċirkolari, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta l-introduzzjoni ta' miri għall-materja prima rinnovabbli u għall-kontenut riċiklat għad-deterġenti.

- (62) Dan ir-Regolament jintroduċi l-possibbiltà li tiġi pprovduta parti mill-informazzjoni obbligatorja dwar it-tikkettar biss fuq tikketti diġitali f'ċerti sitwazzjonijiet u jirrikjedi l-ħolqien ta' passaport diġitali tal-prodott għad-deterġenti u għall-aġenti tensjoattivi. Għalhekk, jeħtieġ li jiġi previst żmien suffiċjenti biex l-operaturi ekonomiċi jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament, biex l-Istati Membri jistabbilixxu l-infrastruttura amministrattiva meħtieġa għall-applikazzjoni tiegħu u biex il-Kummissjoni tħejji l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tekniċi tal-passaport diġitali tal-prodott. Konsegwentement, jenħtieġ li l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tiġi differita sa data meta dawk it-tħejjijiet ikunu jistgħu jiġu ffinalizzati b'mod raġonevoli.
- (63) Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali u biex jiġi evitat l-iskart, l-operaturi ekonomiċi jeħtieġ li jkunu jistgħu jbigħu l-istokk li jkun jew fil-katina tad-distribuzzjoni, jew maħżun, fid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Għalhekk, jeħtieġ li jiġu previsti arranġamenti tranżizzjonali li jippermettu t-tqegħid fis-suq ta' deterġenti u aġenti tensjoattivi li jkunu ġew introdotti fis-suq f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 648/2004 qabel dik id-data mingħajr ma dawk il-prodotti jkollhom jikkonformaw ma' dan ir-Regolament. Għalhekk, jenħtieġ li d-distributori jkunu jistgħu jintroduċu fis-suq deterġenti u aġenti tensjoattivi, jiġifieri stokk li diġà jkun fil-katina tad-distribuzzjoni qabel id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

- (64) Sabiex tiġi żgurata aktar iċ-ċertezza legali u tiġi evitata l-ħela, huwa importanti li l-operaturi ekonomiċi jkunu jistgħu, għal perjodu limitat wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, ibiġu stokk li għadu mhux fil-katina tad-distribuzzjoni. Għal dak l-għan, jenħtieġ li jsiru wkoll arranġamenti tranżizzjonali li jippermettu t-introduzzjoni fis-suq ta' deterġenti u aġenti tensjoattivi li jkunu għadhom mhumiex fil-katina tad-distribuzzjoni fid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, mingħajr ma daww il-prodotti jkollhom jikkonformaw ma' dan ir-Regolament, dment li jikkonformaw mar-Regolament (KE) Nru 648/2004. Għalhekk, jenħtieġ li l-manifatturi u l-importaturi jkunu jistgħu jintroduċu fis-suq tali deterġenti u aġenti tensjoattivi, jiġifieri stokk li għadu mhux fil-katina tad-distribuzzjoni, wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Minħabba l-oġġettiv ta' dak il-perjodu tranżitorju, jenħtieġ li dik il-possibbiltà tkun strettament limitata fiż-żmien għal sena waħda wara dik id-data u, b'mod partikolari, jenħtieġ li ma jkunx possibbli li tali stokk jitqiegħed fis-suq wara dak il-perjodu ta' sena.
- (65) Minħabba li l-oġġettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jiggarrantixxi l-funzjonament tas-suq intern filwaqt li jiżgura li d-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi fis-suq jissodisfaw ir-rekwiżiti li jipprevedu livell għoli ta' protezzjoni lis-saħħa u lill-ambjent, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħu pjuttost, minħabba l-iskala u l-effetti tagħhom, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu daww l-oġġettivi,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Kapitolu I

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 1

Suġġett

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli għall-moviment liberu ta' deterġenti u aġenti tensjoattivi fis-suq intern, filwaqt li jiżgura livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent.
2. Dan ir-Regolament ma jaffettwax l-applikazzjoni tar-Regolamenti (KE) Nru 1907/2006, (KE) Nru 1272/2008 u (UE) Nru 528/2012.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "deterġent" tfisser sustanza, taħlita jew mikroorganiżmi, jew kombinazzjoni ta' dawn, li huma maħsuba biex:
 - inaddfu d-drapp, il-platti jew is-superfiċi;
 - ixarrbu (qabel il-ħasla), ilaħilhu jew jibbliċjaw drapp, platti jew superfiċi;

- jimmodifikaw kif jinħass jew kif jinxtamm id-drapp fi proċessi li jikkomplementaw il-ħasil tad-drapp;
 - jappoġġaw il-proċess tat-tindif meta jintużaw flimkien ma' deterġent tal-ħasil tal-ħwejjeġ jew deterġent tal-magni tal-ħasil tal-platti awtomatiċi;
- (2) "deterġent tal-ħasil tal-ħwejjeġ għall-konsumaturi" tfisser deterġent għall-ħwejjeġ li jiġi introdott fis-suq għall-użu minn persuni mhux professjonisti, inkluż fil-laundrettes pubbliċi;
 - (3) "deterġent tal-magni tal-ħasil tal-platti awtomatiċi għall-konsumaturi" tfisser deterġent introdott fis-suq għall-użu f'magni tal-ħasil tal-platti awtomatiċi minn persuni mhux professjonisti;
 - (4) "deterġent li fih mikroorganiżmi" tfisser deterġent li fih żdied intenzjonalment mikroorganiżmu wieħed jew aktar, jew waħdu jew permezz ta' wieħed mill-komponenti tad-deterġent;
 - (5) "deterġent industrijali u istituzzjonali" tfisser deterġent imqiegħed fis-suq għall-użu biss barra mill-isfera domestika, minn persunal speċjalizzat;
 - (6) "tindif" tfisser il-proċess li bih depożitu mhux mixtieq jiġi degradat jew maqluġh minn substrat jew minn ġo substrat u jinġieb fi stat ta' soluzzjoni jew dispersjoni;
 - (7) "sustanza" tfisser sustanza kif definita fl-Artikolu 3, il-punt (1), tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006;
 - (8) "taħlita" tfisser taħlita kif definita fl-Artikolu 3, il-punt (2), tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006;

- (9) "mikroorganiżmu" tfisser mikroorganiżmu kif definit fl-Artikolu 3(1), il-punt (b), tar-Regolament (UE) Nru 528/2012;
- (10) "mikroorganiżmi ġenetikament modifikati" tfisser mikroorganiżmi li fihom il-materjal ġenetiku jkun inbidel b'tali mod li ma jseħx b'mod naturali permezz tat-tgħammir jew permezz tar-rikombinazzjoni naturali; fit-termini ta' din id-definizzjoni:
- il-modifika ġenetika sseħħ tal-anqas permezz tal-użu tat-tekniki elenkati fil-Parti 1 tal-Anness I A tad-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁸;
 - it-tekniki elenkati fil-Parti 2 tal-Anness I A tal-istess Direttiva ma jitqisux li jirriżultaw f'modifika ġenetika;
- (11) "aġent tensjoattiv" tfisser kwalunkwe sustanza organika jew taħlita li tkun fid-deterġenti jew maħsuba li tintuża fid-deterġenti li għandha proprjetajiet tensjoattivi, u li tikkonsisti minn grupp idrofiliku, wieħed jew aktar, u minn grupp idrofobiku, wieħed jew aktar, ta' tali natura u daqs li kapaċi twestaq l-azzjonijiet kollha li ġejjin:
- tnaqqas it-tensjoni ta' wiċċ l-ilma għal taħt il-45 mN/m;
 - tiffurma monosaffi ta' tixrid jew ta' adsorbiment fl-interfaċċa bejn l-ilma u l-arja;

¹⁸ Id-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2001 dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/220/KEE (ĠU L 106, 17.4.2001, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2001/18/oj>).

- tiffirma emulsjonijiet, mikroemulsjonijiet jew miċelli, jew kombinazzjonijiet tagħhom;
 - tadsorbi fl-interfaċċi bejn l-ilma u solidi;
- (12) "aġent tensjoattiv għall-utenti finali" tfisser aġent tensjoattiv li jitqiegħed fis-suq għall-utenti professjonali jew għall-konsumaturi;
- (13) "bijodegradazzjoni aerobika finali" tfisser il-livell ta' bijodegradazzjoni miksub meta s-sustanza jew it-taħlita tintuża totalment minn mikroorganiżmi fil-preżenza tal-ossiġenu, bir-riżultat li tiddekomponi f'diossidu tal-karbonju, ilma u imlieh minerali ta' kwalunkwe element ieħor preżenti, kif imkejjel bil-metodi tal-ittestjar elenkati fil-Parti A tal-Anness I, u kostitwenti ċellulari mikrobiċi ġodda (bijomassa);
- (14) "riti" tfisser riti polimeriċi li jinħallu fl-ilma użati bħala kapsuli tad-deterġenti;
- (15) "tqegħid fis-suq" tfisser kwalunkwe provvista għad-distribuzzjoni, il-konsum jew l-użu fis-suq tal-Unjoni matul attività kummerċjali, kemm jekk bi ħlas kif ukoll jekk bla ħlas;
- (16) "introduzzjoni fis-suq" tfisser l-ewwel tqegħid fis-suq tal-Unjoni;
- (17) "manifattur" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li timmanifattura jew li jkollha deterġent jew aġent tensjoattiv iddisinjat jew immanifatturat, u li tintroduċi dak id-deterġent jew aġent tensjoattiv fis-suq taħt isimha jew it-trade mark tagħha;

- (18) "rappreżentant awtorizzat" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni li tkun irċeviet mandat bil-miktub mingħand manifattur biex taġixxi f'ismu fir-rigward ta' kompiti speċifikati;
- (19) "importatur" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni li tintroduċi deterġent jew aġent tensjoattiv minn pajjiż terz fis-suq tal-Unjoni;
- (20) "distributtur" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika fil-katina tal-provvista, għajr il-manifattur jew l-importatur, li tqiegħed deterġent jew aġent tensjoattiv fis-suq;
- (21) "operatur ekonomiku" tfisser il-manifattur, ir-rappreżentant awtorizzat, l-importatur jew id-distributtur;
- (22) "sorveljanza tas-suq" tfisser l-attivitajiet imwettqa u l-miżuri meħuda mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq biex jiżguraw li l-prodotti jikkonformaw ma' dan ir-Regolament;
- (23) "awtorità tas-sorveljanza tas-suq" tfisser awtorità tas-sorveljanza tas-suq kif definita fl-Artikolu 3, il-punt (4), tar-Regolament (UE) 2019/1020;
- (24) "sejħa lura" tfisser sejħa lura kif definita fl-Artikolu 3, il-punt (22), tar-Regolament (UE) 2019/1020;
- (25) "irtirar" tfisser irtirar kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (23), tar-Regolament (UE) 2019/1020;
- (26) "azzjoni korrettiva" tfisser azzjoni korrettiva kif definita fl-Artikolu 3, il-punt (16), tar-Regolament (UE) 2019/1020;

- (27) "rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa" tfisser il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 201 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013;
- (28) "mezz ta' data" tfisser mezz ta' data kif definit fl-Artikolu 2, l-ewwel paragrafu, il-punt (29), tar-Regolament (UE) 2024/1781;
- (29) "identifikatur uniku tal-prodott" tfisser identifikatur uniku tal-prodott kif definit fl-Artikolu 2, l-ewwel paragrafu, il-punt (30), tar-Regolament (UE) 2024/1781;
- (30) "identifikatur uniku tal-formula" tfisser identifikatur uniku tal-formula kif imsemmi fil-Parti A, il-punt 5, tal-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008;
- (31) "identifikatur uniku tal-operatur" tfisser identifikatur uniku tal-operatur kif definit fl-Artikolu 2, l-ewwel paragrafu, il-punt (31), tar-Regolament (UE) 2024/1781;
- (32) "passaport diġitali tal-prodott" tfisser sett ta' data speċifika għal prodott li fih l-informazzjoni stipulata fil-Parti A tal-Anness VI u li jkun aċċessibbli b'mezzi elettroniċi permezz ta' mezz ta' data f'konformità mal-Artikolu 21(4);
- (33) "fornitur tas-servizzi tal-passaport diġitali tal-prodott" tfisser fornitur tas-servizzi tal-passaport diġitali tal-prodott kif definit fl-Artikolu 2, l-ewwel paragrafu, il-punt (32), tar-Regolament (UE) 2024/1781;
- (34) "awtoritajiet doganali" tfisser l-awtoritajiet doganali kif definiti fl-Artikolu 5, il-punt (1), tar-Regolament (UE) Nru 952/2013;

- (35) "Sistema ta' Skambju ta' Ċertifikati tat-Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana" tfisser is-sistema stabbilita bir-Regolament (UE) 2022/2399;
- (36) "imballaġġ individwali" tfisser imballaġġ li fih id-deterġent jew l-aġent tensjoattiv għall-utenti finali jitqiegħed fis-suq u li jkun maħsub biex jakkumpanja l-kontenut fil-post tal-użu;
- (37) "rikarika" tfisser l-operazzjoni fuq il-post li biha deterġent jew aġent tensjoattiv offrut minn operatur ekonomiku lill-utenti finali waqt attività kummerċjali, kemm jekk bi ħlas kif ukoll jekk mingħajr ħlas, jimtela f'imballaġġ;
- (38) "stazzjon ta' rikarika" tfisser post fejn operatur ekonomiku joffri lill-utenti finali deterġent jew aġent tensjoattiv li jista' jinkiseb permezz tal-mili mill-ġdid, manwalment jew permezz ta' tagħmir awtomatiku jew semiawtomatiku;
- (39) "mudell" tfisser tip ta' deterġent jew aġent tensjoattiv li l-unitajiet kollha tiegħu jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:
- ikollhom l-istess manifattur u jiġu introdotti fis-suq taħt l-istess isem kummerċjali;
 - ikollhom l-istess kontenut, f'konformità mal-Parti A, il-punt 1(h), tal-Anness V ta' dan ir-Regolament, u jkunu manifatturati bl-użu tal-istess proċessi ta' manifattura;

- fejn applikabbli, ikunu soġġetti għall-istess klassifikazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008; u
 - ikunu definiti b'numru tat-tip jew element ieħor li jippermettilhom li jiġu identifikati bħala grupp;
- (40) "utent finali" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika residenti jew stabbilita fl-Unjoni li deterġent jew aġent tensjoattiv ikun tqiegħed fis-suq għad-dispożizzjoni tagħha, jew bħala konsumatur barra minn kwalunkwe kummerċ, negozju, sengħa jew professjoni jew bħala utent finali professjonali matul l-attivitajiet industrijali jew professjonali tagħha.

Kapitolu II

Rekwiżiti tal-prodotti

Artikolu 3

Tqegħid fis-suq u moviment liberu

1. Id-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi għandhom jitqegħdu fis-suq biss jekk jikkonformaw ma' dan ir-Regolament.
2. L-Istati Membri ma għandhomx jipprojbixxu, jirrestrinġu jew jimpedixxu t-tqegħid fis-suq ta' deterġenti jew aġenti tensjoattivi li jikkonformaw ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 4
Bijodegradabbiltà

1. L-aġenti tensjoattivi u l-aġenti tensjoattivi li jinsabu fid-deterġenti għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-bijodegradabbiltà stipulati fil-Parti A tal-Anness I.
2. Il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandux japplika għal aġenti tensjoattivi u għal aġenti tensjoattivi li jinsabu fid-deterġenti li huma sustanzi attivi skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1), il-punt (c), tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 u li jintużaw bħala diżinfettanti, dment li jissodisfaw waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:
 - (a) ikunu inklużi fil-lista tal-Unjoni ta' sustanzi attivi approvati kif imsemmi fl-Artikolu 9(2) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, jew ikunu inklużi fl-Anness I ta' dak ir-Regolament;
 - (b) ikunu inklużi fil-programm ta' rieżami kif jistipula r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2014¹⁹; jew
 - (c) ikunu kostitwenti ta' diżinfettanti li jistgħu jitqiegħdu fis-suq jew jintużaw f'konformità mal-Artikolu 55 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.
3. Sa... [sitt snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], ir-riti jew il-polimeri fir-riti għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-bijodegradabbiltà li jinsabu fil-Parti B tal-Anness I.

¹⁹ Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2014 tal-4 ta' Awwissu 2014 dwar il-programm ta' ħidma għall-evalwazzjoni sistematika tas-sustanzi attivi bjoċidali kollha li jeżistu fil-prodotti bjoċidali msemmijin fir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 294, 10.10.2014, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2014/1062/oj).

4. Sa ... [tmien snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], is-sustanzi organiċi miżjuda intenzjonalment fid-deterġenti b'konċentrazzjoni ta' mill-anqas 10 % w/w (piż skont il-piż) tal-massa totali tas-sustanzi, eskluż l-ilma, għajr l-aġenti tensjoattivi, ir-riti u l-polimeri fir-riti, għandhom jikkonformaw mal-kriterji tal-bijodegradabbiltà li jinsabu fil-Parti C tal-Anness I, sakemm ma tingħatax deroga fil-Parti D ta' dak l-Anness.

Artikolu 5

Deterġenti li fihom mikroorganiżmi

Id-deterġenti li jkun fihom mikroorganiżmi għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati fl-Anness II.

Artikolu 6

Limitazzjonijiet fuq il-kontenut tal-fosfati u ta' komposti oħra tal-fosforu

Id-deterġenti elenkati fl-Anness III għandhom jikkonformaw mal-limitazzjonijiet fuq il-kontenut tal-fosfati u ta' komposti oħra tal-fosforu li jinsabu f'dak l-Anness.

Artikolu 7

Ittestjar fuq l-annimali

1. Il-konformità tad-deterġenti u tal-aġenti tensjoattivi ma' dan ir-Regolament għandha tiġi stabbilita bl-użu ta' metodi ta' ttestjar validati fil-livell tal-Unjoni jew fil-livell internazzjonali li ma jinvolvux l-annimali.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 1(1), l-introduzzjoni fis-suq ta' deterġenti u ta' aġenti tensjoattivi li għalihom il-formulazzjoni finali jew l-ingredjenti jew it-taħlitiet tal-ingredjenti kienu l-oġġettiv tal-ittestjar fuq l-annimali bil-ħsieb li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament għandha tkun projbita.
3. Il-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu applikabbli mingħajr preġudizzju għal-liġi rilevanti tal-Unjoni u ma għandhomx jipprevjenu l-użu ta' data miksuba qabel ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].
4. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, meta jinqala' tħassib fir-rigward tas-sikurezza ta' ingredjent f'deterġent jew f'aġent tensjoattiv, il-Kummissjoni tista' tadotta deċiżjoni ta' implimentazzjoni li tagħti deroga mill-paragrafi 1 u 2, fuq inizjattiva tagħha stess jew abbażi ta' talba motivata minn operatur ekonomiku jew minn Stat Membru.
5. Meta l-Kummissjoni taġixxi abbażi ta' talba motivata minn operatur ekonomiku jew Stat Membru, kif imsemmi fil-paragrafu 4, dik it-talba għandha tinkludi evalwazzjoni tas-sitwazzjoni u tindika l-miżuri meħtieġa. Fuq dik il-bażi, il-Kummissjoni tista' tikkonsulta liċ-Ċentru Ewropew għall-Validazzjoni ta' Metodi Alternattivi (ECVAM).

6. Deċiżjoni li tagħti deroga, kif imsemmi fil-paragrafu 4, għandha tistabbilixxi l-kundizzjonijiet assoċjati ma' dik id-deroga f'termini ta' għanijiet speċifiċi, it-tul taż-żmien u r-rappurtar tar-riżultati. Deroga għandha tingħata biss meta:

- (a) l-ingredjent ikun jintuża b'mod mifruq u ma jistax jiġi mibdul b'ingredjent ieħor li jkun kapaċi jwettaq funzjoni simili; u
- (b) il-problema għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent tkun issostanzjata u l-ħtieġa li jitwettaq ittestjar fuq l-annimali tkun ġustifikata u tkun appoġġata bi protokoll iddettaljat ta' riċerka propost bħala bażi għall-evalwazzjoni.

Il-Kummissjoni għandha tindirizza d-deċiżjoni tagħha li tagħti deroga lill-Istati Membri kollha u għandha tikkomunikaha minnufih lilhom u lill-operaturi ekonomiċi rilevanti.

Kapitolu III

Obbligi tal-operaturi ekonomiċi

Artikolu 8

Obbligi tal-manifatturi

1. Meta jintroduċu deterġenti jew aġenti tensjoattivi fis-suq, il-manifatturi għandhom jiżguraw li dawk id-deterġenti jew l-aġenti tensjoattivi jkunu ġew iddisinjati u mmanifatturati f'konformità ma' dan ir-Regolament.

2. Il-manifatturi għandhom ifasslu d-dokumentazzjoni teknika li tinsab fl-Anness IV u jwettqu l-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità li tinsab f'dak l-Anness.

Meta l-konformità ta' deterġent jew ta' aġent tensjoattiv għall-utenti finali mar-rekwiżiti applikabbli kienet murija permezz tal-proċedura msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-manifatturi, qabel ma jintroduċu l-prodott fis-suq, għandhom:

- (a) jgħidli passaport diġitali tal-prodott f'konformità mal-Artikolu 21;
 - (b) jidher li l-mezz ta' data jkun disponibbli f'konformità mal-Artikolu 21(4); u
 - (c) jinkludu referenza tal-passaport diġitali tal-prodott fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 24(1) (ir-"reġistru").
3. Il-manifatturi għandhom iżommu u, fejn meħtieġ, jaġġornaw id-dokumentazzjoni teknika u l-passaport diġitali tal-prodott għal 10 snin mid-data li fiha d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv ikun ġie introdott fis-suq.
 4. Il-manifatturi għandhom jidher li jkunu ġew stabbiliti proċeduri biex il-produzzjoni tas-serje tibqa' konformi. Il-bidliet fid-disinn jew fil-karatteristiċi tal-prodott, kif ukoll il-bidliet fil-metodi ta' ttestjar li b'referenza għalihom tiġi ddikjarata l-konformità ta' prodott, għandhom jitqiesu b'mod adegwat.

Meta jitqies xieraq fir-rigward tal-prestazzjoni ta' deterġent jew aġent tensjoattiv, jew tar-riskji ppreżentati minnhom, il-manifatturi għandhom iwettqu testijiet ta' kampjuni ta' tali deterġent jew aġent tensjoattiv, jinvestigaw, u, jekk ikun meħtieġ, iżommu reġistru tal-ilmenti, ta' deterġenti jew aġenti tensjoattivi mhux konformi u tas-sejħiet lura ta' tali deterġenti jew aġenti tensjoattivi, u għandhom iżommu lid-distributuri informati dwar kwalunkwe monitoraġġ bħal dan.

5. Il-manifatturi li jintroduċu deterġenti jew aġenti tensjoattivi fis-suq għandhom jiżguraw li dawk id-deterġenti jew l-aġenti tensjoattivi jikkonformaw mal-Artikolu 17(1), (3), (4) u (5), l-Artikolu 18(1) u l-Artikolu 19(1) u (2) u, fejn applikabbli, l-Artikolu 17(2), l-Artikolu 18(2) u l-Artikolu 19(3).
6. Qabel ma jintroduċu fis-suq deterġenti jew aġenti tensjoattivi għall-utenti finali li huma taħlitiet u li għalihom ma hemm l-ebda obbligu li jipprovdu informazzjoni f'konformità mal-Artikolu 45 tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, il-manifatturi stabbiliti fl-Unjoni għandhom jipprovdu lill-korpi maħtura mill-Istati Membri f'konformità ma' dak l-Artikolu (il-"korpi maħtura") l-iskeda tad-data dwar l-ingredjenti msemmija fil-punt 2.2 (e) tal-Anness IV ta' dan ir-Regolament (l-"iskeda tad-data dwar l-ingredjenti"). Meta d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv għall-utenti finali li għalih tkun diġà ġiet ippreżentata skeda tad-data dwar l-ingredjenti ma jibqax jikkorrispondu mal-informazzjoni inkluża f'dik l-iskeda tad-data dwar l-ingredjenti, il-manifatturi għandhom jippreżentaw skeda aġġornata tad-data dwar l-ingredjenti. L-iskeda tad-data dwar l-ingredjenti għandha tiġi ppreżentata b'mezzi elettroniċi fil-format ipprovdut mill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi u ssir disponibbli mingħajr ħlas għan-notifiki f'konformità mal-Parti A, it-Taqsima 3.1, it-tieni paragrafu, tal-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008. Il-preżentazzjoni għandha ssir b'lingwa li tinftiehem faċilment mill-korpi maħtura, kif determinat mill-Istat Membru li fih il-prodott jitqiegħed fis-suq.

7. Il-manifatturi stabbiliti barra mill-Unjoni għandhom jipprovdu lir-rappreżentant awtorizzat jew lill-importatur l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex juru l-konformità ma' dan ir-Regolament tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv.
8. Meta l-manifatturi jqisu jew ikollhom raġuni jemmnu li deterġent jew aġent tensjoattiv li jkunu introduċew fis-suq ma jkunx konformi ma' dan ir-Regolament, huma għandhom immedjatament jieħdu l-azzjoni korrettiva meħtieġa biex iġibu dak id-deterġent jew aġent tensjoattiv konformi, jirtirawh jew isejhju lura l-prodott, kif ikun xieraq. Barra minn hekk, meta l-manifatturi jqisu jew ikollhom raġuni jemmnu li deterġent jew aġent tensjoattiv li jkunu introduċew fis-suq jgħloq riskju għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent, għandhom immedjatament jinfirmaw dwar dan lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri li fihom ikunu qiegħduh fis-suq, u jagħtu dettalji, b'mod partikolari, ta' kwalunkwe nuqqas ta' konformità u ta' kwalunkwe azzjoni korrettiva meħuda.
9. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li operaturi ekonomiċi oħra fil-katina tal-provvista kkonċernata jinżammu infurmati mingħajr dewmien żejjed dwar kwalunkwe nuqqas ta' konformità jew riskju għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent li jkunu identifikaw u dwar kwalunkwe azzjoni korrettiva, sejħa lura jew irtirar konsegwenti.
10. Il-manifatturi għandhom, fuq talba motivata minn awtorità nazzjonali kompetenti, jipprovduha l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha, f'format elettroniku u, fuq talba, f'format stampat, meħtieġa biex juru l-konformità ma' dan ir-Regolament ta' deterġent jew aġent tensjoattiv li jkunu introduċu fis-suq, b'lingwa li tista' tinftiehem faċilment minn dik l-awtorità. Il-manifatturi għandhom jikkooperaw ma' dik l-awtorità, fuq talba tagħha, dwar kwalunkwe azzjoni meħuda biex jiġu eliminati r-riskji maħluqa minn dak id-deterġent jew aġent tensjoattiv.

11. Il-manifatturi għandhom jagħmlu l-mezzi ta' komunikazzjoni tagħhom, bħal numru tat-telefown, indirizz elettroniku jew taqsimha ddedikata tas-sit web tagħhom, disponibbli pubblikament fuq is-sit web tagħhom, filwaqt li jqisu l-ħtiġijiet ta' aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabbiltà u jippermettu lill-utenti finali jressqu lmenti dwar in-nuqqas ta' konformità potenzjali tal-prodotti jew kwistjonijiet ta' sikurezza.

Artikolu 9

Rappreżentant awtorizzat

1. Il-manifatturi jistgħu, b'mandat bil-miktub, jaħtru rappreżentant awtorizzat. Dak il-mandat għandu jkun validu biss meta jiġi aċċettat bil-miktub mir-rappreżentant awtorizzat. Ir-rappreżentant awtorizzat għandu jipprovdi kopja tal-mandat lill-awtorità kompetenti, fuq talba.
2. Il-manifatturi stabbiliti barra mill-Unjoni, li jintroduċu deterġent jew aġent tensjoattiv fis-suq tal-Unjoni, għandhom jaħtru rappreżentant awtorizzat skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1.
3. Ir-rappreżentant awtorizzat għandu jwettaq il-kompiti speċifikati fil-mandat imsemmi fil-paragrafu 1.

Il-mandat għandu jirrikjedi lir-rappreżentant awtorizzat biex tal-anqas jagħmel dan li ġej:

- (a) jivverifika li, f'konformita' mal-Artikolu 8(2), il-passaport diġitali tal-prodott ikun inħoloq , l-informazzjoni rilevanti dwar il-passaport diġitali tal-prodott tkun ġiet inkluża fir-reġistru, id-dokumentazzjoni teknika tkun tfasslet u l-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità tkun twettqet;
- (b) iżomm id-dokumentazzjoni teknika għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali tas-sorveljanza tas-suq, u l-passaport diġitali tal-prodott disponibbli, għal 10 snin mid-data li fiha d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv kopert minn dawk id-dokumenti jkun ġie introdott fis-suq;
- (c) fuq talba motivata ta' awtorità nazzjonali kompetenti, jipprovdi lil dik l-awtorità bl-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex tintwera l-konformità ma' dan ir-Regolament tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv, f'lingwa li tista' tinftiehem faċilment minn dik l-awtorità;
- (d) meta jkollu raġuni biex jemmen li deterġent jew aġent tensjoattiv kopert mill-mandat joħloq riskju għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent, jinforma b'dan lill-manifattur u lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq;
- (e) jikkoopera mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, fuq talba tagħhom, dwar kwalunkwe azzjoni meħuda biex jiġu eliminati r-riskji maħluqa minn deterġent jew aġent tensjoattiv kopert mill-mandat; u

- (f) jitermina l-mandat u jinforma lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti b'tali terminazzjoni jekk il-manifattur ma jikkonformax mal-obbligi tiegħu skont dan ir-Regolament.
4. Minbarra l-kompiti msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, il-mandat tar-rappreżentant awtorizzat maħtur f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandu jirrikjedi li dak ir-rappreżentant awtorizzat jagħmel dan li ġej fir-rigward ta' deterġenti u aġenti tensjoattivi koperti minn dak il-mandat:
- (a) jipprovdi u, fejn meħtieġ, jaġġorna l-iskeda tad-data dwar l-ingredjenti f'konformità mal-Artikolu 8(6);
 - (b) iżomm l-informazzjoni li tinsab fl-iskeda tad-data dwar l-ingredjenti kunfidenzjali;
 - (c) jivverifika li d-deterġenti jew l-aġenti tensjoattivi jikkonformaw mar-rekwiżiti tat-tikkettar stipulati fl-Artikolu 17(1), (3), (4) u (5), l-Artikolu 18(1), l-Artikolu 19(1) u (2) u, fejn applikabbli, l-Artikolu 17(2), l-Artikolu 18(2) u l-Artikolu 19(3); u
 - (d) jagħmel l-almu tiegħu biex jivverifika li d-dokumentazzjoni u l-informazzjoni pprovduta mill-manifattur f'konformità mal-Artikolu 8(7) turi l-konformità tal-prodotti ma' dan ir-Regolament.
5. L-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 8(1) u l-obbligu li titfassal id-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Artikolu 8(2) ma għandhomx jiffurmaw parti mill-mandat tar-rappreżentant awtorizzat.

Artikolu 10
Obbligi tal-importaturi

1. L-importaturi għandhom jintroduċu fis-suq deterġenti jew aġenti tensjoattivi konformi biss.
2. Qabel ma jintroduċu deterġent jew aġent tensjoattiv fis-suq, l-importaturi għandhom jiżguraw li:
 - (a) il-manifattur ikun wettaq il-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità u fassal id-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Artikolu 8(2);
 - (b) l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni pprovduti mill-manifattur f'konformità mal-Artikolu 8(7) juru konformità ma' dan ir-Regolament; u
 - (c) il-manifattur ikun ħoloq il-passaport diġitali tal-prodott imsemmi fl-Artikolu 8(2), il-punt (a), il-mezz ta' data jkun disponibbli f'konformità mal-Artikolu 21(4) u l-informazzjoni rilevanti dwar il-passaport diġitali tal-prodott tkun għet inkluża fir-reġistru.
3. L-importaturi għandhom jipprovdu l-iskeda tad-data dwar l-ingredjenti qabel ma jintroduċu fis-suq deterġenti jew aġenti tensjoattivi għall-utenti finali u, fejn meħtieġ, jaġġornaw l-iskeda tad-data dwar l-ingredjenti, f'konformità mal-Artikolu 8(6). L-importatur għandu jżomm l-informazzjoni li tinsab fl-iskeda tad-data dwar l-ingredjenti kunfidenzjali.

4. Meta l-importaturi jqisu jew ikollhom raġuni biex jemmnu li deterġent jew aġent tensjoattiv ma jkunx konformi ma' dan ir-Regolament, huma ma għandhomx jintroduċuh fis-suq qabel ma jinġieb konformi. Barra minn hekk, meta d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv johlq riskju għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent, l-importaturi għandhom jinfurmaw b'dan lill-manifattur u lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq.
5. L-importaturi għandhom jiżguraw li d-deterġenti jew l-aġenti tensjoattivi li jintroduċu fis-suq jikkonformaw mal-Artikolu 17(1), (3), (4) u (5), l-Artikolu 18(1), l-Artikolu 19(1) u (2) u, fejn applikabbli, l-Artikolu 17(2), l-Artikolu 18(2) u l-Artikolu 19(3).
6. L-importaturi għandhom jiżguraw li, waqt li deterġent jew aġent tensjoattiv ikun taħt ir-responsabbiltà tagħhom, il-kundizzjonijiet tal-ħżin jew tat-trasport tiegħu ma jipperikolawx il-konformità tiegħu ma' dan ir-Regolament.
7. Meta jitqies xieraq fir-rigward tal-prestazzjoni ta' deterġent jew ta' aġent tensjoattiv jew tar-riskji ppreżentati minnu, l-importaturi għandhom iwettqu testijiet ta' kampjuni ta' tali deterġent jew aġent tensjoattiv, jinvestigaw, u, jekk ikun meħtieġ, iżommu regjistru tal-ilmenti, ta' deterġenti u aġenti tensjoattivi mhux konformi u tas-sejħiet lura ta' tali deterġenti jew aġenti tensjoattivi, u għandhom iżommu lid-distributuri informati dwar kwalunkwe monitoraġġ bħal dan.

8. Meta l-importaturi jqisu jew ikollhom raġuni biex jemmnu li deterġent jew aġent tensjoattiv li jkunu introduċew fis-suq ma jkunx konformi ma' dan ir-Regolament, huma għandhom immedjatament jinformat lill-manifattur u lill-awtoritajiet kompetenti u jikkooperaw magħhom u għandhom immedjatament jieħdu l-azzjoni korrettiva meħtieġa biex dak id-deterġent jew aġent tensjoattiv jinġieb konformi, jiġi rtirat jew jissejjaħ lura, kif ikun xieraq. Barra minn hekk, meta l-importaturi jqisu jew ikollhom raġuni biex jemmnu li deterġent jew aġent tensjoattiv li jkunu introduċew fis-suq joħloq riskju għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent, huma għandhom immedjatament jinfurmaw dwar dan lill-manifattur u lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri li fihom ikunu qiegħdu dan il-prodott fis-suq, u jagħtu dettalji, b'mod partikolari, ta' kwalunkwe nuqqas ta' konformità u ta' kwalunkwe azzjoni korrettiva meħuda.
9. L-importaturi għandhom jiżguraw li operaturi ekonomiċi oħra fil-katina tal-provvista kkonċernata jinżammu infurmati mingħajr dewmien żejjed dwar kwalunkwe nuqqas ta' konformità jew riskju għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent li jkunu identifikaw u dwar kwalunkwe azzjoni korrettiva, sejħa lura jew irtirar konsegwenti.
10. L-importaturi għandhom iżommu r-referenza għall-identifikatur uniku tal-prodott u d-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Artikolu 8(2) għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għal perjodu ta' 10 snin mid-data li fiha d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv ikun ġie introdott fis-suq.

11. L-importaturi għandhom, fuq talba motivata minn awtorità nazzjonali kompetenti, jipprovduha l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha, f'format elettroniku u, fuq talba, f'format stampat, meħtieġa biex juru l-konformità ma' dan ir-Regolament ta' deterġent jew ta' aġent tensjoattiv, b'lingwa li tista' tinftiehem faċilment minn dik l-awtorità. L-importaturi għandhom jikkooperaw ma' dik l-awtorità, fuq talba tagħha, dwar kwalunkwe azzjoni meħuda biex jiġu eliminati r-riskji maħluqa minn deterġent jew aġent tensjoattiv li jkunu introduċew fis-suq.
12. L-importaturi għandhom jivverifikaw jekk il-kanali ta' komunikazzjoni msemmija fl-Artikolu 8(11) humiex disponibbli pubblikament għall-konsumaturi u utenti finali oħra. Meta dawn ma jkunux disponibbli, l-importaturi għandhom jipprevedu tali kanali, filwaqt li jqisu l-bżonnijiet ta' aċċessibilità ta' persuni b'diżabbiltà.

Artikolu 11

Obbligi tad-distributuri

1. Meta jqiegħdu deterġent jew aġent tensjoattiv fis-suq, id-distributuri għandhom jaġixxu bl-attenzjoni dovuta fir-rigward tar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.
2. Qabel ma jqiegħdu deterġent jew aġent tensjoattiv fis-suq, id-distributuri għandhom jivverifikaw li:
 - (a) mad-deterġent jew l-aġent tensjoattiv ikun hemm id-dokumenti meħtieġa u tikketta li jkun fiha l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 17(3) u (4), fil-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 17(5);

- (b) meta tiġi pprovduta tikketta diġitali, jiġu ssodisfati r-rekwiżiti fl-Artikolu 19(1), il-punti (a), (d), (e) u (h), l-Artikolu 19(2) u, fejn applikabbli, l-Artikolu 17(2), l-Artikolu 18(2) u l-Artikolu 19(3); u
- (c) il-mezz ta' data jkun disponibbli f'konformità mal-Artikolu 21(4).
3. Id-distributori li jqiegħdu fis-suq fi Stat Membru ieħor deterġenti jew aġenti tensjoattivi għall-utenti finali li għalihom għandha tiġi pprovduta skeda ta' data dwar l-ingredjenti f'konformità mal-Artikolu 8(6) għandhom jippreżentaw lill-korp maħtur f'dak l-Istat Membru l-iskeda ta' data dwar l-ingredjenti qabel ma jagħmlu l-prodott disponibbli fiha, u jaġġornaw l-iskeda ta' data dwar l-ingredjenti fejn meħtieġ, sakemm ma jkunux jistgħu juru li l-korp maħtur diġà rċieva l-istess informazzjoni minn operatur ekonomiku ieħor. Id-distributori għandhom iżommu kunfidenzjali l-informazzjoni li tkun tinsab fl-iskeda tad-data dwar l-ingredjenti.
4. Meta d-distributori jqisu jew ikollhom raġuni biex jemmnu li deterġent jew aġent tensjoattiv ma jkunx konformi ma' dan ir-Regolament, huma ma għandhomx iqiegħdu fis-suq qabel ma dan jinġieb konformi. Barra minn hekk, meta d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv joħloq riskju għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent, id-distributori għandhom jinfurmaw b'dan lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, lill-manifattur u, fejn ikun rilevanti, lir-rappreżentant awtorizzat jew lill-importatur.
5. Id-distributori għandhom jiżguraw li, waqt li deterġent jew aġent tensjoattiv ikun taħt ir-responsabbiltà tagħhom, il-kundizzjonijiet tal-ħżin jew tat-trasport tiegħu ma jipperikolawx il-konformità tiegħu ma' dan ir-Regolament.

6. Meta d-distributuri jqisu jew ikollhom raġuni biex jemmnu li deterġent jew aġent tensjoattiv li jkunu qiegħdu fis-suq ma jkunx konformi ma' dan ir-Regolament, huma għandhom immedjatament jinformaw lill-manifattur jew lill-importatur, kif applikabbli, u lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, u jikkooperaw magħhom, u għandhom jiżguraw li tittieħed l-azzjoni korrettiva meħtieġa biex id-deterġent jew aġent tensjoattiv jinġieb konformi, jiġi rtirat jew jissejjaħ lura, kif ikun xieraq. Barra minn hekk, meta d-distributuri jqisu jew ikollhom raġuni biex jemmnu li deterġent jew aġent tensjoattiv li jkunu qiegħdu fis-suq johlq riskju għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent, huma għandhom immedjatament jinfurmaw b'dan lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri li fihom ikunu qiegħdu dawn il-prodotti fis-suq, u jagħtu dettalji, b'mod partikolari, ta' kwalunkwe nuqqas ta' konformità u ta' kwalunkwe azzjoni korrettiva meħuda.
7. Id-distributuri għandhom, fuq talba motivata minn awtorità nazzjonali kompetenti, jipprovdu l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha, f'format elettroniku u, fuq talba, f'format stampat, meħtieġa biex juru l-konformità ma' dan ir-Regolament ta' deterġent jew ta' aġent tensjoattiv. Id-distributuri għandhom jikkooperaw ma' dik l-awtorità, fuq talba tagħha, dwar kwalunkwe azzjoni meħuda biex jiġu eliminati r-riskji maħluqa minn deterġent jew aġent tensjoattiv li qiegħdu fis-suq.

Artikolu 12

Forniment permezz ta' rikarika

Mingħajr preġudizzju għar-Regolamenti (UE) 2023/988²⁰ u (UE) 2025/40²¹ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tas-sikurezza u tal-iġjene għar-rikariki inkluż ir-riskju ta' konfużjoni mal-oġġetti tal-ikel, meta d-deterġenti jew l-aġenti tensjoattivi għall-utenti finali jitqiegħdu fis-suq permezz ta' rikarika, l-operatur ekonomiku li jagħmel il-prodott disponibbli għall-utenti finali għandu jiżgura li:

- (a) jiġu applikati miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju biex jiġi minimizzat l-esponiment tal-bnedmin, speċjalment tat-tfal, inkluż billi tfal ma jitħallewx jużaw l-istazzjon ta' rikarika mingħajr superviżjoni u billi l-persunal tagħhom jitħarreġ kif xieraq; u
- (b) id-deterġenti jew l-aġenti tensjoattivi għall-utenti finali pprovduti permezz ta' stazzjon ta' rikarika ma jirreaġixxux ma' xulxin b'mod li jista' jipperikola s-saħħa tal-bniedem.

²⁰ Ir-Regolament (UE) 2023/988 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 dwar is-sikurezza ġenerali tal-prodotti, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva (UE) 2020/1828 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 87/357/KEE (ĠU L 135, 23.5.2023, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/988/oj>).

²¹ Ir-Regolament (UE) 2025/40 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2024 dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ, li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1020 u d-Direttiva (UE) 2019/904, u li jħassar id-Direttiva 94/62/KE (ĠU L, 2025/40, 22.1.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2025/40/oj>).

Artikolu 13

Każijiet fejn l-obbligi tal-manifatturi japplikaw għall-importaturi u għad-distributuri

L-importaturi jew id-distributuri għandhom jitqiesu bħala manifatturi għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom ikunu soġġetti għall-obbligi tal-manifattur skont l-Artikoli 8, meta:

- (a) jintroduċu deterġent jew aġent tensjoattiv fis-suq taħt isimhom jew bit-trade mark tagħhom;
- (b) jimmodifikaw deterġent jew aġent tensjoattiv diġà introdott fis-suq b'tali mod li tista' tiġi affettwata l-konformità ma' dan ir-Regolament; jew
- (c) jqięghdu fis-suq aġent tensjoattiv li mhuwiex aġent tensjoattiv għall-utenti finali disponibbli għall-utenti finali.

Artikolu 14

Imballaġġ u imballaġġ mill-ġdid minn importaturi u distributuri

1. Meta l-importaturi jew id-distributuri jimballaw jew jimballaw mill-ġdid deterġent jew aġent tensjoattiv u dawk l-importaturi jew id-distributuri ma humiex soġġetti għall-obbligi tal-manifattur skont l-Artikolu 13, huma għandhom, kif applikabli u minbarra l-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 10 jew 11:
 - (a) jiżguraw li l-imballaġġ ikollu fuqu l-isem, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trade mark irreġistrata, l-indirizz postali u dak elettroniku, u n-numru tat-telefown tal-importatur jew tad-distributur, ippreċeduti mill-kliem "imballat minn" jew "imballat mill-ġdid minn";

- (b) iżommu kampjun tal-informazzjoni oriġinali msemmija fl-Artikolu 17(3) jew (4) għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għal 10 snin mid-data li fiha d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv ikun ġie introdott fis-suq; u
 - (c) iżommu r-referenza għall-identifikatur uniku tal-prodott għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għal 10 snin mid-data li fiha d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv għall-utenti finali ġie introdott fis-suq.
2. It-tqegħid fis-suq ta' deterġenti jew aġenti tensjoattivi għall-utenti finali fl-istazzjonijiet ta' rikarika ma jitqiesx bħala imballaġġ jew imballaġġ mill-ġdid għall-finijiet ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 15

Identifikazzjoni tal-operaturi ekonomiċi

1. L-operaturi ekonomiċi għandhom, fuq talba minn awtorità tas-sorveljanza tas-suq, jidentifikaw dan li ġej:
- (a) kwalunkwe operatur ekonomiku li jkun forniedhom b'deterġent jew aġent tensjoattiv; u
 - (b) kwalunkwe operatur ekonomiku li lilu jkunu fornied deterġent jew aġent tensjoattiv.
2. L-operaturi ekonomiċi għandhom ikunu jistgħu jipprovdu l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għal 10 snin wara li jkunu ġew fornuti bid-deterġent jew l-aġent tensjoattiv u għal 10 snin wara li jkunu fornied id-deterġent jew l-aġent tensjoattiv.

Artikolu 16

Kunfidenzjalità tal-iskeda tad-data tal-ingredjenti

Il-korpi maħtura u l-persunal mediku għandhom iżommu kunfidenzjali l-informazzjoni inkluża fl-iskeda tad-data tal-ingredjenti. Jistgħu jużaw biss tali informazzjoni:

- (a) biex jissodisfaw bżonn mediku billi jifformulaw miżuri preventivi u kurativi, b'mod partikolari fil-każ ta' emerġenza; jew
- (b) fejn mitluba minn Stat Membru, mill-Kummissjoni jew mill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, biex iwettqu analiżi statistika biex jidentifikaw fejn jistgħu jkunu meħtieġa miżuri mtejba ta' ġestjoni tar-riskji.

Kapitolu IV

Tikkettar

Artikolu 17

Rekwiżiti ġenerali tat-tikkettar

1. Id-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi mqieġħda fis-suq f'imballaġġ individwali jew permezz ta' rikarika għandhom ikunu akkumpanjati minn tikketta.

2. Operatur ekonomiku li jqiegħed deterġent jew aġent tensjoattiv fis-suq direttament lil utent finali permezz ta' rikarika għandu jipprovi lill-utent finali t-tikketta fiżika u l-mezz ta' data msemmija fl-Artikolu 21(2), punt (h), u għandu jiżgura li t-tikketta fiżika u l-mezz ta' data jkunu disponibbli għal kull imballaġġ li jerġa' jimtela b'deterġent jew aġent tensjoattiv.
3. It-tikketta tad-deterġenti u tal-aġenti tensjoattivi għandu jkun fiha l-informazzjoni speċifikata fil-Parti A tal-Anness V.
4. Minbarra l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3, it-tikketta tad-deterġenti tal-ħasil tal-ħwejjeġ għall-konsumatur, tad-deterġenti tal-magni tal-ħasil tal-platti awtomatiċi għall-konsumatur u tad-deterġenti għas-superfiċji tal-konsumatur għandu jkun fiha informazzjoni dwar id-dożaaġ f'konformità mal-Parti B tal-Anness V.
5. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 3 u 4 għandha tkun f'lingwa, waħda jew aktar, li tista' tinftiehem faċilment mill-utenti finali, kif determinat mill-Istat Membru kkonċernat, u għandha tkun leġġibbli, ċara, tinftiehem u intelliġibbli. It-tikketta għandha tkun aċċessibbli għal skopijiet ta' spezzjoni meta d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv ikun mqiegħed fis-suq.

Artikolu 18

Forom tat-tikkettar

1. L-informazzjoni tat-tikkettar imsemmija fil-Partijiet A u B tal-Anness V għandha tiġi pprovduta:
 - (a) fuq tikketta fiżika; jew
 - (b) fuq tikketta diġitali u duplikata fuq tikketta fiżika.

2. Minkejja l-paragrafu 1, il-punt (b):
 - (a) l-informazzjoni tat-tikkettar imsemmija fil-Parti C tal-Anness V tista' tiġi pprovduta fuq tikketta diġitali biss;
 - (b) l-informazzjoni tat-tikkettar imsemmija fil-Parti A, il-punt 1(a), (c) u (d), tal-Anness V tista' tiġi pprovduta fuq tikketta fiżika biss.

Artikolu 19

Rekwiżiti għat-tikkettar diġitali

1. Meta d-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi jkollhom tikketta diġitali f'konformità mal-Artikolu 18, ir-regoli li ġejjin għandhom japplikaw għal dik it-tikketta:
 - (a) l-informazzjoni kollha tat-tikkettar imsemmija fil-Parti A tal-Anness V u, fejn applikabbli, il-Parti B ta' dak l-Anness, tingħata flimkien f'post wieħed u tkun separata minn informazzjoni oħra;
 - (b) l-informazzjoni fuq it-tikketta diġitali tista' tiġi mfittxija;
 - (c) l-informazzjoni fuq it-tikketta diġitali hija aċċessibbli għall-utenti kollha fl-Unjoni;
 - (d) l-informazzjoni fuq it-tikketta diġitali hija aċċessibbli permezz tal-mezz ta' data msemmi fl-Artikolu 21(2), il-punt (h);

- (e) l-informazzjoni fuq it-tikketta diġitali hija ppreżentata b'mod li jindirizza wkoll il-ħtiġijiet ta' gruppi vulnerabbli, inkluż il-persuni b'diżabbiltà, u li jippermetti, kif rilevanti, l-adattamenti meħtieġa biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-informazzjoni minn dawk il-gruppi;
 - (f) it-tikketta diġitali hija aċċessibbli permezz ta' teknoloġiji diġitali b'użu mifruż u hija kompatibbli mas-sistemi operattivi u l-browsers ewlenin kollha;
 - (g) it-tikketta diġitali tibqa' disponibbli għal perjodu ta' 10 snin mid-data li fiha d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv ġie introdott fis-suq, inkluż f'każijiet ta' insolvenza, likwidazzjoni jew waqfien tal-attività fl-Unjoni tal-operatur ekonomiku li jkun ħoloqha, jew għal perjodu itwal kif meħtieġ skont liġi oħra tal-Unjoni li tkopri l-informazzjoni li jkun fiha;
 - (h) meta l-informazzjoni fuq it-tikketta diġitali tkun aċċessibbli f'aktar minn lingwa waħda, l-għażla tal-lingwa ma għandhiex tkun ikkundizzjonata mill-pożizzjoni ġeografika li minnha jkun qed jaċċessaha l-utent finali.
2. L-operaturi ekonomiċi li jipprovdu tikketta diġitali ma għandhomx jittraċċaw, janalizzaw jew jużaw kwalunkwe informazzjoni dwar l-użu għajr dak li jkun assolutament meħtieġ biex l-informazzjoni fuq it-tikketta diġitali tkun provduta online.

3. L-operaturi ekonomiċi li jqiegħdu fis-suq deterġent jew aġent tensjoattiv disponibbli lill-utenti finali għandhom jipprovdu l-informazzjoni preżenti fuq it-tikketta diġitali b'mezzi oħra fil-każijiet li ġejjin:

- (a) fuq talba orali jew bil-miktub mill-utent finali; jew
- (b) meta t-tikketta diġitali ma tkunx disponibbli b'mod temporanju, inkluż fil-ħin tax-xiri.

L-operaturi ekonomiċi għandhom jipprovdu l-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu indipendentement minn xiri ta' deterġent jew ta' aġent tensjoattiv u mingħajr ħlas.

Artikolu 20

Bejgħ mill-bogħod

Meta d-deterġenti jew l-aġenti tensjoattivi jitqiegħdu fis-suq permezz ta' bejgħ mill-bogħod, l-offerta għandha tindika b'mod ċar u viżibbli l-informazzjoni tat-tikketta msemmija fl-Artikolu 17, u kopja diġitali tal-mezz ta' data jew l-identifikatur uniku tal-prodott.

Kapitolu V

Passaport diġitali tal-prodott

Artikolu 21

Passaport diġitali tal-prodott

1. Qabel ma jintroduċi fis-suq deterġent jew aġent tensjoattiv għall-utenti finali, il-manifattur għandu jgħid passaport diġitali tal-prodott għal dak il-prodott. Il-passaport diġitali tal-prodott għandu jissodisfa r-rekwiżiti stipulati f'dan l-Artikolu u fl-Artikolu 22.
2. Il-passaport diġitali tal-prodott għandu:
 - (a) jikkorrispondi għal mudell speċifiku ta' deterġent jew aġent tensjoattiv għall-utenti finali;
 - (b) jiddikjara li ntweriet il-konformità ma' dan ir-Regolament tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv għall-utenti finali;
 - (c) ikun fih mill-anqas id-data stipulata fil-Parti A tal-Anness VI;
 - (d) ikun preċiż, komplut u aġġornat;
 - (e) ikun disponibbli fil-lingwa jew lingwi meħtieġa mill-Istat Membru li fih id-deterġent jew l-aġent tensjoattiv għall-utenti finali jitqiegħed fis-suq;

- (f) ikun aċċessibbli għall-konsumaturi jew utenti finali oħra, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, l-awtoritajiet tad-dwana, il-Kummissjoni u operaturi ekonomiċi oħra f'konformità mad-drittijiet tal-aċċess stabbiliti skont il-paragrafu 10, il-punt (d);
 - (g) ikun disponibbli għal perjodu ta' 10 snin mid-data li fiha d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv għall-utenti finali ġie introdott fis-suq, inkluż f'każijiet ta' insolvenza, likwidazzjoni jew waqfien tal-attività fl-Unjoni tal-operatur ekonomiku li jkun ħoloq il-passaport diġitali tal-prodott;
 - (h) ikun konness permezz ta' mezz ta' data ma' identifikatur persistenti uniku tal-prodott; u
 - (i) ikun jissodisfa r-rekwiżiti speċifiċi u tekniċi stabbiliti skont il-paragrafu 10.
3. Minbarra d-data stabbilita fil-Parti A tal-Anness VI, il-passaport diġitali tal-prodott jista' jkun fih id-data stipulata fil-Parti B ta' dak l-Anness.
4. Il-mezz ta' data msemmi fil-paragrafu 2, il-punt (h), għandu jkun:
- (a) stampat jew preżenti fiżikament b'xi mod ieħor fuq it-tikketta jew fuq l-imballaġġ tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv għall-utenti finali, jew fuq id-dokumenti li jakkumpanjaw id-deterġent jew l-aġent tensjoattiv għall-utenti finali jekk jiġu ttrasportati bl-ingrossa, f'konformità mal-att ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni msemmi fil-paragrafu 10;

- (b) ma jitħassarx;
 - (c) ippożizzjonat b'tali mod li jista' jiġi pproċessat awtomatikament minn apparati diġitali;
 - (d) preżenti fl-istazzjon ta' rikarika, għad-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi għall-utenti finali mqiegħda fis-suq permezz ta' rikarika;
 - (e) akkumpanjat mid-dikjarazzjoni "Jekk jogħġbok skennja għal informazzjoni aktar komprensiva dwar il-prodott" jew minn dikjarazzjoni simili; u
 - (f) ikun viżibbli għall-konsumatur jew utenti finali oħra qabel kwalunkwe xiri u għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, inkluż, fejn applikabbli, f'każijiet fejn id-deterġent jew l-aġent tensjoattiv għall-utenti finali jitqiegħed fis-suq permezz ta' bejgħ mill-bogħod.
5. Meta liġi oħra tal-Unjoni tirrikjedi li l-informazzjoni dwar id-deterġent jew l-aġent tensjoattiv għall-utenti finali tkun disponibbli permezz ta' mezz ta' data, għandu jintuża mezz ta' data uniku biex jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa skont dan ir-Regolament u liġi oħra tal-Unjoni.
6. Meta liġi oħra tal-Unjoni li tapplika għad-deterġenti u għall-aġenti tensjoattivi għall-utenti finali tirrikjedi passaport diġitali tal-prodott, għandu jinħoloq passaport diġitali tal-prodott uniku għad-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi għall-utenti finali, li jkun fih l-informazzjoni rikjesta minn dan ir-Regolament kif ukoll kwalunkwe data oħra meħtieġa għall-passaport diġitali tal-prodott minn liġi oħra tal-Unjoni.

7. B'deroga mill-paragrafu 2, il-punt (a), meta liġi oħra tal-Unjoni tirrikjedi li l-passaport diġitali tal-prodott jikkorrispondi għal livell ta' lott jew ta' oġġett, il-passaport diġitali tal-prodott għall-finijiet ta' dan ir-Regolament jista' jinħareġ għal dak il-livell.
8. L-operaturi ekonomiċi jistgħu, minbarra d-data msemmija fil-paragrafi 5 u 6, jagħmlu informazzjoni oħra aċċessibbli permezz tal-mezz ta' data msemmi fil-paragrafu 5. F'tali każijiet, dik id-data għandha tiġi separata b'mod ċar mid-data meħtieġa skont dan ir-Regolament u, fejn rilevanti, skont liġi oħra tal-Unjoni.
9. Billi johlq il-passaport diġitali tal-prodott, il-manifattur għandu jassumi r-responsabbiltà għall-konformità ma' dan ir-Regolament tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv għall-utenti finali.
10. Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jiddetermina r-rekwiżiti tekniċi bażiċi relatati mal-passaport diġitali tal-prodott għad-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi għall-utenti finali. Id-data ta' applikazzjoni ta' tali att ta' implimentazzjoni ma għandhiex tkun aktar kmieni minn 18-il xahar mid-dħul fis-seħħ tiegħu, ħlief f'każijiet debitament ġustifikati relatati mal-att ta' implimentazzjoni kollu jew ma' ċerti dispożizzjonijiet fih, jew ħlief fil-każ ta' tħassir parzjali jew emenda tal-att ta' implimentazzjoni, fejn tista' tiġi stabbilita data ta' applikazzjoni aktar kmieni. Dawk ir-rekwiżiti tekniċi għandhom jinkludu mill-anqas dawn li ġejjin:
 - (a) il-mezz ta' data, wieħed jew aktar, li għandu jintuża;
 - (b) il-format li bih il-mezz ta' data għandu jiġi ppreżentat u l-pożizzjonament tiegħu;

- (c) l-elementi tekniċi tal-passaport diġitali tal-prodott li għalihom għandhom jintużaw standards Ewropej jew internazzjonali definiti;
- (d) l-atturi li għandu jkollhom aċċess għad-data fil-passaport diġitali tal-prodott u għal liema data għandu jkollhom aċċess;
- (e) l-atturi li għandhom joħolqu passaport diġitali tal-prodott jew jaġġornaw id-data f'passaport diġitali tal-prodott, u liema data jistgħu jintroduċu jew jaġġornaw; u
- (f) l-arranġamenti dettaljati għall-introduzzjoni jew l-aġġornament tad-data msemmija fil-punt (e).

L-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 32(2).

11. L-atturi li jaġġornaw id-data fil-passaport diġitali tal-prodott għandhom ikunu responsabbli għall-akkuratezza tad-data li jipprovdu, ħlief fil-każijiet fejn jaġixxu f'isem il-manifattur.
12. L-operatur ekonomiku li jintroduċi fis-suq id-deterġent jew l-aġent tensjoattiv għall-utenti finali għandu:
 - (a) jipprovdi lid-distributori u lill-fornituri tas-swieq online b'kopja diġitali tal-mezz ta' data jew l-identifikatur uniku tal-prodott, kif rilevanti, biex jippermettilhom jaġhmlu l-mezz ta' data jew l-identifikatur uniku tal-prodott aċċessibbli għall-klijenti potenzjali li ma jkunux jistgħu jaċċessaw fiżikament il-prodott;

- (b) jipprovdi l-kopja diġitali msemmija fil-punt (a) jew link ta' paġna web mingħajr ħlas, fil-pront u fi kwalunkwe każ fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol minn meta jirċievi talba biex jagħmel dan; u
- (c) jagħmel disponibbli kopja ta' riżerva tal-passaport diġitali tal-prodott permezz ta' fornitur tas-servizzi tal-passaport diġitali tal-prodott.

Artikolu 22

Id-disinn tekniku u t-tħaddim tal-passaport diġitali tal-prodott

Id-disinn tekniku u t-tħaddim tal-passaport diġitali tal-prodott għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti kollha li ġejjin:

- (a) il-passaport diġitali tal-prodott huwa interoperabbli għalkollox ma' passaporti diġitali tal-prodotti oħra meħtieġa minn liġi oħra tal-Unjoni fir-rigward tal-aspetti tekniċi, semantiċi u organizzattivi tal-komunikazzjoni minn tarf sa tarf u tat-trasferiment tad-data;
- (b) id-data kollha inkluża fil-passaport diġitali tal-prodott hija bbażata fuq standards miftuħa, żviluppati b'format interoperabbli, u, fejn ikun xieraq, tista' tinqara minn magna, tkun strutturata, tista' titfittex u tkun trasferibbli permezz ta' network ta' skambju ta' data miftuħ u interoperabbli mingħajr intrappolament tal-klijentela;

- (c) il-konsumaturi jew utenti finali oħra, l-operaturi ekonomiċi, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, l-awtoritajiet doganali, il-Kummissjoni u atturi rilevanti oħra għandhom aċċess bla ħlas għall-passaport diġitali tal-prodott abbażi tad-drittijiet ta' aċċess rispettivi taġġhom f'konformità mal-liġi tal-Unjoni;
- (d) il-konsumaturi u utenti finali oħra mhumiex meħtieġa jirreġistraw jew jipprovdu password biex jaċċessaw il-passaport diġitali tal-prodott;
- (e) il-passaport diġitali tal-prodott jinħażen mill-operatur ekonomiku responsabbli għall-ħolqien tiegħu jew mill-fornituri tas-servizzi tal-passaport diġitali tal-prodott;
- (f) meta jinħoloq passaport diġitali tal-prodott ġdid għal deterġent jew aġent tensjoattiv għall-utent finali li diġà jkollu passaport diġitali tal-prodott wieħed jew aktar, il-passaport diġitali tal-prodott ġdid ikun marbut ma' dawk il-passaporti diġitali tal-prodotti oriġinali;
- (g) meta l-passaport diġitali tal-prodott jinħażen skont il-punt (e) ta' dan l-Artikolu jew inkella jiġi pproċessat minn fornituri tas-servizzi tal-passaport diġitali tal-prodott skont l-Artikolu 21(12), il-punt (c), dawk il-fornituri tas-servizzi tal-passaport diġitali tal-prodott ma jbigħux, jużaw mill-ġdid jew jipproċessaw tali data, kompletament jew parzjalment, lil hinn minn dak meħtieġ għall-forniment tas-servizzi rilevanti tal-ħżin jew tal-ipproċessar, sakemm mhux bi qbil speċifiku mal-operatur ekonomiku li jintroduċi d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv għall-utent finali fis-suq;

- (h) l-operaturi ekonomiċi ma jitraċċaw, ma janalizzaw jew ma jużaw l-ebda informazzjoni dwar l-użu għajr kif assolutament meħtieġ għall-finijiet tal-għoti tal-informazzjoni dwar il-passaport diġitali tal-prodott online; b'mod partikolari, id-data personali relatata mal-konsumatur jew ma' utent finali ieħor tad-deterġent jew l-aġent tensjoattiv għall-utent finali ma tkunx maħżuna fil-passaport diġitali tal-prodott mingħajr il-kunsens espliċitu tagħha mogħti f'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²²;
- (i) l-awtentikazzjoni, l-affidabbiltà u l-integrità tad-data huma żgurati;
- (j) il-passaporti diġitali tal-prodotti jitfasslu u jitħaddmu b'tali mod li jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà u ta' privatezza u tiġi evitata l-frodi.

Artikolu 23

Mezzi ta' data u identifikaturi uniċi

1. Il-mezz ta' data, l-identifikaturi uniċi tal-prodott u l-identifikaturi uniċi tal-operatur meħtieġa skont dan ir-Regolament għandhom jikkonformaw mal-istandards applikabbli għall-mezzi ta' data, għall-identifikaturi uniċi tal-prodott u għall-identifikaturi uniċi tal-operatur skont ir-Regolament (UE) 2024/1781.

²² Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj>).

2. Meta identifikatur uniku tal-operatur ikun għadu mhux disponibbli, l-Artikolu 12(2) tar-Regolament (UE) 2024/1781 għandu japplika għall-operaturi ekonomiċi li joħlqu jew jaġġornaw passaport diġitali tal-prodott skont dan ir-Regolament. Kwalunkwe regola u proċedura għall-ġestjoni taċ-ċiklu tal-ħajja ta' identifikaturi uniċi u mezzi ta' data stabbiliti fl-atti delegati adottati skont l-Artikolu 12(4) tar-Regolament (UE) 2024/1781 għandhom japplikaw ukoll fir-rigward ta' identifikaturi uniċi u mezzi ta' data skont dan ir-Regolament.
3. Meta deterrent jew aġent tensjoattiv ikun soġġett għal obbligu li jiġi previst passaport diġitali tal-prodott skont att delegat adottat skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2024/1781 jew skont liġi oħra tal-Unjoni, l-identifikatur uniku tal-prodott, l-identifikatur uniku tal-operatur u l-identifikatur uniku tar-reġistrazzjoni msemmija fl-Artikolu 24(2), l-ewwel subparagrafu, ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu l-istess.
4. Kwalunkwe proċedura għall-ħruġ u l-verifika tal-kredenzjali diġitali tal-operaturi ekonomiċi u ta' atturi rilevanti oħra li għandhom drittijiet ta' aċċess għad-data inkluża fil-passaport diġitali tal-prodott, u li huma stabbiliti mill-atti ta' implimentazzjoni adottati skont l-Artikolu 11, ir-raba' subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2024/1781, għandha tkun applikabbli wkoll għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.
5. Kwalunkwe rekwiżit li l-fornituri tas-servizzi tal-passaport diġitali tal-prodott għandu jkunu konformi miegħu biex isiru tali fornituri, u, fejn xieraq, sabiex jipprovdu tali servizzi, stabbiliti f'atti delegati adottati skont l-Artikolu 11, it-tielet subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2024/1781 għandhom ikunu applikabbli wkoll għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 24

Reġistru tal-passaporti diġitali tal-prodotti

1. Qabel ma jintroduċu fis-suq deterġent jew aġent tensjoattiv għall-utent finali, l-operaturi ekonomiċi rilevanti għandhom itellgħu, fir-reġistru stabbilit skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) 2024/1781, l-identifikatur uniku tal-prodott u l-identifikatur uniku tal-operatur għad-deterġent jew l-aġent tensjoattiv għall-utent finali.

Fil-każ ta' deterġenti jew aġent tensjoattivi għall-utent finali maħsuba biex jitqiegħdu skont il-proċedura doganali "rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa", ir-reġistru għandu jaħżen il-kodiċi tal-komodità ta' dak id-deterġent jew l-aġent tensjoattiv għall-utent finali.

2. Malli d-data msemmija fil-paragrafu 1 tiġi mtella mill-operatur ekonomiku fir-reġistru, ir-reġistru għandu jikkomunika awtomatikament lil dak l-operatur ekonomiku identifikatur uniku tar-reġistrazzjoni assoċjat mal-identifikaturi mtellgħin fir-reġistru għal deterġent jew aġent tensjoattiv għall-utent finali ("identifikatur uniku tar-reġistrazzjoni"). Dik il-komunikazzjoni mir-reġistru ma għandhiex titqies bħala prova ta' konformità ma' dan ir-Regolament jew ma' liġi oħra tal-Unjoni.

Il-Kummissjoni tista' tadotta att ta' implimentazzjoni li jispeċifika l-arranġamenti ta' implimentazzjoni għar-reġistru, inkluż għall-komunikazzjoni tal-identifikatur uniku tar-reġistrazzjoni. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 32(2).

3. Il-Kummissjoni, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-awtoritajiet doganali għandu jkollhom aċċess għar-reġistru għall-fini tat-twettiq tad-dmirijiet tagħhom skont dan ir-Regolament.

Artikolu 25

Kontrolli doganali relatati mal-passaport diġitali tal-prodott

1. Id-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi għall-utent finali li jidħlu fis-suq tal-Unjoni għandhom ikunu soġġetti għal verifiki u miżuri oħra stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Kwalunkwe persuna li jkollha l-ħsieb li tqiegħed deterġent jew aġent tensjoattiv għall-utent finali taħt il-proċedura doganali "rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa" għandha tipprovdi lill-awtoritajiet doganali jew tagħmel disponibbli għalihom l-identifikatur uniku tar-reġistrazzjoni.
3. L-awtoritajiet doganali jistgħu jirrilaxxaw deterġent jew aġent tensjoattiv għall-utent finali għal ċirkolazzjoni ħielsa biss wara li jkunu vverifikaw bħala minimu li l-identifikatur uniku tar-reġistrazzjoni u l-kodiċi tal-komodità pprovdut jew magħmul disponibbli għalihom jikkorrispondu mad-data maħżuna fir-reġistru. Ir-rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa ma għandux jitqies bħala prova ta' konformità ma' dan ir-Regolament jew ma' kwalunkwe liġi oħra tal-Unjoni.
4. Il-verifika msemmija fil-paragrafu 3 għandha ssir b'mod elettroniku u awtomatiku permezz tal-interkonnnessjoni bejn ir-reġistru u s-Sistema ta' Skambju ta' Ċertifikati tat-Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana u għandha tapplika minn ... [id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament] jew mid-data li fiha l-interkonnnessjoni tkun operattiva, skont liema tiġi l-aħħar.

5. L-awtoritajiet doganali u l-Kummissjoni jistgħu jirkupraw u jużaw id-data dwar id-deterġent jew l-aġent tensjoattiv għall-utent finali inkluża fil-passaport diġitali tal-prodott u fir-reġistru għat-twettiq tad-dmirijiet tagħhom skont il-liġi tal-Unjoni, inkluż il-ġestjoni tar-riskju, il-kontrolli doganali u r-rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 952/2013.
6. Il-verifiki u miżuri oħra stabbiliti f'dan l-Artikolu għandhom jitwettqu abbażi tal-lista tal-kodiċijiet tal-komodità u d-deskrizzjoni tal-prodotti li tinsab fl-Anness VII.
7. Dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe att legali ieħor tal-Unjoni, b'mod partikolari r-Regolament (UE) Nru 952/2013 u l-Kapitolu VII tar-Regolament (UE) 2019/1020.

Kapitolu VI

Sorveljanza tas-suq

Artikolu 26

Proċedura fil-livell nazzjonali għas-sorveljanza tas-suq tad-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi

1. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ta' Stat Membru jistgħu jwettqu evalwazzjoni fir-rigward ta' deterġent jew aġent tensjoattiv, li tkopri r-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. Meta jkun hemm raġuni biex wieħed jemmen li deterġent jew aġent tensjoattiv jgħaliq riskju għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom iwettqu dik l-evalwazzjoni. L-operaturi ekonomiċi rilevanti għandhom jikkooperaw mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq.

2. Meta jwettqu t-testijiet għall-fini tal-evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom jużaw il-metodi ta' referenza li jinsabu fl-Annessi, kif applikabbli.
3. Meta, matul l-evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq isibu li d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv ma jikkonformax mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, għandhom jitolbu, mingħajr dewmien, li l-operatur ekonomiku rilevanti jieħu l-azzjoni korrettiva xierqa kollha biex id-deterġent jew l-aġent tensjoattiv jinġieb konformi ma' dawk ir-rekwiżiti, jiġi rtirat mis-suq, jew jissejjaħ lura f'perjodu raġonevoli stabbilit mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u li jkun proporzjonat man-natura tar-riskju msemmi fil-paragrafu 1.
4. Meta awtorità tas-sorveljanza tas-suq tqis li n-nuqqas ta' konformità ma jkunx limitat għat-territorju nazzjonali tagħha, hija għandha tinforma lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri l-oħra bir-riżultati tal-evalwazzjoni u bl-azzjoni korrettiva li tkun talbet lill-operatur ekonomiku jieħu.
5. L-operatur ekonomiku għandu jiżgura li tittieħed l-azzjoni korrettiva xierqa kollha fir-rigward tad-deterġenti jew l-aġenti tensjoattivi kkonċernati kollha li jkun qiegħed fis-suq fl-Unjoni.

6. Meta l-operatur ekonomiku ma jiġux azzjoni korrettiva fil-perjodu ta' żmien imsemmi fil-paragrafu 3, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom jieħdu l-miżuri proviżorji xierqa kollha biex jipprojbixxu jew jirrestrinġu t-tqegħid tad-deterġent jew l-aġent tensjoattiv fis-suq nazzjonali tagħhom, biex jirtirawh minn dak is-suq jew biex isejjüh lura.

L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri l-oħra, mingħajr dewmien, bi kwalunkwe miżura li jieħdu skont l-ewwel subparagrafu. Dik l-informazzjoni għandha tinkludi d-dettalji disponibbli kollha, partikolarment id-data neċessarja għall-identifikazzjoni tad-deterġent jew l-aġent tensjoattiv li mhux konformi, l-oriġini ta' dak id-deterġent jew l-aġent tensjoattiv, in-natura tal-allegat nuqqas ta' konformità u r-riskju involut, in-natura u d-durata tal-miżuri meħuda u l-argumenti mressqa mill-operatur ekonomiku rilevanti.

7. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri għajr l-Istat Membru li jibda l-proċedura skont dan l-Artikolu għandhom jinfurmaw mingħajr dewmien lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri l-oħra bi kwalunkwe miżura adottata u bi kwalunkwe informazzjoni addizzjonali għad-dispożizzjoni tagħhom relatata man-nuqqas ta' konformità tad-deterġent jew l-aġent tensjoattiv ikkonċernat u, fil-każ ta' nuqqas ta' qbil ma' dawk il-miżuri, bl-oġġezzjonijiet tagħhom.
8. Meta, fi żmien tliet xhur minn meta tasal l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 6, it-tieni subparagrafu, ma tkun tqajmet l-ebda oġġezzjoni la minn awtorità tas-sorveljanza tas-suq u lanqas mill-Kummissjoni fir-rigward ta' miżura proviżorja meħuda minn Stat Membru, dik il-miżura għandha titqies bħala ġustifikata.

9. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom jiżguraw li jittieħdu mingħajr dewmien miżuri restrittivi proviżorji xierqa, bħall-irtirar mis-suq tad-deterġent jew l-aġent tensjoattiv, fir-rigward tad-deterġent jew l-aġent tensjoattiv ikkonċernat.
10. Għall-finijiet tal-paragrafi 4, 6, 7 u 8 ta' dan l-Artikolu, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom idaħħlu l-informazzjoni fis-sistema ta' informazzjoni u komunikazzjoni msemmija fl-Artikolu 34(1) tar-Regolament (UE) 2019/1020.

Artikolu 27

Proċedura ta' salvagwardja tal-Unjoni

1. Meta, mat-tlestija tal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 26(3) u (6), jitqajmu oġġezzjonijiet kontra miżura meħuda minn awtorità tas-sorveljanza tas-suq, jew meta l-Kummissjoni tqis li miżura nazzjonali tmur kontra l-liġi tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien, tidħol f'konsultazzjoni mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u mal-operaturi ekonomiċi rilevanti u għandha tevalwa l-miżura nazzjonali. Abbażi tar-riżultati ta' dik l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jiddetermina jekk il-miżura nazzjonali tkunx ġustifikata. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 32(2).

Il-Kummissjoni għandha tindirizza d-deċiżjoni tagħha lill-Istati Membri kollha u għandha tikkomunikaha minnufih lilhom u lill-operaturi ekonomiċi rilevanti.

2. Jekk il-miżura nazzjonali titqies li hija ġustifikata, l-Istati Membri kollha għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv mhux konformi jiġi rtirat mis-suq tagħhom, u għandhom jinfirmaw b'dan lill-Kummissjoni.
3. Jekk il-miżura nazzjonali ma titqiesx ġustifikata, l-Istat Membru kkonċernat għandu jirtiraha.

Artikolu 28

Deterġenti u aġenti tensjoattivi konformi li joħlqu riskju għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent

1. Meta, wara li tkun wettqet evalwazzjoni skont l-Artikolu 26(1), awtorità tas-sorveljanza tas-suq issib li għalkemm deterġent jew aġent tensjoattiv ikun konformi ma' dan ir-Regolament, huwa joħlqu riskju għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent, hija għandha tesiġi li l-operatur ekonomiku rilevanti jieħu l-miżuri xierqa kollha biex jiżgura li d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv, meta jiġi introdott fis-suq, ma jkunx għadu jippreżenta dak ir-riskju, biex jirtirah mis-suq jew biex isejħu lura, f'perjodu raġonevoli stabbilit mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u li jkun proporzjonat man-natura ta' dak ir-riskju.
2. L-operatur ekonomiku għandu jiżgura li jittieħdu l-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 fir-rigward tad-deterġenti jew l-aġenti tensjoattivi kkonċernati kollha li jkun qiegħed fis-suq fl-Unjoni.

3. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri l-oħra, mingħajr dewmien, bi kwalunkwe miżura kif imsemmi fil-paragrafu 1. Dik l-informazzjoni għandha tinkludi d-dettalji kollha disponibbli, b'mod partikolari d-data meħtieġa għall-identifikazzjoni tad-deterġenti jew l-aġenti tensjoattivi kkonċernati, l-oriġini u l-katina tal-provvista ta' dawk id-deterġenti jew l-aġenti tensjoattivi, in-natura tar-riskju involut u n-natura u d-durata tal-miżuri nazzjonali meħuda.
4. Il-Kummissjoni għandha mingħajr dewmien tidħol f'konsultazzjoni mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u mal-operaturi ekonomiċi rilevanti u għandha tevalwa l-miżuri nazzjonali meħuda. Abbażi tar-risultati ta' dik l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jiddetermina jekk il-miżuri nazzjonali humiex ġustifikati u, meta jkun meħtieġ, tipproponi miżuri xierqa. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 32(2).

Il-Kummissjoni għandha tindirizza d-deċiżjoni tagħha lill-Istati Membri kollha u għandha tikkomunikaha minnufih lilhom u lill-operaturi ekonomiċi rilevanti.

Artikolu 29

Nonkonformità formali

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 26, meta awtorità tas-sorveljanza tas-suq tagħmel waħda mis-sejbiet li ġejjin, hija għandha tesiġi li l-operatur ekonomiku rilevanti jtemm in-nuqqas ta' konformità kkonċernat:
 - (a) il-passaport diġitali tal-prodott ma jkunx tfassal f'konformità mal-Artikoli 21 u 22;
 - (b) id-dokumentazzjoni teknika msemija fl-Artikolu 8(2) ma tkunx disponibbli jew ma tkunx kompluta;
 - (c) il-mezz ta' data li permezz tiegħu jkun aċċessibbli l-passaport diġitali tal-prodott u, fejn rilevanti, it-tikketta diġitali, ma jkunx ipprovdut skont l-Artikolu 21(4), punt (a) jew (d) , kif applikabbli;
 - (d) it-tikketta ma tkunx ġiet ipprovduta, jew it-tikketta ma tkunx ġiet ipprovduta f'konformità mal-Artikoli 18 u 19, jew l-informazzjoni tat-tikkettar imsemija fl-Anness V tkun falza jew mhux kompluta;
 - (e) l-iskeda tad-data dwar l-ingredjenti ma tkunx ġiet ikkomunikata jew aġġornata f'konformità mal-Artikolu 8(6), l-Artikolu 9(4), il-punt (a), l-Artikolu 10(3) jew l-Artikolu 11(3), kif applikabbli.

2. Meta n-nuqqas ta' konformità msemmi fil-paragrafu 1 jippersisti, l-Istat Membru kkonċernat għandu jieħu l-miżuri kollha xierqa biex jirrestrinġi jew jipprojbixxi li d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv jitqiegħed fis-suq jew jiżgura li dan jissejjaħ lura jew jiġi rtirat mis-suq.

Kapitolu VII

Setgħat delegati u proċedura ta' kumitat

Artikolu 30

Setgħat delegati

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 31 biex temenda l-Annessi I u II, l-Anness III bl-eċċezzjoni tal-valuri limitu tal-fosforu u l-Annessi IV sa VII, meta tali emendi jkunu meħtieġa biex jiġu adattati għall-progress tekniku jew xjentifiku.
2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 31 biex temenda l-Anness VI, fir-rigward tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta fil-passaport diġitali tal-prodott, għall-finijiet tal-adattament tagħha għall-progress tekniku u xjentifiku u għal-livell ta' prontezza diġitali tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u tal-utenti finali.
3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 31 biex temenda l-Artikolu 24(1) biex titlob li informazzjoni addizzjonali, miġjuba mill-informazzjoni elenkata fl-Anness VI, tiġi maħżuna fir-reġistru.

Meta tadotta atti delegati f'konformità mal-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tqis il-kriterji li ġejjin:

- (a) il-koerenza ma' atti legali tal-Unjoni rilevanti oħra;
- (b) il-ħtieġa li tkun tista' ssir verifika tal-awtentiċità tal-passaport diġitali tal-prodott;
- (c) ir-rilevanza tal-informazzjoni għat-titjib tal-effiċjenza u tal-effettività tal-verifiki tas-sorveljanza tas-suq u tal-kontrolli doganali għad-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi għall-utent finali; u
- (d) il-ħtieġa li jkun evitat li jiġi impost piż amministrattiv sproporzjonat fuq l-operaturi ekonomiċi u l-awtoritajiet nazzjonali.

4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 31 biex temenda l-Anness I u, fejn xieraq, l-Artikolu 4 biex:

- (a) temenda l-kriterji ta' bijodegradabbiltà u l-metodi ta' ttestjar korrispondenti għall-aġenti tensjoattivi jew l-aġenti tensjoattivi li jinsabu fid-deterġenti;
- (b) tistabbilixxi l-kriterji ta' bijodegradabbiltà u metodi ta' ttestjar korrispondenti għal sustanzi organiċi mizjudja intenzjonalment għajr aġenti tensjoattivi; jew
- (c) tistabbilixxi eċċezzjonijiet li jawtorizzaw l-użu limitat fid-deterġenti ta' sustanzi organiċi speċifiċi li ma jikkonformawx mal-kriterji ta' bijodegradabbiltà stabbiliti f'konformità mal-punt (b), meta debitament ġustifikat.

Sa ... [3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati li jistabbilixxu kriterji ta' bijodegradabbiltà u metodi ta' ttestjar għar-riti u l-polimeri fir-riti.

Sa ... [5 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati li jistabbilixxu kriterji ta' bijodegradabbiltà u metodi ta' ttestjar għal sustanzi organiċi miżjuda intenzjonalment f'konċentrazzjoni ta' mill-inqas 10 % w/w tal-massa totali ta' sustanzi, eskluż l-ilma, fid-deterġenti, għajr l-aġenti tensjoattivi, ir-riti u l-polimeri fir-riti.

5. L-għan tal-atti delegati msemmija fil-paragrafu 4 għandu jkun li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent. Meta tadotta tali atti delegati, il-Kummissjoni għandha tqis:
- (a) l-impatt fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, inkluż l-evidenza xjentifika li tindika l-eżistenza ta' riskju;
 - (b) il-prattiki tal-manifattura;
 - (c) id-disponibbiltà ta' alternattivi teknikament u ekonomikament fattibbli;
 - (d) il-konsegwenza fuq l-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi; u
 - (e) l-impatt fuq intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

6. Sa ... [30 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 31 biex temenda l-punt 7 fl-Anness II biex tistabbilixxi metodoloġija għall-valutazzjoni tar-riskju fil-livell tar-razza u fil-livell tal-prodott fil-kundizzjonijiet kollha tal-użu prevedibbli kif iddikjarat mill-manifattur.

Il-metodoloġija msemmija fl-ewwel subparagrafu għandu jkun fiha r-regoli għall-identifikazzjoni u l-karatterizzazzjoni tal-mikroorganizi u l-kriterji biex jiġi ddeterminat li d-deterġent huwa sikur għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent, inkluż il-potenzjal ta' sensitizzazzjoni tal-ġilda u respiratorja tal-prodotti f'format ta' sprej, u r-riskji potenzjali fil-każ ta' iġestjoni ta' deterġenti użati fuq superfiċji f'kontatt mal-ikel.

Il-metodoloġija msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tiġi stabbilita bl-użu ta' metodi ta' ttestjar li ma jinvolvu l-annimali, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe liġi rilevanti oħra tal-Unjoni, u ma għandhiex tipprevjeni l-użu ta' data storika.

7. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 31 biex temenda l-Anness IV biex tistabbilixxi rekwiżiti armonizzati, inkluż format armonizzat, dwar kif l-iskeda tad-data dwar l-ingredjenti għandha tiġi pprovduta f'konformità mal-Artikolu 8(6), l-Artikolu 9(4), il-punt (a), l-Artikolu 10(3) u l-Artikolu 11(3), u li tistabbilixxi d-dettalji ta' dik il-komunikazzjoni u l-kundizzjonijiet li jeħtieġu aġġornament tal-iskeda tad-data dwar l-ingredjenti. Meta tiżviluppa dawk ir-rekwiżiti, dettalji u l-kundizzjonijiet, il-Kummissjoni għandha tqis il-ħtieġa li jiġi żgurat aċċess effettiv għall-iskeda tad-data dwar l-ingredjenti mill-korpi maħtura, kif ukoll il-ħtieġa li jiġi limitat il-piż amministrattiv.

8. Meta fir-Regolament (KE) Nru 1223/2009 jiġu introdotti jew emendati l-limiti ta' konċentrazzjoni individwali bbażati fuq ir-riskju tal-fwejjaħ allerġeniċi, il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 31 ta' dan ir-Regolament biex temenda l-Anness V ta' dan ir-Regolament sabiex tadattah għal-limiti ta' konċentrazzjoni għall-fwejjaħ allerġeniċi elenkati fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009.
9. Meta jiġu elenkati fwejjaħ allerġeniċi ġodda tal-fwejjaħ fl-Anness II jew III tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009, il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 31 ta' dan ir-Regolament sabiex daww il-fwejjaħ allerġeniċi jiżiedu fil-Parti D tal-Anness V ta' dan ir-Regolament.
10. Sa ... [l-ewwel jum tax-xahar wara 30 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 31 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tiddetermina r-rekwiżiti speċifiċi għat-tikkettar diġitali tad-deterġenti. Daww ir-rekwiżiti għandhom tal-anqas jistabbilixxu liema tipi ta' soluzzjonijiet tal-IT jistgħu jużaw l-operaturi ekonomiċi, u l-mezzi alternattivi għall-għoti tal-informazzjoni dwar it-tikketta diġitali msemmija fl-Artikolu 19.

Meta tadotta l-atti delegati msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tqis il-kriterji li ġejjin:

- (a) il-ħtieġa li t-tikkettar diġitali ma jikkompromettix is-sikurezza tal-utenti finali u tal-ambjent;
- (b) il-koerenza ma' atti rilevanti oħra tal-Unjoni;
- (c) il-ħtieġa li tiġi mħeġġa l-innovazzjoni;

- (d) in-newtralità teknoloġika kkaratterizzata min-nuqqas ta' restrizzjonijiet jew preskrizzjonijiet dwar l-għażla tat-teknoloġija jew tat-tagħmir, fil-limiti tal-kompatibbiltà u l-evitar tal-interferenza; u
 - (e) il-livell ta' prontezza diġitali fost il-gruppi kollha tal-popolazzjoni fl-Unjoni, kif ukoll il-prontezza tal-infrastruttura bla fili u infrastruttura teknoloġika oħra meħtieġa biex tippermetti aċċess mingħajr restrizzjonijiet għall-informazzjoni dwar id-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi.
11. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 31 biex temenda l-Anness V fir-rigward tal-informazzjoni tat-tikkettar li l-operaturi ekonomiċi jistgħu jipprovdu biss b'mod diġitali, f'konformità mal-Artikolu 17(2), sabiex tadatta dak l-Anness għall-progress tekniku u xjentifiku u għal-livell ta' prontezza diġitali fost l-utenti finali tad-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi. Meta tadotta dawk l-atti delegati, il-Kummissjoni għandha tqis il-ħtieġa li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent.
12. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 31 biex temenda l-Anness VII sabiex taġġorna l-lista tal-kodiċijiet tal-komodità u d-deskrizzjonijiet tal-prodotti tad-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi. Dawk l-emendi għandhom ikunu bbażati fuq il-lista li tinsab fl-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87.

Artikolu 31
Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemija fl-Artikolu 30 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin minn ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' tul ta' żmien identiku, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jopponu tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.
3. Id-delega tas-setgħa msemija fl-Artikolu 30 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttejjm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti maħtura minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 30 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejr in joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 32

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat dwar id-deterġenti. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Kapitolu VIII

Dispożizzjonijiet tranżitorji u finali

Artikolu 33

Penali

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għal ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom, mingħajr dewmien, jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk ir-regoli u dawk il-miżuri u għandhom jinnotifikawha, mingħajr dewmien, bi kwalunkwe emenda sussegwenti li tolqothom.

Artikolu 34

Rapporti u rieżami

1. Sa ... [s7 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Dak ir-rapport għandu jkun fih valutazzjoni ta' kif dan ir-Regolament qed jilħaq l-oġġettivi tiegħu, inkluż l-impatt fuq l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u għandu jinkludi mill-inqas l-elementi li ġejjin:
 - (a) fir-rigward tad-deterġenti li fihom mikroorganiżmi, l-adegwatezza tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness II biex tiġi żgurata s-sikurezza ta' dawk il-prodotti għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent;

- (b) fir-rigward tal-bijodegradabbiltà, valutazzjoni tal-fattibbiltà tal-introduzzjoni ta' kriterji ta' bijodegradabbiltà għal sustanzi organiċi miżjuda intenzjonalment fid-deterġenti f'konċentrazzjonijiet aktar baxxi minn 10 % w/w tal-massa totali ta' sustanzi, eskluż l-ilma, għajr l-aġenti tensjoattivi, ir-riti u l-polimeri fir-riti, inkluż bil-ħsieb li tiġi eżaminata l-fattibbiltà li l-limitu ta' 10 % jiġi rivedut 'l isfel;
- (c) fir-rigward tal-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent mis-sustanzi l-aktar dannużi, valutazzjoni tal-ħtieġa li jiġu inklużi dispożizzjonijiet f'dan ir-Regolament dwar il-preżenza ta' dawk is-sustanzi fid-deterġenti u fl-aġenti tensjoattivi, filwaqt li titqies l-interazzjoni ta' dan ir-Regolament ma' liġijiet rilevanti oħra tal-Unjoni;
- (d) fir-rigward ta' deterġenti li fihom sustanzi attivi bijoċidali, minbarra dawk elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, valutazzjoni tal-ħtieġa li jiġu introdotti regoli aktar stretti;
- (e) fir-rigward tad-deterġenti li fihom il-fosfati u komposti oħra tal-fosfru, il-possibbiltà li jiġi limitat aktar il-kontenut tal-fosforu jew li jiżdiedu l-limitazzjonijiet tal-kontenut tal-fosforu fuq kategoriji oħra ta' prodotti fl-Anness III, bil-ħsieb li tiġi eżaminata l-fattibbiltà tat-tneħħija gradwali tal-fosfru, filwaqt li jitqies l-impatt fuq l-ambjent, id-disponibbiltà ta' alternattivi u l-impatt soċjoekonomiku tas-sostituzzjoni;

- (f) il-ħtieġa li jiġu introdotti regoli addizzjonali dwar it-tikkettar tad-deterġenti tal-ħasil tal-ħwejjeġ għall-konsumatur mibjugħa fi fliexken bl-ġhotjien, fejn tali ġhotjien huma maħsuba biex jintużaw bħala tazzi tal-kejl, filwaqt li jitqiesu kemm il-fattibbiltà kif ukoll il-potenzjal li jittejjeb l-użu korrett u sikur tad-deterġenti; u
- (g) il-ħtieġa, il-fattibbiltà, il-konsegwenzi tekniċi u l-benefiċċji għas-saħħa tal-bniedem, il-klima u l-ambjent tal-introduzzjoni ta' miri obbligatorji għall-materja prima rinnovabbli u l-kontenut riċiklat fid-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi, filwaqt li jitqiesu l-impatt soċjoekonomiku, il-kompetittività tal-operaturi ekonomiċi fl-Unjoni, l-akkwist sostenibbli u l-użu ta' materja prima rinnovabbli, il-potenzjal ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-potenzjal għall-użu tal-iskart tal-ikel fid-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi.

Ir-rapport imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jkun akkumpanjat, fejn adatt, minn proposta leġiżlattiva.

2. Sa ... [sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-fattibbiltà li jkomplu jitnaqqsu l-valuri ta' limitu eżistenti għall-fosforu u komposti tal-fosforu għad-deterġenti tal-magni tal-ħasil tal-platti awtomatiċi għall-konsumatur u għad-deterġenti tal-ħasil tal-ħwejjeġ għall-konsumatur u li jiġu stabbiliti valuri limitu għall-prodotti tat-tindif għal uċuħ ebsin għall-konsumatur, għad-deterġenti tal-ħasil tal-platti bl-idejn għall-konsumatur, għad-deterġenti tal-ħasil tal-ħwejjeġ industrijali u istituzzjonali u għad-deterġenti tal-magni tal-ħasil tal-platti awtomatiċi industrijali u istituzzjonali. Dik il-valutazzjoni għandha tqis l-impatt fuq l-ambjent, id-disponibbiltà ta' alternattivi xierqa b'inqas fosforu jew mingħajru u l-impatt soċjoekonomiku tas-sostituzzjoni.

Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar il-konklużjonijiet ewlenin tal-valutazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li jista' jkun akkumpanjat, jekk xieraq, minn proposta leġiżlattiva għall-emenda tal-Anness III.

Artikolu 35

Tħassir tar-Regolament (KE) Nru 648/2004

Ir-Regolament (KE) Nru 648/2004 jitħassar b'effett minn ... [42 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Ir-referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jinftiehem bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness VIII.

Artikolu 36

Dispożizzjonijiet tranżizzjonali

1. Id-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi introdotti fis-suq qabel ... [42 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u li jkunu konformi mar-Regolament (KE) Nru 648/2004 kif applikabbli fi ... [jum qabel 42 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] jistgħu jibqgħu jitqiegħdu fis-suq b'mod indefinit.

2. Deterġenti u aġenti tensjoattivi introdotti fis-suq wara ... [jum qabel 42 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u qabel ... [54 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u li huma konformi mar-Regolament (KE) Nru 648/2004 kif applikabbli fi ... [jum qabel 42 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] jistgħu jitqiegħdu fis-suq sa ... [54 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Artikolu 37

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 4(3) u (4), għandu japplika minn ... [42 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

Għall-Kunsill

Il-President

ANNES I

KRITERJI TAL-BIJODEGRADABBILTÀ U METODI TA' TTESTJAR, IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 4

- A. Aġenti tensjoattivi u aġenti tensjoattivi li jinsabu fid-deterġenti
1. L-aġenti tensjoattivi u l-aġenti tensjoattivi li jinsabu fid-deterġenti għandhom ikunu bijodegradabbli kif determinat f'konformità mal-kriterji stabbiliti fil-punt 2.
 2. L-aġenti tensjoattivi u l-aġenti tensjoattivi li jinsabu fid-deterġenti għandhom jitqiesu li jilhqqu bijodegradazzjoni aerobika finali jekk jissodisfaw wieħed mill-kriterji li ġejjin:
 - (a) il-livell ta' bijodegradabbiltà (mineralizzazzjoni) ikun mill-anqas 60 % fi żmien 28 jum imkejjejl f'konformità ma' wieħed mill-metodi ta' ttestjar li ġejjin:
 - (i) il-metodu C.4.-C CO₂ test tal-evoluzzjoni, deskritt fil-Parti C, il-Parti IV, tal-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 440/2008¹;
 - (ii) il-metodu C.4-D test tar-respirometrija manometrika, deskritt fil-Parti C, il-Parti V, tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 440/2008;
 - (iii) il-metodu C.4-E, test tal-flixkun magħluq, deskritt fil-Parti C, il-Parti VI, tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 440/2008;
 - (iv) il-metodu C.4-F test M.I.T.I., deskritt fil-Parti C, il-Parti VII, tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 440/2008;

¹ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 440/2008 tat-30 ta' Mejju 2008 li jistabbilixxi metodi ta' ttestjar skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH) (ĠU L 142, 31.5.2008, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2008/440/oj>).

- (b) il-livell tal-bijodegradabbiltà (mineralizzazzjoni) ikun mill-anqas 70 % fi żmien 28 jum imkejjejl f'konformità ma' wieħed mill-metodi ta' ttestjar li ġejjin:
 - (i) il-metodu C.4-A test tat-tneħħija tal-kultur, deskritt fil-Parti C, il-Parti II, tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 440/2008;
 - (ii) il-metodu C.4-B test tal-għażla tal-OECD modifikata deskritt fil-Parti C, il-Parti III, tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 440/2008.

Ma għandux jintuża adattament minn qabel u l-prinċipju tat-tieqa ta' għaxart ijiem ma għandu jiġi applikat fl-ebda metodu ta' ttestjar imsemmi f'dan il-punt.

3. It-testijiet imsemmija fil-punt 2 għandhom jitwettqu minn laboratorji li jissodisfaw tal-anqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) jikkonformaw mal-prinċipji ta' Prattika Tajba tal-Laboratorju previsti fid-Direttiva 2004/10/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² jew mal-istandards internazzjonali rikonoxxuti bħala ekwivalenti;

² Id-Direttiva 2004/10/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li għandhom x'jaqsmu mal-applikazzjoni tal-prinċipji ta' Prattika Tajba tal-Laboratorju u l-verifikazzjoni tal-applikazzjonijiet tagħhom għal provi fuq sustanzi kimiċi (ĠU L 50, 20.2.2004, p. 44, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2004/10/oj>).

(b) ikunu akkreditati f'konformità mal-istandard għal-laboratorji msemmi fir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³.

- B. Riti u polimeri fir-riti
 - C. Sustanzi organiċi oħra
 - D. Derogi għal sustanzi organiċi speċifiċi
-

³ Ir-Regolament (KE) 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2008/765/oj>).

ANNEX II

REKWIŻITI GĦAD-DETERĠENTI LI FIDOM MIKROORGANIŻMI, IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 5

1. Il-mikroorganismi kollha miżjuda intenzjonalment fid-deterġenti għandhom:
 - (a) jappartjenu għal jew jiġu ddepożitati f'kollezzjoni ta' Awtorità Depożitarja Internazzjonali (IDA);
 - (b) jiġu identifikati u kkaratterizzati bl-użu ta' analiżi tas-sekwenza tal-ġenoma sħiħa f'konformità mal-metodoloġija li għandha tiġi stabbilita mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 30(6);
 - (c) jiġu identifikati bl-informazzjoni tassonomika li ġejja, filwaqt li titqies l-aħħar informazzjoni ppubblikata fil-Kodiċijiet tan-Nomenklatura Internazzjonali: il-ġeneru, l-ispeċi u l-isem jew il-kodiċi tar-razza.

2. Il-mikroorganismi patoġeniċi li ġejjin ma għandhom ikunu preżenti fl-ebda waħda mill-formulazzjonijiet mikrobiċi inklużi intenzjonalment fil-prodott lest, f'konformità mal-istandards jew il-metodi ta' ttestjar Ewropej jew internazzjonali:
 - (a) *Escherichia coli*;
 - (b) *Streptococcus spp (Enterococcus spp)*;
 - (c) *Staphylococcus aureus*;

- (d) *Bacillus cereus*;
- (e) *Salmonella* spp;
- (f) *Pseudomonas aeruginosa*;
- (g) *Candida albicans*.

3. Il-mikroorganiżmi miżjuda intenzjonalment ma għandhomx ikunu mikroorganiżmi ġenetikament modifikati.
4. Il-mikroorganiżmi miżjuda intenzjonalment għandhom ikunu, bl-eċċezzjoni tar-reżistenza intrinsika, suxxettibbli għal kull waħda mill-klassijiet ta' antibijotiċi ewlenin, jiġifieri amminoglikosidi, makrolidi, betalattamiċi, tetraċiklini u fluworokinoloni, f'konformità mal-metodu ta' diffużjoni madwar id-disk tal-Kumitat Ewropew dwar it-Testijiet tas-Suxxettibbiltà jew ekwivalenti.
5. Meta jiġu introdotti fis-suq, id-deterġenti li jkun fihom mikroorganiżmi għandu jkollhom għadd tal-kolonji standard daqs jew akbar minn 1×10^5 unità li jiffurmaw kolonji (CFUs) għal kull millilitru jew gramma tal-prodott f'konformità mal-istandards jew il-metodi ta' ttestjar Ewropej jew internazzjonali.
6. Il-ħajja minima fuq l-ixkaffa ta' deterġent li jkun fih mikroorganiżmi ma għandhiex tkun iqsar minn 18-il xahar u d-deterġent għandu jkollu għadd tal-kolonji standard daqs jew akbar minn 1×10^4 CFUs għal kull millilitru jew gramma tal-prodott fi tmiem il-ħajja fuq l-ixkaffa f'konformità mal-istandards jew il-metodi ta' ttestjar Ewropej jew internazzjonali.

7. Id-deterġenti li fihom mikroorganiżmi għandhom jiġu introdotti fis-suq biss jekk jintwera użu sikur għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju mwettqa f'konformità mal-metodoloġija li għandha tiġi stabbilita mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 30(6).
8. Il-manifattur għandu jissostanzja l-asserzjonijiet kollha rigward l-azzjonijiet jew il-prestazzjoni tal-mikroorganiżmi miżjuda intenzjonalment li jkunu jinsabu fil-prodott b'testijiet xierqa.
9. Huwa pprojbit li jiġi ddikjarat jew issuġġerit fuq it-tikketta jew bi kwalunkwe komunikazzjoni oħra li d-deterġent ikollu effett antimikrobiku jew ta' diżinfettar, sakemm id-deterġent ma jikkonformax mar-Regolament (UE) Nru 528/2012.
10. It-testijiet imsemmija fil-punti 1, 2, 4, 5, 6 u 8 għandhom jitwettqu minn laboratorji li jissodisfaw tal-anqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:
 - (a) jikkonformaw mal-prinċipji ta' prattika tajba tal-laboratorju previsti fid-Direttiva 2004/10/KE jew standards internazzjonali rikonoxxuti bħala ekwivalenti;
 - (b) ikunu akkreditati f'konformità mal-istandard għal-laboratorji msemmi fir-Regolament (KE) Nru 765/2008.

ANNEX III

LIMITAZZJONIJIET FUQ IL-KONTENUT TAL-FOSFATI
U TA' KOMPOSTI OĦRA TAL-FOSFORU, IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 6

Deterġent	Limitazzjonijiet
Deterġenti tal-ħasil tal-ħwejjeġ ħall-konsumatur	Il-kontenut totali ta' fosforu ħandu jkun inqas minn 0,5 gramma fil-kwantità rakkomandata tad-deterġent li ħandha tintuża fiċ-ċiklu ewlieni tal-proċess tal-ħasil ħal ħasla waħda b'magna tal-ħasil standard kif definit fil-Parti B tal-Anness V ħall-ilma iebes: (i) ħal drappijiet "bi ħmieġ normali" fil-każ ta' deterġenti qawwija, (ii) ħal drappijiet "ftit maħmuġin" fil-każ ta' deterġenti ħal drappijiet delikati.
Deterġenti tal-magni tal-ħasil tal-platti awtomatiċi ħall-konsumatur	Il-kontenut totali tal-fosforu ħandu jkun inqas minn 0,3 gramma fid-dożaġġ standard kif definit fil-Parti B tal-Anness V.

ANNEX IV

PROĊEDURA TA' VALUTAZZJONI TAL-KONFORMITÀ, IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 8(2)

Modulu A - Kontroll intern tal-produzzjoni

1. Deskrizzjoni tal-modulu

Il-kontroll intern tal-produzzjoni huwa l-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità li biha l-manifattur jissodisfa l-obbligi stabbiliti fil-punti 2, 3 u 4, u jiżgura u jiddikjara fuq ir-responsabbiltà unika tiegħu li d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv ikkonċernat huwa f'konformità ma' dan ir-Regolament.

2. Dokumentazzjoni teknika

2.1. Il-manifattur għandu jstabilixxi d-dokumentazzjoni teknika. Id-dokumentazzjoni għandha tagħmilha possibbli li tiġi vvalutata l-konformità tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv mar-rekwiżiti rilevanti u għandha tinkludi analiżi u valutazzjoni adegwati tar-riskji.

2.2. Id-dokumentazzjoni teknika għandha tispeċifika r-rekwiżiti applikabbli u tkopri, sa fejn ikun rilevanti għall-valutazzjoni, id-disinn, il-manifattura u l-użu maħsub tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv. Id-dokumentazzjoni teknika għandu jkun fiha tal-anqas l-elementi li ġejjin:

- (a) deskrizzjoni ġenerali tad-deterġent jew l-aġent tensjoattiv;
- (b) fejn applikabbli, ir-rapporti tat-testijiet li juru l-konformità mal-Annessi I u II u r-rapport tal-valutazzjoni tar-riskju msemmi fil-punt 7 tal-Anness II;
- (c) fejn applikabbli, lista tal-metodi ta' ttestjar użati biex tintwera l-konformità ma' dan ir-Regolament;

- (d) ir-riżultati tal-kalkoli magħmula, inkluż biex tintwera l-konformità mal-valuri limitu stabbiliti fl-Annessi II u III, fejn applikabbli, u l-eżamijiet imwettqa;
- (e) skeda ta' data dwar l-ingredjenti li jkun fiha:
 - (i) l-isem jew l-isem kummerċjali tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv, l-identifikatur uniku tal-formula, l-isem, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trade mark irreġistrata tal-manifattur u l-użu maħsub tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv;
 - (ii) il-lista tas-sustanzi kollha miżjuda intenzjonalment; għall-finijiet ta' tali lista, fwieħa, żejt essenzjali jew aġent koloranti għandhom jitqiesu bħala komponent uniku, u l-preservattivi u l-fwejjaħ allerġeniċi għandhom jiġu elenkati wkoll jekk iridu jiġu ttikkettati f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 jew (UE) Nru 528/2012 jew mal-Parti A, il-punti 1 (h)(iii) u (iv), tal-Anness V ta' dan ir-Regolament.

Is-sustanzi kollha għandhom jiġu identifikati f'konformità mal-Artikolu 18(2) tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008. Madankollu, jista' jintuża isem tan-Nomenklatura Internazzjonali tal-Ingredjenti Kożmetiċi, isem tal-indiċi tal-kulur jew isem kimiku internazzjonali ieħor, sakemm l-isem kimiku jkun magħruf sew u jiddefinixxi l-identità tas-sustanza mingħajr ambigwità. Għandu jiġu pprovdut ukoll l-isem kimiku tas-sustanzi li għalihom ikun tħalla jintuża isem kimiku alternattiv f'konformità mal-Artikolu 24 ta' dak ir-Regolament. Madankollu, l-identifikaturi tal-komponenti ġeneriċi "fwejjaħ" jew "aġenti koloranti" jistgħu jintużaw għall-ingredjenti użati esklużivament biex iżidu fwieħa jew kulur, sakemm jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

- l-ingredjenti mhumiex klassifikati għal xi periklu għas-saħħa;

- il-konċentrazzjoni tal-ingredjenti identifikati b'identifikatur ġeneriku tal-komponent partikolari ma taqbiżx, b'kollox, il-5 % tas-somma tal-fwejjaħ u l-25 % tat-total tal-aġenti koloranti.

Is-sustanzi kollha għandhom jiġu elenkati fl-ordni ta' tnaqqis fl-abbundanza skont il-piż, u l-lista tiġi suddiviża fil-meded ta' perċentwali tal-piż li ġejjin, sakemm il-manifattur ma jagħżilx li jipprovdi l-konċentrazzjoni eżatta:

(1) $\geq 25 - < 100$;

(2) $\geq 10 - < 25$;

(3) $\geq 1 - < 10$;

(4) $\geq 0,1 - < 1$;

(5) $> 0 - < 0,1$.

- (iii) fejn applikabbli, lista tal-mikroorganiżmi kollha miżjuda intenzjonalment li tipprovdi l-klassifikazzjoni tassonomika tagħhom (il-ġeneru, l-ispeċi u l-isem jew il-kodiċi tar-razza), in-numru tal-adeżjoni tad-depożizzjoni ta' kull razza mikrobjali f'IDA, u l-għadd tal-kolonji standard tal-mikroorganiżmi fid-deterġent, espress f'CFUs għal kull millilitru jew gramma tal-prodott;

- (iv) il-pH, jekk disponibbli, tat-taħlita, jew meta l-prodott ikun solidu, il-pH ta' likwidu jew soluzzjoni milwiema f'konċentrazzjoni partikolari; il-konċentrazzjoni tat-taħlita tat-test fl-ilma għandha tiġi indikata; jekk il-pH ma tkunx disponibbli, għandhom jingħataw ir-raġunijiet;
- (v) kampjun tat-tikketta tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv f'konformità mal-Artikolu 17.

3. Manifattura

Il-manifattur għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex il-proċess ta' manifattura u l-monitoraġġ tiegħu jiżguraw il-konformità tad-deterġent jew l-aġent tensjoattiv mad-dokumentazzjoni teknika msemmija fil-punt 2.

4. Passaport diġitali tal-prodott

Il-manifattur għandu joħloq il-passaport diġitali tal-prodott għal kull mudell ta' deterġent jew aġent tensjoattiv għall-utent finali u jiżgura li, flimkien mad-dokumentazzjoni teknika, dan jibqa' disponibbli għal 10 snin minn meta d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv għall-utent finali jkun ġie introdott fis-suq. Il-passaport diġitali tal-prodott għandu jidentifika d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv għall-utent finali li għalih ikun tfassal. Il-manifattur għandu jiżgura wkoll li d-dokumentazzjoni teknika ta' aġenti tensjoattivi oħra tibqa' disponibbli għal 10 snin, fejn applikabbli.

ANNEX V

REKWIŻITI TAT-TIKKETTAR

Parti A

REKWIŻITI ĠENERALI TAT-TIKKETTAR

1. It-tikketta tad-deterġenti u tal-aġenti tensjoattivi li jitqiegħdu fis-suq għandu jkun fiha l-informazzjoni li ġejja:
 - (a) numru tat-tip, numru tal-lott jew element ieħor li jiżgura t-traċċabbiltà tal-prodott;
 - (b) l-identifikatur uniku tal-formula għad-deterġenti jew għall-aġenti tensjoattivi għall-utenti finali ppreċedut mill-akronimu "UFI" b'ittri kapitali segwit minn kolon ("UFI:");
 - (c) l-isem tal-manifattur u, meta applikabbli, l-isem tal-importatur, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trade mark irreġistrata, l-indirizz postali u tal-posta elettronika u n-numru tat-telefown li fih jistgħu jiġu kkuntattjati;; l-indirizz postali għandu jindika punt uniku fl-Unjoni;
 - (d) l-isem u l-isem kummerċjali tal-prodott;
 - (e) l-istruzzjonijiet għall-użu u prekawzjonijiet speċjali, fejn ikun meħtieġ u rilevanti;

- (f) fejn applikabbli, indikazzjoni li l-prodott huwa deterġent industrijali u istituzzjonali għall-użu professjonali biss;
- (g) għall-aġenti tensjoattivi, indikazzjoni li l-prodott huwa adattat għall-użu fid-deterġenti;
- (h) il-kontenut tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv f'konformità mar-regoli li ġejjin:
 - (i) il-meded tal-perċentwali tal-piż "anqas minn 5 %", "5 % jew aktar iżda anqas minn 15 %", "15 % jew aktar iżda anqas minn 30 %" u "30 % u aktar", għandhom jintużaw biex jindikaw il-kontenut tal-kostitwenti elenkati hawn taħt meta jiżdiedu f'konċentrazzjoni ta' aktar minn 0,2 % skont il-piż:
 - fosfati,
 - fosfonati,
 - aġenti tensjoattivi anjoniċi,
 - aġenti tensjoattivi katjoniċi,
 - aġenti tensjoattivi amfoteriċi,
 - aġenti tensjoattivi mhux joniċi,
 - aġenti għall-ibbliċjar ibbażati fuq l-ossiġenu,
 - aġenti tal-ibbliċjar ibbażati fuq il-kloru,

- EDTA (aċidu etilendiamminatetraaċetiku) u l-imliegħ tiegħu,
 - NTA (aċidu nitrilotrijaċetiku) u l-imliegħ tiegħu,
 - fenoli u fenoli aloġenati,
 - paradiklorobenzen,
 - idrokarburi aromatiċi,
 - idrokarburi alifatiċi,
 - idrokarburi aloġenati,
 - sapun,
 - żeoliti,
 - polikarbossilati;
- (ii) il-klassijiet tal-kostitwenti li ġejjin, jekk jizziedu, għandhom jiġu elenkati irrispettivament mill-konċentrazzjoni tagħhom:
- enzimi,
 - mikroorganiżmi,
 - illuminanti ottiċi,
 - fwejjaħ;

- (iii) ħliet meta jkunu diġà ttikkettati fuq il-prodott f'konformità mal-Artikolu 18(3), il-punt (b), tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 jew l-Artikolu 58 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, il-preservattivi għandhom jiġu elenkati, bl-użu, fejn possibbli, tas-sistema msemmija fl-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009, dment li jissodisfaw waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:
- jikkontribwixxu għall-kwalifika tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv bħala oġġett ittrattat kif definit fl-Artikolu 3(1), il-punt (l), tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, irrISPettivament mill-konċentrazzjoni tagħhom; jew
 - huma ttikkettati bħala kostitwent tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv, dment li l-konċentrazzjoni tal-preservattiv fid-deterġent jew fl-aġent tensjoattiv ma taqbiżx il-livelli limiti ta' 0,00015 % (w/w);
- (iv) jekk jizjeddu intenzjonalment f'konċentrazzjonijiet li jaqbiżu 0,01 % skont il-piż, il-fwejjaħ allerġeniċi elenkati fil-Parti D ta' dan l-Anness għandhom jiġu ttikkettati bl-użu, fejn applikabbli, tas-sistema msemmija fl-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009, ħliet għall-fwejjaħ allerġeniċi li diġà huma ttikkettati fuq il-prodott f'konformità mal-Artikolu 18(3), il-punt (b), tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008;
- (v) Il-punti (i) sa (iv) ma għandhomx japplikaw għal deterġenti u aġenti tensjoattivi industrijali u istituzzjonali, dment li l-informazzjoni ekwivalenti għal dik meħtieġa f'dawk il-punti tkun ipprovduta fl-iskeda tad-data dwar is-sikurezza mfassla f'konformità mal-Artikolu 31 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006;

(vi) minbarra l-informazzjoni elenkata fil-punti (i) sa (iv), kif applikabbli, it-tikketta tad-deterġenti li jkun fihom mikroorganiżmi għandu jkollha l-informazzjoni li ġejja:

- indikazzjoni jew dikjarazzjoni ta' prekawzjoni li l-prodott ma għandux jintuża fuq superfiċċi li jiġu f'kontatt mal-ikel, dment li l-prodott ma jkunx instab sikur għal tali applikazzjonijiet abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju msemmija fil-punt 7 tal-Anness II;
- indikazzjoni tal-ħajja fuq l-ixkaffa tal-prodott;
- istruzzjonijiet dwar l-użu jew prekawzjonijiet speċjali, fejn rilevanti.

2. Għad-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi trasportati bl-ingrossa, l-informazzjoni msemmija fil-punti 1(a), (c) u (d), għandha tidher fuq il-kontejners tat-trasport kif ukoll fuq id-dokumenti kollha li jakkumpanjawhom.

Parti B

TIKKETTAR TAL-INFORMAZZJONI DWAR ID-DOŻAĠĠ

1. It-tikketta tad-deterġenti tal-ħasil tal-ħwejjeġ għall-konsumatur għandu jkun fiha l-informazzjoni li ġejja:
 - (a) il-kwantitajiet rakkomandati jew l-istruzzjonijiet dwar id-dożaġġ espressi f'millilitri jew fi grammi jew, fejn ikun rilevanti, l-għadd ta' unitajiet xierqa għal ħasla waħda b'magna tal-ħasil standard, għal-livelli ta' ebusija tal-ilma artab, medju u iebes u li jipprovdur għal proċessi ta' ħasliet f'ċiklu wieħed jew tnejn;

- (b) għal deterġenti qawwija, l-għadd ta' ħasliet b'magna tal-ħasil standard ta' drapp "bi ħmieġ normali", u għal deterġenti għal drapp delikat, l-għadd ta' ħasliet b'magna tal-ħasil standard ta' ħasla ta' drapp "ftit maħmuġ", li jistgħu jinħaslu bil-kontenut tal-pakkett bl-użu ta' ilma ta' ebusija medja, li jikkorrispondi għal 2,5 millimoli CaCO_3/l ; jekk id-deterġent jitqiegħed fis-suq permezz ta' rikarika, l-għadd ta' ħasliet standard b'magna tal-ħasil għandu jiġi espress għal kull litru jew kilogramma tal-prodott; jekk id-deterġent li jitqiegħed fis-suq permezz ta' rikarika jkun f'unitajiet, dak ir-rekwiżit ma japplikax;
- (c) il-kapaċità ta' kwalunkwe tazza tal-kejl, jekk tkun ipprovduta, indikata f'millilitri jew fi grammi, u marki viżibbli b'mod ċar li jindikaw id-doża ta' deterġent adattata għal ħasla b'magna tal-ħasil standard għal-livelli ta' ebusija tal-ilma artab, medju u iebes.
2. Għall-finijiet tal-punt 1, il-ħasliet b'magna tal-ħasil standard għandhom ikunu ta' 4,5 kg ta' drapp niexef għal deterġenti qawwija u 2,5 kg ta' drapp niexef għal deterġenti qawwija għal ċikli qosra u 2,5 kg ta' drapp niexef għal deterġenti ħfief. Deterġent għandu jitqies bħala deterġent qawwi sakemm id-dikjarazzjonijiet tal-manifattur ma jippromwovux b'mod predominanti l-kura tad-drapp, jiġifieri l-ħasil b'temperatura baxxa, il-fibri delikati u l-kuluri.
3. It-tikketta tad-deterġenti tal-magni tal-ħasil tal-platti awtomatiċi għall-konsumatur għandha tindika d-dożaġġ standard espress f'millilitri jew fi grammi jew l-għadd ta' unitajiet għaċ-ċiklu tal-ħasil ewlieni għal oġġetti ta' fuq il-mejda maħmuġa b'mod normali f'magna tal-ħasil tal-platti b'taġġbija sħiħa ta' 12-il post, u taġġusta d-dożaġġ standard, fejn ikun rilevanti, għall-ebusija tal-ilma artab, medju u iebes.

4. It-tikketta tad-deterġenti tal-konsumatur għall-uċuħ għandu jkun fiha d-dilwizzjoni u l-kwantità rakkomandati li għandhom jintużaw għal kull erja tas-superfiċje jew struzzjonijiet oħra rilevanti dwar l-użu biex jiġi żgurat li l-prodott ma jintużax żejjed.

Parti C

TIKKETTAR DIĠITALI

1. L-informazzjoni li ġejja dwar il-kontenut imsemmija fil-Parti A, tista' tiġi pprovduta fuq it-tikketta diġitali biss, f'konformità mal-Artikolu 18(2):
- (a) aġenti tensjoattivi anjoniċi;
 - (b) aġenti tensjoattivi katjoniċi;
 - (c) aġenti tensjoattivi amfoteriċi;
 - (d) aġenti tensjoattivi mhux joniċi;
 - (e) fosfati;
 - (f) fosfonati;
 - (g) sapun.
2. Għad-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi mqiegħda fis-suq permezz ta' rikarika, l-informazzjoni dwar il-kontenut imsemmija fil-Parti A tista' tiġi pprovduta fuq it-tikketta diġitali biss, bl-eċċezzjoni tal-punt 1(h)(iii) u (iv) ta' dik il-Parti.

3. Għad-deterġenti tal-ħasil tal-ħwejjeġ għall-konsumatur, l-informazzjoni dwar id-dożaġġ f'konformità mal-Parti B, il-punti 1 u 2, tista' tiġi pprovduta fuq it-tikketta diġitali biss, jekk tiġi pprovduta grilja tad-dożaġġ simplifikata fuq it-tikketta fiżika, li jkun fiha l-informazzjoni li ġejja:

- (a) l-istruzzjonijiet bażiċi għall-użu;
- (b) il-kwantitajiet rakkomandati bbażati fuq ebusija medja tal-ilma u gradi differenti ta' ħmieġ tad-drapp; u
- (c) indikazzjoni tat-tagħbija tal-magna tal-ħasil.

PARTI D

Lista ta' fwejjaħ allerġeniċi imsemmija fil-punt 1(h)(iv) tal-Parti A

Numru ta' referenza	Isem kimiku/INN ^[1]	Name of Common Ingredients Glossary	Numru CAS	Numru KE
1	Alkoħol benziliku	Benzyl Alcohol	100-51-6	202-859-9
2	6-Metilkumarina	6-Methyl Coumarin	92-48-8	202-158-8
3	2-Benzilideneheptanal	Amyl cinnamal	122-40-7	204-541-5
4	Alkoħol cinnamili	Cinnamyl alcohol	104-54-1	203-212-3
5	3,7-Dimetil-2,6-ottadienal	Citral	5392-40-5	226-394-6
	(E)-3,7-dimetilokta-2,6-dienal	Geranial	141-27-5	205-476-5
	(Z)-3,7-dimetilokta-2,6-dienal	Neral	106-26-3	203-379-2
6	Fenol, 2-metossi-4-(2-propenil)	Eugenol	97-53-0	202-589-1
7	7-Idrossicitronellal	Hydroxycitronellal	107-75-5	203-518-7

Numru ta' referenza	Isem kimiku/INN ^[1]	Name of Common Ingredients Glossary	Numru CAS	Numru KE
8	Fenol, 2-metossi-4-(1-propenil)	Isoeugenol	97-54-1	202-590-7
	(E)-2-metossi-4-(prop-1-enil)fenol; (trans-Isoewgenol)	Isoeugenol	5932-68-3	227-678-2
	(Z)-2-metossi-4-(prop-1-enil)fenol; (cis-Isoewgenol)	Isoeugenol	5912-86-7	227-633-7
9	2-Pentil-3-fenilprop-2-en-1-ol	Amylcinnamyl alcohol	101-85-9	202-982-8
10	Saliċilat benziliku	Benzyl salicylate	118-58-1	204-262-9
11	2-Propenal, 3-fenil-	Cinnamal	104-55-2	203-213-9
12	2H-1-Benzopiran-2-on	Coumarin	91-64-5	202-086-7
13	2,6-Ottadien-1-ol, 3,7-dimetil-, (2E)-	Geraniol	106-24-1	203-377-1
14	Alkoħol 4-Metossibenzil	Anise alcohol	105-13-5	203-273-6
15	Aċidu akriliku, 3-fenil- fenilmetil ester	Benzyl cinnamate	103-41-3	203-109-3
16	2,6,10-Dodekatrien-1-ol, 3,7,11-trimetil-	Farnesol	4602-84-0	225-004-1
17	1,6-Ottadien-3-ol, 3,7-dimetil-	Linalool	78-70-6	201-134-4
18	Benzilbenzoat	Benzyl benzoate	120-51-4	204-402-9
19	Ċitronello/ (±)	Citronello	106-22-9/	203-375-0/
	3,7-Dimetil-6-otten-1-ol		26489-01-0	247-737-6
	(3R)-3,7-dimetilott-6-en-1-ol	Citronello	1117-61-9	214-250-5
	(3R)-3,7-dimetilott-6-en-1-ol	Citronello	7540-51-4	231-415-7
20	2-Benzilidenottanal	Hexyl cinnamal	101-86-0	202-983-3

Numru ta' referenza	Isem kimiku/INN ^[1]	Name of Common Ingredients Glossary	Numru CAS	Numru KE
21	1-metil-4-prop-1-en-2-il-ċikloeżen; dl-limonene (raċemiku); Dipenten	Limonene	138-86-3/ 7705-14-8	205-341-0/ 231-732-0
	(R)-p-menta-1,8-dien; (d-limonen)	Limonene	5989-27-5	227-813-5
	(S)-p-menta-1,8-dien; (l-limonen)	Limonene	5989-54-8	227-815-6
22	Methyl ott-2-inoate; Metil eptin karbonat	Methyl 2-Octynoate	111-12-6	203-836-6
23	3-Metil-4-(2,6,6-tri-metil-2-ċikloeżen-1-il)-3-buten-2-on	alpha-Isomethyl ionone	127-51-5	204-846-3
24	Estratt tal-Oak moss	Evernia prunastri extract	90028-68-5	289-861-3
25	Estratt tat-Treemoss	Evernia furfuracea extract	90028-67-4	289-860-8
26	Żejt u estratt tal-weraq u taz-zkuk ta' <i>Pinus mugo</i>	Pinus Mugo Leaf Oil; Pinus Mugo Twig Leaf Extract; Pinus Mugo Twig Oil	90082-72-7	290-163-6
27	Iż-żejt u l-estratt tal-weraq u taz-zkuk ta' <i>Pinus Pumila</i>	Pinus Pumila Needle Extract; Pinus Pumila Twig Leaf Extract; Pinus Pumila Twig Leaf Oil	97676-05-6	307-681-6
28	Żejt u estratt ta' <i>Cedrus atlantica</i>	Cedrus Atlantica Bark Extract; Cedrus Atlantica Bark Oil; Cedrus Atlantica Bark Water; Cedrus Atlantica Leaf Extract; Cedrus Atlantica Wood Extract; Cedrus Atlantica Wood Oil	92201-55-3/ 8023-85-6	295-985-9/ -
29	Gomma tat-terpentina (<i>Pinus</i> spp.); Żejt tat-terpentina u żejt ippurifikat; Terpentina, iddistillata bil-fwar (<i>Pinus</i> spp.)	Turpentine	9005-90-7; 8006-64-2; 8052-14-0	232-688-5; 232-350-7;

Numru ta' referenza	Isem kimiku/INN ^[1]	Name of Common Ingredients Glossary	Numru CAS	Numru KE
30	p-Menta-1,3-dien	Alpha-Terpinene	99-86-5	202-795-1
31	p-Menta-1,4(8)-dien	Terpinolene	586-62-9	209-578-0
32	<i>Myroxylon balsamum</i> var. <i>pereirae</i> ; estratti u distillati; Żejt tal-Balzmu tal-Perù, assolut u anidru (Żejt tal-Balzmu tal-Perù); Tnixxija ta' <i>Myroxylon pereirae</i> (Royle) Klotzch (Balzmu tal-Perù, mhux maħdum)	Myroxylon Balsamum Pereirae Balsam Extract; Myroxylon Balsamum Pereirae Balsam Oil; Myroxylon Pereirae Oil; Myroxylon Pereirae Resin Extract; Myroxylon Pereirae Resin	8007--00-9	232-352-8
33	1-(2,6,6-trimetil-2-ċikloeżen-1-il)-2-buten-1-on	Alpha-Damascone; cis-Rose ketone 1 trans-Rose ketone 1	43052-87-5/ 23726-94-5 24720-09-0	-/ 245-845-8 246-430-4
	1-(2,6,6-Trimetilċikloeża-1,3-dien-1-il)-2-buten-1-on	Rose ketone 4 (Damascone)	23696-85-7	245-833-2
	1-(2,6,6-Trimetil-3-ċikloeżen-1-il)-2-buten-1-on	Rose ketone 3 (delta-Damascone) trans-Rose ketone 3	57378-68-4 71048-82-3	260-709-8 275-156-8
	(Z)-1-(2,6,6-trimetil-1-ċikloeżen-1-il)-2-buten-1-on	cis-Rose ketone 2 (cis-beta-Damascone)	23726-92-3	245-843-7
	(E)-1-(2,6,6-Trimetil-1-ċikloeżen-1-il)-2-buten-1-on	trans-Rose ketone 2 (trans-beta-Damascone)	23726-91-2	245-842-1

Numru ta' referenza	Isem kimiku/INN ^[1]	Name of Common Ingredients Glossary	Numru CAS	Numru KE
34	3-Propiliden-1(3H)-isobenzofuranon; 3-Propilidenftalide	3-Propylidenephthalide	17369-59-4	241-402-8
35	Verbena assoluta	Lippia citriodora absolute	8024-12-2/ 85116-63-8	285-515-0
36	Żjut essenzjali tal-Verbena (Lippia citriodora Kunth.) u derivattivi għajr dawk assoluti	Lippia citriodora leaf; Lippia citriodora flower oil; Lippia citriodora oil	8024-12-2	285-515-0
37	Metil 2-idrossibenzoat	Methyl Salicylate	119-36-8	204-317-7
38	[3R-(3 α ,3 β ,7 β ,8 α)]-1-(2,3,4,7,8,8a-eżaidro-3,6,8,8-tetrametil-1H-3a,7-metanoažulen-5-il)etan-1-on	Acetyl Cedrene	32388-55-9	251-020-3
39	Pentil-2-idrossi-benzoat	Amyl Salicylate	2050-08-0	218-080-2
40	1-Metossi-4-(1E)-1-propen-1-il-benżen (trans-Anetol)	Anethole	104-46-1/ 4180-23-8	203-205-5/ 224-052-0
41	Benzaldeid	Benzaldehyde	100-52-7	202-860-4
42	Bornan-2-on; 1,7,7-Trimetilbi-ċiklo[2.2.1]-2-ettanon	Camphor	76-22-2/ 21368-68-3/ 464-49-3/ 464-48-2	200-945-0/ 244-350-4/ 207-355-2/ 207-354-7
43	(1R,4E,9S)-4,11,11-Trimetil-8-metilenbiċiklo[7.2.0]undek-4-en	Beta-Caryophyllene	87-44-5	201-746-1

Numru ta' referenza	Isem kimiku/INN ^[1]	Name of Common Ingredients Glossary	Numru CAS	Numru KE
44	2-metil-5-(prop-1-en-2-il)ċikloez-2-en-1-on;(5R)-2-Metil-5-prop-1-en-2-ilċikloez-2-en-1-on;(5S)-2-Metil-5-prop-1-en-2-ilċikloez-2-en-1-on	Carvone	99-49-0 / 6485-40-1/ 2244-16-8	202-759-5/ 229-352-5/ 218-827-2
45	2-Metil-1-fenil-2-propil aċetat; Aċetat tad-Dimetilbenżil Karbinil	Dimethyl Phenethyl Acetate	151-05-3	205-781-3
46	Ossaċikloetta-dekan-2-on	Hexadecanolactone	109-29-5	203-662-0
47	1,3,4,6,7,8-Eżaidro-4,6,6,7,8,8-eżametilċiklopenta- γ -2-benzopiran	Hexamethylindanopyran	1222-05-5	214-946-9
48	3,7-Dimetil otta-1,6-dien-3-il aċetat	Linalyl Acetate	115-95-7	204-116-4
49	Mentol; dl-mentol; l-mentol; d-mentol	Menthol	89-78-1 / 1490-04-6 / 2216-51-5 / 15356-60-2	201-939-0/ 216-074-4/ 218-690-9/ 239-387-8
50	3-Metil-5-(2,2,3-Trimetil-3-Ċiklopentenil)pent-4-en-2-ol	Trimethylcyclopentenyl Methylisopentenol	67801-20-1	267-140-4
51	o-Idrossi-benzaldeid	Salicylaldehyde	90-02-8	201-961-0
52	5-(2,3-Dimetil-triċiklo[2.2.1.0 ^{2,6}]-ett-3-il)-2-metilpent-2-en-1-ol (alfa-Santalol); (1S-(1a,2a(Z),4a))-2-Metil-5-(2-metil-3-metilenbiċklo[2.2.1]jett-2-il)-2-penten-1-ol (beta-Santalol)	Santalol	11031-45-1/ 115-71-9/ 77-42-9	234-262-4/ 204-102-8/ 201-027-2

Numru ta' referenza	Isem kimiku/INN ^[1]	Name of Common Ingredients Glossary	Numru CAS	Numru KE
53	[1R-(1alfa)]-alfa-Etenildekaidro-2-idrossi-a,2,5,5,8a-pentametil-1-naftalenpropanol	Sclareol	515-03-7	208-194-0
54	2-(4-metilċikloeż-3-en-1-il)propan-2-ol; p-Ment-1-en-8-ol (alfa-Terpineol); 1-metil-4-(1-metilvinil)ċikloeżan-1-ol (beta-Terpineol); 1-metil-4-(1-metiletiliden)ċikloeżan-1-ol (gamma-Terpineol)	Terpineol	8000-41-7/ 98-55-5/ 138-87-4/ 586-81-2	232-268-1/ 202-680-6/ 205-342-6/ 209-584-3
55	1-(1,2,3,4,5,6,7,8-ottaidro-2,3,8,8-tetrametil-2-naftil)etan-1-on; 1-(1,2,3,4,5,6,7,8-ottaidro-2,3,5,5-tetrametil-2-naftil)etan-1-on; 1-(1,2,3,5,6,7,8, 8a-ottaidro-2,3,8,8-tetrametil-2-naftil)etan-1-on; 1-(1,2,3,4,6,7,8, 8a-ottaidro-2,3,8,8-tetrametil-2-naftil)etan-1-on	Tetramethyl acetyloctahydronaphthalenes	54464-57-2/ 54464-59-4/ 68155-66-8/ 68155-67-9/	259-174-3/ 259-175-9/ 268-978-3/ 268-979-9/
56	3-(2,2-Dimetil-3-idrossipropil)toluwen	Trimethylbenzenepropanol	103694-68-4	403-140-4
57	4-Idrossi-3-metossibenz-aldeid	Vanillin	121-33-5	204-465-2
58	Żejt u estratt tal-fjuri tal-Cananga odorata; Żejt u estratt tal-fjuri tal-Ylang Ylang	Cananga Odorata Flower Extract; Cananga Odorata Flower Oil	83863-30-3/ 8006-81-3/ 68606-83-7/ 93686-30-7	281-092-1/ -/ -/ 297-681-1

Numru ta' referenza	Isem kimiku/INN ^[1]	Name of Common Ingredients Glossary	Numru CAS	Numru KE
59	Żejt tal-weraq tas-Cinnamomum cassia	Cinnamomum Cassia Leaf Oil	8007-80-5/ 84961-46-6	-/ 284-635-0
60	Żejt tal-qoxra tas-siġra tas-Cinnamomum zeylanicum	Cinnamomum Zeylanicum Bark Oil	8015-91-6/ 84649-98-9	-/ 283-479-0
61	Żejt tal-fjuri tas-Citrus aurantium amara u dulcis	Citrus Aurantium Amara Flower Oil	72968-50-4	277-143-2
		Citrus Aurantium Dulcis Flower Oil	8028-48-6/ 8016-38-4	232-433-8/ -
62	Żejt tal-qoxra tas-Citrus aurantium amara u dulcis	Citrus Aurantium Amara Peel Oil	68916-04-1/ 72968-50-4	-/ 277-143-2
	Żejt tal-qoxra tas-Citrus aurantium amara u dulcis	Citrus Aurantium Dulcis Peel Oil; Citrus Sinensis Peel Oil	97766-30-8/ 8028-48-6/ 8008-57-9	307-891-8/ 232-433-8/ -
63	Żejt tas-Citrus aurantium bergamia (żejt tal-Bergamot)	Citrus Aurantium Bergamia Peel Oil	8007-75-8 89957-91-5 68648-33-9/ 8007-75-8/ 85049-52-1	616-915-9 289-612-9 -/ 616-915-9/ -
64	Żejt tas-Citrus limon	Citrus Limon Peel Oil	84929-31-7/ 8008-56-8	284-515-8/ -
65	Żjut tas-Cymbopogon citratus / schoenanthus/flexuosus	Cymbopogon Schoenanthus Oil	8007-02-1/ 89998-16-3	-/ 289-754-1
	Żjut tas-Cymbopogon citratus / schoenanthus/flexuosus	Cymbopogon Flexuosus Oil	91844-92-7	295-161-9
	Żjut tas-Cymbopogon citratus / schoenanthus/flexuosus	Cymbopogon Citratus Leaf Oil	8007-02-1 91844-92-7	295-161-9/ 295-161-9

Numru ta' referenza	Isem kimiku/INN ^[1]	Name of Common Ingredients Glossary	Numru CAS	Numru KE
66	Żejt tal-Eucalyptus globulus	Eucalyptus Globulus Leaf Oil;	97926-40-4/ 8000-48-4/	308-257-3/ 616-775-9/
	Żejt tal-Eucalyptus globulus	Eucalyptus Globulus Leaf/Twig Oil	8000-48-4	
67	Żejt tal-Eugenia caryophyllus	Eugenia Caryophyllus Leaf Oil	8000-34-8 / 8015-97-2/ 84961-50-2	616-772-2/ -/ 284-638-7
	Żejt tal-Eugenia caryophyllus	Eugenia Caryophyllus Flower Oil	84961-50-2	284-638-7
	Żejt tal-Eugenia caryophyllus	Eugenia Caryophyllus Stem oil	84961-50-2	284-638-7
	Żejt tal-Eugenia caryophyllus	Eugenia Caryophyllus Bud oil	84961-50-2	284-638-7
68	Żejt u estratt tal-Jasminum grandiflorum / officinale	Jasminum Grandiflorum Flower Extract; Jasminum Officinale Oil; Jasminum Officinale Flower Extract	84776-64-7/ 90045-94-6/ 8022-96-6/ 8024-43-9 90045-94-6	283-993-5/ 289-960-1/ -/ - 289-960-1
69	Żejt tal-Juniperus virginiana	Juniperus Virginiana Oil; Juniperus Virginiana Wood Oil	8000-27-9 / 85085-41-2	-/ 285-370-3
70	Żejt tal-Laurus nobilis	Laurus Nobilis Leaf Oil	8002-41-3/ 8007-48-5/ 84603-73-6	-/ -/ 283-272-5

Numru ta' referenza	Isem kimiku/INN ^[1]	Name of Common Ingredients Glossary	Numru CAS	Numru KE
71	Żejt/estratt tal-Lavandula hybrida;	Lavandula Hybrida Oil; Lavandula Hybrida Extract; Lavandula Hybrida Flower Extract;	91722-69-9/ 8022-15-9/ 93455-96-0/ 93455-97-1/ 92623-76-2	294-470-6/ -/ -/ -/ 296-408-3
	Żejt/estratt tal-Lavandula intermedia;	Lavandula Intermedia Flower/Leaf/Stem Extract; Lavandula Intermedia Flower/Leaf/Stem Oil; Lavandula Intermedia Oil	84776-65-8/ 8000-28-0/ 90063-37-9	283-994-0/ -/ 289-995-2
	Żejt/estratt tal-Lavandula angustifolia	Lavandula Angustifolia Oil; Lavandula Angustifolia Flower/Leaf/Stem Extract	84776-65-8/ 8000-28-0/ 90063-37-9	283-994-0/ -/ 289-995-2
72	Żejt tal-Mentha piperita	Mentha Piperita Oil	8006-90-4/ 84082-70-2	-/ 282-015-4
73	Żejt tal-Mentha spicata (żejt tan-nagħniegħ)	Mentha Viridis Leaf Oil	8008-79-5/ 84696-51-5	616-927-4/ 283-656-2
74	Estratt tan-Narcissus poeticus/pseudonarcissus/jonquilla/t azetta	Narcissus Poeticus Extract	90064-26-9/ 68917-12-4	290-087-3/
	Estratt tan-Narcissus poeticus/pseudonarcissus/jonquilla/t azetta	Narcissus Pseudonarcissus Flower Extract	90064-27-0	290-088-9
	Estratt tan-Narcissus poeticus/pseudonarcissus/jonquilla/t azetta	Narcissus Jonquilla Extract Narcissus Tazetta Extract	90064-25-8	290-086-8

Numru ta' referenza	Isem kimiku/INN ^[1]	Name of Common Ingredients Glossary	Numru CAS	Numru KE
75	Żejt tal-Pelargonium graveolens	Pelargonium Graveolens Flower Oil	90082-51-2/ 8000-46-2	290-140-0/ -
76	Żejt tal-Pogostemon cablin	Pogostemon Cablin Oil	8014-09-3/ 84238-39-1	-/ 282-493-4
77	Żejt/estratt tal-fjuri tar-Rosa damascena;	Rosa Damascena Flower Oil; Rosa Damascena Flower Extract	8007-01-0/ 90106-38-0/	-/ 290-260-3
	Estratt/żejt tal-fjuri tar-Rosa alba;	Rosa Alba Flower Oil; Rosa Alba Flower Extract	93334-48-6	297-122-1
	Żejt tal-Fjuri tar-Rosa canina;	Rosa Canina Flower Oil	84696-47-9	283-652-0
	Estratt/Żejt tar-Rosa centifolia;	Rosa Centifolia Flower Oil; Rosa Centifolia Flower Extract	84604-12-6	283-289-8
	Żejt tal-fjuri tar-Rosa gallica;	Rosa Gallica Flower Oil	84604-13-7	283-290-3
	Żejt tal-fjuri tar-Rosa moschata;	Rosa Moschata Flower Oil	-	-
	Żejt tal-fjuri tar-Rosa rugosa	Rosa Rugosa Flower Oil	92347-25-6	296-213-3
78	Żejt tas-Santalum album	Santalum Album Oil	8006-87-9/ 84787-70-2	-/ 284-111-1
79	Fenol, 2-metossi-4-(2-propenil)-, aċetat	Eugenyl Acetate	93-28-7	202-235-6
80	2,6-Ottadien-1-ol, 3,7-dimetil-,1-aċetat, (2E)-	Geranyl Acetate	105-87-3	203-341-5
81	2-Metossi-4-prop-1-enilfenil aċetat	Isoeugenyl Acetate	93-29-8	202-236-1
82	2,6,6-Trimetilbi-ċiklo[3.1.1]jett-2-en (alfa-Pinen); 6,6-Dimetil- 2-metilenbiċiklo[3.1.1]jettan (beta-Pinen)	Pinene	80-56-8/	201-291-9/
			7785-70-8/	232-087-8/
			127-91-3/	204-872-5/
			18172-67-3	242-060-2

Numru ta' referenza	Isem kimiku/INN ^[1]	Name of Common Ingredients Glossary	Numru CAS	Numru KE
83	Isotijoċjanat tal-allil		57-06-7	200-309-2
84	4-Benzilossifenol u 4-etossifenol		103-16-2/ 622-62-8	203-083-3/ 210-748-1
85	4-Fenilbut-3-en-2-on (Aċeton tal-benziliden)		122-57-6	204-555-1
86	Alkoħol taċ-Ċiklamina		4756-19-8	225-289-2
87	Dietilmaleat		141-05-9	205-451-9
88	3,4-Diidrokumarina	Dihydrocoumarin	119-84-6	204-354-9
89	7,11-Dimetil-4,6,10-dodekatrien-3-on	Pseudomethylionone	26651-96-7	247-878-3
90	6,10-Dimetil-3,5,9-undekatrien-2-on	Pseudoionone	141-10-6	205-457-1
91	Akrlat tal-etil	Ethyl acrylate	140-88-5	205-438-8
92	Assolut tal-weraq tat-tin (<i>Ficus carica</i> L.)	Ficus carica extract	68916-52-9	
93	trans-2-Ettenal		18829-55-5	242-608-0
94	Aċetal tad-dietil trans-2-eżenal		67746-30-9	266-989-8
95	Aċetal tad-dietil trans-2-eżenal		18318-83-7	242-204-4
96	Alkoħol idroabietiliku	Hydroabietyl alcohol	13393-93-6	236-476-3
97	1-(4-Metossifenil)-1-penten-3-on (alfa-metilanisilideneaċeton)		104-27-8	203-190-5
98	5-Metil-2,3-eżanedjon (aċetil isovaleril)		13706-86-0 P	237-241-8

Numru ta' referenza	Isem kimiku/INN ^[1]	Name of Common Ingredients Glossary	Numru CAS	Numru KE
99	3,6,10-Trimetil-3,5,9-undekatrien-2-on (psewdo-isometil jonon)		1117-41-5	214-245-8
100	7-Etossi-4-metilkumarina		87-05-8	201-721-5
101	Eżaidrokumarina		700-82-3	211-851-4
102	3- u 4-(4-Idrossi-4-metilpentil) ċikloez-3-en-1-karbaldeid (HICC)		51414-25-6/ 31906-04-4/	257-187-9/ 250-863-4/
103	2,6-Diidrossi-4-metil-benzaldeid (atranol)		526-37-4	—
104	3-Kloro-2,6-Diidrossi-4-metil-benzaldeid (kloroatranol)		57074-21-2	—
105	2-(4-tert-butylbenzil)propionaldeid		80-54-6	201-289-8

^[1] In-Non-proprietary Names (INN) għall-prodotti farmaċewtiċi, WHO, Ġinevra, Awwissu 1975.

ANNEX VI

PASSAPORT DIĠITALI TAL-PRODOTT

Parti A

Informazzjoni li trid tiġi inkluża fil-passaport diġitali tal-prodott

Il-passaport diġitali tal-prodott għandu jinkludi l-informazzjoni li ġejja:

- (a) l-isem kummerċjali, l-identifikatur uniku tal-prodott tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv għall-utenti finali u immaġni bil-kulur tal-imballaġġ jew tat-tikketta tal-mudell tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv għall-utenti finali b'ċarezza suffiċjenti li tippermetti l-identifikazzjoni tiegħu;
- (b) l-isem, l-indirizz postali u dak elettroniku u n-numru tat-telefown tal-manifattur u, fejn applikabbli, tal-importatur jew tar-rappreżentant awtorizzat, kif ukoll l-identifikatur uniku tal-operatur tal-manifattur;
- (c) ir-referenza għall-fornitur tas-servizzi tal-passaport diġitali tal-prodott li jospita l-kopja ta' riżerva tal-passaport diġitali tal-prodotti;
- (d) l-identifikazzjoni tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv għall-utenti finali li tippermetti t-traċċabbiltà;
- (e) indikazzjoni li l-passaport diġitali tal-prodott qed jinħareġ taħt ir-responsabbiltà unika tal-manifattur;
- (f) meta applikabbli, il-kodiċijiet tal-komodità kif stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 li taħtu jiġi kklassifikat id-deterġent jew l-aġent tensjoattiv għall-utenti finali fil-mument li jinħoloq il-passaport diġitali tal-prodott;

- (g) dikjarazzjoni li l-konformità tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv għall-utenti finali ma' dan ir-Regolament ġiet muriġa, u, fejn rilevanti, referenzi għal liġi oħra tal-Unjoni li magħha jikkonforma d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv għall-utenti finali;
- (h) lista sħiħa ta' sustanzi miżjuda intenzjonalment fid-deterġent jew l-aġent tensjoattiv, identifikati f'konformità mal-Artikolu 18(3) tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008; il-preservattivi ta' trasferiment għandhom jiġu elenkati wkoll jekk iridu jiġu inklużi fit-tikketta f'konformità mal-Artikolu 18(3), il-punt (b), tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, l-Artikolu 58 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 jew il-Parti A, il-punt 1(h)(iii), tal-Anness V ta' dan ir-Regolament;
- (i) il-lista tal-mikroorganiżmi kollha miżjuda intenzjonalment li jipprovdu l-klassifikazzjoni tassonomika tagħhom (il-ġeneru, l-ispeċi u l-isem jew il-kodiċi tar-razza).

L-obbligu msemmi fil-punt (h) ta' din il-Parti ma għandux japplika għad-deterġenti industrijali u istituzzjonali, jew għall-aġenti tensjoattivi, li għalihom informazzjoni ekwivalenti hija provduta permezz ta' skeda tad-data dwar is-sikurezza kif imsemmija fl-Artikolu 31 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006.

Parti B

Informazzjoni li tista' tiġi provduta fil-passaport diġitali tal-prodott

Il-passaport diġitali tal-prodott jista' jinkludi l-informazzjoni tat-tikkettar imsemmija fl-Artikolu 17(3) u (4).

ANNEX VII

LISTA TA' KODIĊIJET TAL-KOMODITÀ U DESKRIZZJONI TAD-DETERĠENTI U TAL-AĠENTI TENSJOATTIVI GĦALL-FINIJIET TAL-ARTIKOLU 25(6)

	Kodiċijiet tal-komodità	Deskrizzjonijiet tal-prodott
ex	3401 19 00	Sapun ieħor u aġenti tensjoattivi organiċi u preparati, inkluż prodotti għat-tindif tal-ikel, f'forma ta' biċċiet sħaħ, kejkijiet, biċċiet jew forom iffurmati, u karti, tajjar, feltru u materjali mhux minsuġin, mimlijin, miksijin jew mgħottijin b'deterġent
ex	3401 20	Sapun f'forom oħra maħsub għat-tindif, it-tgħaddis, it-tlaħliħ jew l-ibbliċjar ta' drappijiet, platti jew superfiċji, fosthom prodotti għat-tindif tal-ikel
	3402 31 00	Aġenti tensjoattivi organiċi anjoniċi, kemm jekk ippreżentati għall-bejgħ bl-imnut u kemm jekk le: aċidi sulfoniċi alkilbenżin lineari u l-imluħa tagħhom, fosthom prodotti għat-tindif tal-ikel
	3402 39	Aġenti tensjoattivi organiċi anjoniċi oħra, kemm jekk ippreżentati għall-bejgħ bl-imnut u kemm jekk le, fosthom prodotti għat-tindif tal-ikel
	3402 41 00	Aġenti tensjoattivi organiċi katjoniċi oħra, kemm jekk ippreżentati għall-bejgħ bl-imnut u kemm jekk le, fosthom prodotti għat-tindif tal-ikel
	3402 42 00	Aġenti tensjoattivi organiċi mhux joniċi oħra, kemm jekk ippreżentati għall-bejgħ bl-imnut u kemm jekk le, fosthom prodotti għat-tindif tal-ikel
	3402 49 00	Aġenti tensjoattivi organiċi oħra, kemm jekk ippreżentati għall-bejgħ bl-imnut u kemm jekk le, fosthom prodotti għat-tindif tal-ikel
	3402 50 10	Preparati tensjoattivi ppreżentati għall-bejgħ bl-imnut, fosthom prodotti għat-tindif tal-ikel

	Kodiċijiet tal-komodità	Deskrizzjonijiet tal-prodott
	3402 50 90	Preparazzjonijiet għall-ħasil u preparazzjonijiet għat-tindif ippreżentati għall-bejgħ bl-immnut, fosthom prodotti għat-tindif tal-ikel
	3402 90 10	Preparati ta' aġenti tensjoattivi oħra, fosthom prodotti għat-tindif tal-ikel
	3402 90 90	Preparazzjonijiet oħrajn għall-ħasil u preparazzjonijiet għat-tindif, fosthom prodotti għat-tindif tal-ikel
ex	3405 10 00	Lostri, kremi u preparazzjonijiet simili, għaż-żraben jew għall-ġilda bi proprjetajiet ta' tindif
ex	3405 20 00	Lostri, kremi u preparazzjonijiet simili, għall-manutenzjoni ta' għamara tal-injam, art jew xogħol ieħor tal-injam bi proprjetajiet ta' tindif
ex	3405 30 00	Lostri u preparati simili għall-karrozzerija, ħliet lostri tal-metall, bi proprjetajiet ta' tindif
	3405 40 00	Pejsts u trabijiet għall-għorik u preparati oħrajn għall-għorik
ex	3405 90	Lostri u kremi oħrajn, għaż-żraben, għamara, art, qafas ta' vetturi, ħġieġ jew metall, pejsts u trabijiet għall-għorik u preparati simili bi proprjetajiet ta' tindif
ex	3809 10	Aġenti għall-irfinar b'bażi ta' sustanzi amilaċeużi tat-tip użati fl-industriji tat-tessuti jew industriji simili biex jimmodifikaw is-sensazzjoni jew ir-riħa tad-drappijiet u biex iwebbsu d-drappijiet fi proċessi li għandhom jikkomplementaw il-ħasil tad-drappijiet
ex	3809 91 00	Aġenti għall-irfinar oħra tat-tip użati fl-industriji tat-tessuti jew industriji simili biex jimmodifikaw is-sensazzjoni jew ir-riħa tad-drappijiet fi proċessi li għandhom jikkomplementaw il-ħasil tad-drappijiet
ex	3824 99 45	Komposti ta' kontra l-ġebbla u dawk simili li għandhom jintużaw flimkien ma' deterġent tal-ħasil tal-ħwejjeġ jew deterġent tal-magni tal-ħasil tal-platti awtomatiċi

Noti: fl-ewwel kolonna, "ex" tindika li l-kodiċi elenkat ikopri aktar prodotti minn dawk deskritti fid-deskrizzjoni tal-prodott.

ANNEX VIII

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Ir-Regolament (KE) Nru 648/2004	Dan ir-Regolament
Artikolu 1(1)	Artikolu 1(1)
Artikolu 1(2)	-
Artikolu 2, il-punt (1)	Artikolu 2, il-punt (1)
Artikolu 2, il-punt (1a)	Artikolu 2, il-punt (2)
Artikolu 2, il-punt (1b)	Artikolu 2, il-punt (3)
Artikolu 2, il-punt (2)	-
Artikolu 2, il-punt (3)	Artikolu 2, il-punt (6)
Artikolu 2, il-punt (4)	Artikolu 2, il-punt (7)
Artikolu 2, il-punt (5)	Artikolu 2, il-punt (8)
Artikolu 2, il-punt (6)	Artikolu 2, il-punt (11)
Artikolu 2, il-punt (7)	-
Artikolu 2, il-punt (8)	Artikolu 2, il-punt (13)
Artikolu 2, il-punt (9)	Artikolu 2, il-punt (16)
Artikolu 2, il-punt (9a)	Artikolu 2, il-punt (15)
Artikolu 2, il-punt (10)	Artikolu 2, il-punt (17)
Artikolu 2, il-punt (11)	-
Artikolu 2, il-punt (12)	Artikolu 2, il-punt (5)
Artikolu 3(1)	Artikolu 3(1) u Artikolu 4(2)
Artikolu 3(2)	-
Artikolu 3(3)	Artikolu 8(1)
Artikolu 4(1)	Artikolu 4(1)

Ir-Regolament (KE) Nru 648/2004	Dan ir-Regolament
Artikolu 4(2)	-
Artikolu 4(3)	-
Artikolu 4a	Artikolu 6
Artikolu 5(1)	-
Artikolu 5(2)	-
Artikolu 5(3)	-
Artikolu 5(4)	-
Artikolu 5(5)	-
Artikolu 5(6)	-
Artikolu 6(1)	-
Artikolu 6(2)	-
Artikolu 6(3)	-
Artikolu 6(4)	-
Artikolu 7	-
Artikolu 8(1)	-
Artikolu 8(2)	-
Artikolu 8(3)	-
Artikolu 8(4)	-
Artikolu 9(1)	-
Artikolu 9(2)	-
Artikolu 9(3)	Artikolu 8(6) u Artikolu 16
Artikolu 10(1)	-
Artikolu 10(2)	-
Artikolu 11(1)	Artikolu 1(2), il-punt (b)
Artikolu 11(2) u (3)	Artikolu 17(3)
Artikolu 11(4)	Artikolu 17(4)
Artikolu 11(5)	Artikolu 17(5)

Ir-Regolament (KE) Nru 648/2004	Dan ir-Regolament
Artikolu 11(6)	-
Artikolu 12	Artikolu 32
Artikolu 13	Artikolu 30
Artikolu 13a(1)	Artikolu 31(1)
Artikolu 13a(2)	Artikolu 31(2)
Artikolu 13a(3)	Artikolu 31(3)
Artikolu 13a(4)	Artikolu 31(5)
Artikolu 13a(5)	Artikolu 31(6)
Artikolu 14(1)	Artikolu 3(2)
Artikolu 14(2)	-
Artikolu 14(3)	-
Artikolu 14(4)	-
Artikolu 14(5)	-
Artikolu 15(1), l-ewwel subparagrafu	Artikolu 28(1)
Artikolu 15(1), it-tieni subparagrafu	Artikolu 28(3)
Artikolu 15(2)	Artikolu 28(4)
Artikolu 16	Artikolu 34(2)
Artikolu 17	Artikolu 35
Artikolu 18	Artikolu 33
Artikolu 19	Artikolu 37